# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXXV 2013

# Il-Malti

## Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA AKKADEMIKA
LXXXV
2013

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Olvin Vella

*Membri*: David Agius Muscat

Joseph P. Borg

Maurice Mifsud Bonnici

Thomas Pace

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2013 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-478-0

# Werrej

L-editorjal
*Olvin Vella* .......... 1

Dokumentazzjoni lokali tal-kliem Sqalli li daħal fil-Malti fis-sekli 15 u 16
*Daniel Bezzina* .......... 3

L-għażla komprometttenti bejn id-dawl għammiexi u d-dlam konfortanti f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*
*Stephen Bonanno* .......... 20

Kliem li jibda bil-vokali 'i'
*Mons. Lawrenz Cachia* .......... 38

L-interess ta' James Somerville (1777-1860) fl-ilsien Malti
*Mario Cassar* .......... 40

Patri Fidiel u prietka tal-1813 f'ġieħ San Publiju
*Reno Fenech* .......... 45

"Fuq il-Mewt ta' Bonaparti" ta' Vincenzo Caruana: Dawl ġdid fuq il-poeżija
*Daniel Meilak* .......... 52

Il-grottesk fil-Qarċilla *Żwieġ la Maltija*
*Bernard Micallef* ..........61

Ħmieġ u laħam f'kopjun tas-seklu tmintax ta' qassis Kattoliku
*Immanuel Mifsud* ..........73

Il-ħrafa orali u l-identità tal-mara Maltija
*Ġorġ Mifsud-Chircop* ..........84

Il-Malti fil-gazzetti tal-Maltin tal-Eġittu u Tuneż
*Joseph Vella* ..........103

De Soldanis u l-Kapuċċini ta' Għawdex
*Winston L. Zammit* ..........125

L-Akkademja tal-Malti matul is-snin (2004 – 2009)
*Joseph P. Borg* ..........127

# L-editorjal

Olvin Vella

Huwa ta' sudisfazzjon għall-Akkademja tal-Malti li tippubblika ħarġa bħal din li għaliha qed jikkontribwixxu riċerkaturi żgħażagħ u oħrajn ta' esperjenza. Magħhom qed inżidu lill-mibki Ġorġ Mifsud-Chircop. Kien għaddielna l-manuskritt xi snin ilu u, bejn minħabba li kellu manuskritti oħrajn biex jidhru f'*Il-Malti* u minħabba t-tul tal-ktiba, l-istudju fuq il-ħrafa li qed nippubblikaw kien baqa' fil-kexxun. Sehmu jerġa' jfakkarna t-telfa kbira li ġarrabna meta ħalliena dan ir-riċerkatur dedikat.

L-istudji l-oħra kollha jgħidulna xi ħaġa ġdida. Id-dokumentazzjoni tal-kliem Sqalli miktub mill-Maltin fiż-Żmien Nofsani tkompli tikxef l-intensità tal-kuntatt bejn iż-żewġ gżejjer. Il-kritika fuq *Leli ta' Ħaż-Żgħir* tingħażel minn kulma ġie ppubblikat s'issa fuq dan ir-rumanz għax qed tirrivaluta l-mertu letterarju. Il-fehma ta' Lawrenz Cachia hija reazzjoni intelliġenti għad-dibattitu li jqum minn żmien għal żmien fil-qasam tal-ortografija dwar lista ta' kliem li, ejjew nammettuha, tħabbat lill-kittieba u l-istudenti. Qed jingħata tagħrif bijografiku ġdid fuq l-antikwarju Skoċċiż Somerville li jingħad kien niseġ grammatika u dizzjunarju tal-Malti. It-tagħrif bijografiku fuq Patri Fidiel, predikatur imfittex fi tmiem is-seklu 18, u l-analiżi lingwistika ta' waħda mill-prietki tiegħu jħeġġuna nkomplu nivvalorizzaw l-element lingwistiku tal-prietki. Il-poeżija ta' Vincenzo Caruana għandha wkoll valur fl-istorja tal-letteratura bikrija bil-Malti. Żewġ studji fuq il-qarċilla tal-1760 ikomplu jikxfu l-merti letterarji ta' Dun Feliċ Demarco. Ir-rabta sentimentali tal-emigranti Maltin fl-Afrika ta' Fuq ma' art

twelidhom hija mistħarrġa permezz tal-kontribuzzjonijiet fil-gazzetti li huma kienu bdew joħorġu u li fihom kienu jirriflettu fuq it-telfa li jġarrbu jekk ma jibqgħux jitkellmu bil-Malti. In-nota fuq de Soldanis tistieden riċerka akbar fuq ir-rabta tiegħu mal-Kapuċċini ta' Għawdex.

Fi tmiem il-volum qegħdin jidhru l-ġrajjiet ewlenin tal-Akkademja matul is-snin 2004-2009 biex nagħtu rendikont tal-ħidma li saret. Xi membri ilhom jitolbuna nippubblikaw x'qed nagħmlu, kif kien isir żmien ilu. Fil-ħarġa li jmiss se nkomplu dan ir-rendikont. Tajjeb infakkru li *Il-Malti* huwa biss wieħed mill-proġetti tal-Akkademja. Ħidma oħra hija t-taħditiet li norganizzaw regolarment, speċjalment dan l-aħħar bl-għajnuna tal-uffiċjali edukattivi tal-Malti (David Agius Muscat, David Muscat u George Mifsud). Il-lejliet mużiko-letterarji li fihom infakkru b'mod mill-aktar dinjituż lill-kittieba ewlenin tagħna ma jonqsux, u matul is-sentejn li għaddew iċċelebrajna 'l Dun Karm, lil Patri Anastasju Cuschieri, 'il Rużar Briffa u 'l Anton Buttigieg. Nagħtu wkoll għajnuniet finanzjarji biex jitwettqu proġetti marbutin mal-letteratura: l-għajnuna għall-ħruġ tad-diski kompatti bil-lirika tal-poeti, u sehemna fir-restawr tal-manuskritt tal-Kantilena, huma xhieda f'waqtha.

# Dokumentazzjoni lokali tal-kliem Sqalli li daħal fil-Malti fis-sekli 15 u 16

Daniel Bezzina

Fl-istudji tal-Malti ġieli nsibu diffikultà nagħrfu jekk kelma barranija hix ta' nisel Sqalli jew Toskan. Skont Joseph Cremona, xi kliem seta' daħal fl-Isqalli mill-Franċiż jew mit-Toskan u mbagħad fil-Malti u għalhekk sal-lum għandna dubju fuq nislu.[1] Barra minn hekk, id-dokumenti bil-Malti ma tantx jgħinuna għax il-Malti beda jinkiteb b'mod regolari mis-seklu 19,[2] meta kien ilu sekli sħaħ jiddakkar mit-Toskan.

L-iskop tal-istudju kien li nfittex f'xi wħud mid-dokumenti bl-Isqalli Medjevali li nkitbu f'Malta biex niksbu ħjiel ta' self mill-Isqalli.

## L-għejun

Ħafna dokumenti bl-Isqalli li nsibu fl-arkivji nutarili u tal-Katidral imorru lura għas-seklu 15 u għalhekk jistgħu jipprovdulna evidenza tan-nisel Sqalli.[3] Ir-riċerka tiegħi bbażajtha fuq it-traskrizzjonijiet tad-dokumenti li ġejjin – illustrazzjoni ċara kemm il-ħidma ta' Fiorini u Wettinger tiswa lil-lingwista storiku:

Busuttil, Joseph. "The Rollo de Mello (1436) and The Will of Don Bernardus Yaner (1442)." Cortis et al 57-72.

Fiorini, Stanley (ed.). *Documentary Sources of Maltese History: Part I, Notarial Documents. Notary Giacomo Zabbara R494/1* (Malta: Malta University Press, 1996).

——. *Documentary Sources of Maltese History: Part I, Notarial Documents. Notary Giacomo Zabbara R494/1 2: 1494-1497.* (Malta: Malta University Press, 1999).

——. "Carnj per lu carnivalj", *Melita Historica*, 9.4 (1987) 311-14.
——. "Li Buky di Lu Rabatu: The Population of Rabat c. 1480", Cortis et al. 73-96.
——. *The 'Mandati' Documents at the Archives of the Mdina Cathedral, Malta: 1473-1539*. Malta: The Hill Monastic Manuscript Library u l-Mużew tal-Katidral, 1992.
——. *Santo Spirito Hospital at Rabat, Malta: The early years to 1575*. (Il-Belt: Id-Dipartiment tal-Informazzjoni, 1989) 87-187.
——. "X'nafu dwar Callus?", *Min kien Callus?* ed. P. Mizzi (Malta: KKM, 2003) 15-53.
Wettinger, Godfrey. "The Militia List of 1419-20: A new starting point for the study of Malta's population", *Melita Historica*, 5.2 (1969) 80-106.
——. "The Militia Roster of Watch Duties of 1417", *The Armed Forces of Malta Journal 32* (1979) 25-42.

Nifhem li hemm traskrizzjonijiet ta' dokumenti oħrajn tal-perjodu, ewlieni fosthom *Acta iuratorum et consilii civitatis et insulae Maltae*, imma minħabba t-tul ta' dal-istudju ma inkludejthomx.

## L-użu tad-djaletti fi Sqallija

Joseph Brincat jgħidilna li fis-seklu 14 l-użu tal-Isqalli fl-amministrazzjoni fi Sqallija kien sar aktar popolari filwaqt li l-Latin baqa' limitat għal dokumenti uffiċjali maħruġa mir-re u l-viċirè; huwa tal-fehma li aktarx l-Isqalli daħal f'Malta f'daż-żmien.[4] Il-kitba letterarja fi Sqallija jidher li baqgħet issir bl-Isqalli imma f'varjetà distinta minn dik mitkellma, u għalkemm it-Toskan ġie rrikonoxxut fi Sqallija fl-1652, l-Isqalli baqa' lingwa akkademika għax kien għadu popolari.

Id-dokumenti minn Malta jixhdu li l-Isqalli beda jinfirex sew. F'bosta dokumenti li għarbilt jidher imħallat mal-Latin, tant li f'ċerti każi ma tkunx tista' tagħżel bejniethom, bħal fil-każ ta' *salmas tres frumenti de regno Sicilie assignandao jn civitate Jn reditu brigantinj*.[5] Fl-istħarriġ li għamilt sibt bosta kliem Latin imħallat f'kitbiet fit-tul bl-Isqalli, bħal meta jissemmew pożizzjonijiet uffiċjali jew dati, ngħidu aħna.

Madanakollu rridu nżommu quddiem għajnejna li, kif jgħidilna Cremona, l-istorja lingwistika ta' Sqallija hija kumplessa u għalhekk l-informazzjoni miġbura tista' ma tkunx preċiża.[6]

**L-użu tal-Isqalli f'Malta sal-1530**

Skont Brincat, l-ewwel kuntatt tal-Maltin mad-djaletti Rumanzi jmur lura għall-perjodu 1191-1223, meta Malta waqgħet taħt il-kontijiet Ġenoviżi b'fewdu, fl-inħawi ta' Sant'Anġlu u l-Birgu.[7] Alberto Varvaro jikkonferma li l-influwenza tal-Isqalli fuq l-Għarbi ta' Malta tmur lura għal daż-żmien u tkompli tal-inqas sas-seklu 16.[8]

Gabriella Alfieri tgħidilna li l-Isqalli kien użat mill-amministrazzjoni tal-pajjiż u kien igawdi prestiġju akbar minħabba li kien meqjus vulgar neo-Latin.[9] Skont Cremona, il-kuntatt ta' Malta max-xatt tan-Nofsinhar ta' Sqallija kien ħafna aqwa minn ma' xtut oħra fil-Mediterran u għalhekk hemm xebh lingwistiku qawwi mal-Malti.[10]

Billi l-kitba bl-Isqalli fis-sekli 13 u 14 kienet kotrot, aktarx kien hawn diversi Maltin li kienu kapaċi jħaddmuh.[11] Brincat jassumi li probabbilment l-Isqalli kien mitħaddet lokalment min-nobbli u l-borgeżija minħabba ż-żwiġijiet imħalltin mal-Isqallin.[12] Jgħid ukoll li l-Isqalli kien jiġi bejn il-bażilett u l-akrolett peress li kien jintuża wkoll f' varjetà kanċellereska għal kitba ta' dokumenti uffiċjali ta' interess lokali.[13]

Karl Chircop sab ittra li tmur lura għall-1396 miktuba bl-Isqalli b'risposta għal ittra li kienet intbagħtet minn Malta, u li aktarx kienet bl-Isqalli wkoll. Din tixhed li dak iż-żmien kien hawn għarfien passiv tad-djalett, tal-inqas fost l-elit. Ta' min jinnota li bosta kliem f'dil-ittra jinsab fil-Malti modern, bħal 'lok' u 'nobbli'.[14]

Minn dokument tal-1409 li Arnold Cassola stħarreġ, joħroġ numru ta' kliem użat fir-reġistru amministrattiv u li llum insibuh fil-Malti, bħal 're' u 'elett'.[15]

Varvaro jaħseb li sal-1530, l-Isqalli gawda prestiġju kostanti f'Malta fost il-klassijiet kollha tas-soċjetà, ukoll bis-saħħa tal-membri tal-amministrazzjoni, tal-professjonisti, tal-kummerċjanti u tal-artiġjani.[16] Brincat jgħidilna li qabel l-1530 il-Maltin ma kenux esposti għat-Toskan, li kien it-'Taljan' letterarju.[17]

Anthony Luttrell tal-fehma li fil-Medjuevu l-popolazzjoni lokali kellha kuntatti ma' ilsna Rumanzi oħra barra mill-Isqalli, bħall-Franċiż u l-Katalan, imma ma influwenzawx l-ilsien mitkellem; il-ftit Ispaniżmi u Franċeżiżmi li għandna fil-Malti daħlu mill-Isqalli.[18]

Brincat, bħal ħafna oħrajn, jgħid li mill-ħakma Normanna sal-wasla tal-Ordni, id-djaletti Sqallin kienu għajn ta' influwenza għall-Malti; li damet sas-seklu 19. Huwa tal-fehma li mhux ta' min jeskludi l-possibiltà li l-influwenza tal-Isqalli f'Malta baqgħet ġejja sas-seklu 17 u jista' jkun li xi kliem ta' nisel

Toskan daħal fil-Malti mill-Isqalli, l-aktar wara l-Assedju l-Kbir, meta l-kuntatt ma' kelliema mill-Italja kollha żdied u sar aktar frekwenti.[19]

**Sehem id-djalett Sqalli mill-1530 sas-seklu 18**

Il-miġja tal-Kavallieri ġabet tibdil kbir f'Malta minħabba d-drawwiet internazzjonali li kellhom għax kienu ġejjin minn partijiet differenti tal-Ewropa. Skont Alfieri, ġabu magħhom it-Toskan miktub, ibbażat fuq it-taħdit tal-Kavallieri Taljani għall-użu uffiċjali, u varjant ta' Sqalli Taljanizzat mitħaddet li kienu jużawh għall-komunikazzjoni interna u mal-elit Maltin.[20]

Sa mis-seklu 15, il-Kavallieri diġà kienu jħaddmu forma ta' Toskan f'Rodi, kif jixhdu bosta dokumenti uffiċjali tal-Ordni. Del Rosso jgħid li meta l-Kavallieri waslu Malta, l-użu tat-Toskan kotor għax fl-Italja beda jsir aktar popolari u jidher li dak iż-żmien ħafna nies ma kellhomx ħakma soda tal-Latin.[21]

L-argument ta' Del Rosso jsaħħaħ it-teorija li fl-istess żmien l-influwenza tal-Isqalli naqset.[22] Uħud mid-dokumenti li analizzajt jixhdu li f'ċerti kuntesti l-użu tal-Isqalli miktub naqas tant li ma kenitx faċli li nagħżlu mit-Toskan imma f'oqsma oħrajn baqa' b'saħħtu u f'xi waqtiet jidhru fdalijiet ċari tiegħu anki wara l-1530. Ngħidu aħna, fir-*Regole per la lingua maltese* (1600-47), jidher kliem Toskan u kliem informali Sqalli Taljanizzat,[23] bħal *nacare, mucialia* u *giorgolana*.[24]

**L-użu u l-influwenza tal-Isqalli fis-seklu 18**

Mikiel Anton Vassalli jgħidilna li d-djalett Malti tal-bliet madwar il-port kellu ħafna kliem ta' nisel Sqalli, Taljan u Franċiż u xi wħud minnu kien beda jieħu post dak ta' nisel Semitiku. Huwa jgħid ukoll li n-nisa tal-ibliet kienu qed jużaw ħafna kliem Sqalli u Toskan fit-taħdit, u l-kliem Malti kien jinstema' mħallat b'ħafna elementi Rumanzi, l-aktar ta' nisel Sqalli u Latin.[25] Ikompli li d-djaletti tal-irħula tal-Punent ta' Malta ma kenux mittiefsa bi kliem ta' nisel Rumanz imma fl-Imdina u r-Rabat kien laħaq daħal xi kliem Rumanz għalkemm mhux f'ammonti kbar.[26]

L-argument ta' Vassalli jorbot ħafna mal-messaġġ li ried iwassal il-Palermitan Domenico Boccadifuoco – li għamel xi żmien Kappillan Konventwali tal-Ordni – fl-*Intermezzo* (1760) ikkupjat minn Ignazio Saverio Mifsud.[27] Insibu

djalogu bejn żewġ karattri, Pantaleone u Vittoria, li jirrifletti s-sitwazzjoni lingwistika f'Malta dik il-ħabta: ir-raġel jitkellem bit-Toskan imma l-mara titkellem b'taħlita ta' Sqalli, Taljan imkisser u Malti.[28]

Skont Mifsud, Vittoria hija l-istrument li bih Boccadifuoco jissatirizza n-nisa Maltin li kienu jitkellmu t-Taljan ħażin.[29] Brincat jurina wkoll li Vittorja tirrappreżenta lill-Maltin tal-perjodu li żammew it-tradizzjoni orali ħajja bbażata fuq l-Isqalli qabel il-miġja tal-Ordni. Mill-analiżi ta' Cassola joħroġ li Vittoria fil-fatt kienet titkellem l-Isqalli ħażin ħażin u aktarx il-borgeżija Maltija kellha għarfien aħjar tal-Isqalli milli tat-Toskan.[30]

## Il-fatturi demografiċi

Tul is-sekli, Malta kienet f'kuntatt kontinwu ma' Sqallija, bħal żwiġijiet ta' Maltin ma' barranin, il-kenn li Sqallija kienet toffri mill-assedji tat-Torok u l-kuntatti fil-portijiet.[31] Nies bħal negozjanti, artiġjani u professjonisti kienu għajn ta' influwenza lingwistika; Henri Bresc isemmi wkoll in-numru mdaqqas ta' familji nobbli minn Sqallija li ġew joqogħdu Malta u li tħalltu mal-Maltin.[32]

Il-lingwaġġ kolt tal-intellettwali, bħal dak li għandu x'jaqsam mal-arti, ir-reliġjon, il-politika u l-liġi, huwa miżgħud b'termini ta' nisel Rumanz għax mis-seklu 14 sas-seklu 20 l-elit tas-soċjetà kienu jitgħallmu jiktbu u jitkellmu bl-Isqalli u aktar tard bit-Toskan.[33] Din is-sitwazzjoni bilingwi għenet biex il-Malti jkompli jiddakkar bi kliem bħal dan.

Varvaro jressaq l-idea li t-taqlib soċjali li esperjenzat Sqallija fil-Medjuevu qered l-għeruq Għarab mil-lingwa, u għalkemm dat-taqlib aktarx inħass f'Malta wkoll, l-effetti kienu inqas drastiċi u ma nistgħux inkunu żguri jekk ġietx ipprattikata xi forma ta' politika lingwistika f'xi waqt.[34]

Fi żmien l-Ordni bdew jaslu bosta immigranti barranin min-Nofsinhar, bħal suldati, baħrin, professjonisti u manwali għall-bini tas-swar. Il-kuntatt lingwistiku kien qawwi biżżejjed biex il-Malti jinbidel bl-introduzzjoni ta' ħafna kliem ta' nisel Rumanz li, skont Brincat, sebaq lill-kliem ta' nisel Semitiku.[35]

Aktarx li l-għeruq Semitiċi baqgħu sodi fi lsienna għax Malta kienet dejjem fil-periferija ta' dak kollu li kien jiġri fi Sqallija Medjevali u jidher li l-komunitajiet Maltin kienu magħqudin ħafna – fatt li għen biex anki l-lingwa baqgħet ikkonservata.[36]

**Sinonimi Semitiċi-Rumanzi**

Fernand Krier tal-fehma li hemm struttura fit-tislif tal-Malti mill-ilsna Rumanzi; il-lessiku bażiku baqa' Semitiku imma termini miżjudin jew periferali huma ta' nisel Rumanz.[37] Jista' jkun li l-bilingwiżmu kien il-fattur soċjolingwistiku li għen biex fil-Malti jkun hemm dawn iż-żidiet jew koppji ġodda, bħal 'tabib' u 'kirurgu', 'għoġol' u 'vitella', 'qaddis' u 'sagru', 'din' u 'reliġjon', 'jum' u 'ġurnata', 'qabar' u 'monument'.

Għandna wkoll xi eżempji ta' sinonimi li t-tnejn ikunu ta' nisel Rumanz, bħal 'barba' u 'ziju'.[38] Mhux ta' min jeskludi li ż-żewġ kelmiet kienu użati fit-taħdit tan-nies fi klassijiet soċjali differenti lura fiż-żmien jew li l-kelliema riedu kliem differenti biex jagħżlu tifsira minn oħra.

**L-amministrazzjoni lokali**

L-ewwel prova konkreta li l-Isqalli kien ilsien uffiċjali ta' Malta hija ittra li ntbagħtet minn Malta fl-1397 u li qiegħda fl-Archivio di Stato ta' Palermo.[39]

Fid-dokumenti bl-Isqalli li għarbilt sibt għadd ta' kliem marbut mal-amministrazzjoni u li llum huwa integrat fil-Malti. Jidher li l-amministrazzjoni introdotta mir-Re Ruġġieru II kienet aktar miftuħa u kienet ukoll amministrata minn barra l-gżira mis-*superiurj*. Il-Maltin ħtieġu terminoloġija ġdida biex jirreferu għal dawn l-elementi ġodda fit-tmexxija lokali u jidher li l-Isqalli kien għajn kbira:[40]

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ambaxaturj* | *Bagliu* | *barunj* | *deputatu* | *Jurati* |
| *Cancellario* | *capu* | *Castellani* | *commissariu* | *consulu* |
| *Contisse* | *magistratu* | *magnificu* | *nobili* | *officiali* |
| *honorabili* | *Honoratu* | *prefatu* | *principe* | *re* |
| *Sindacu* | *Signur* | *Surgente* | *Vice* | *Vicere* |

**Il-ġerarkija ekkleżjastika**

Ir-Re Ruġġieru keċċa ħafna Musulmani minn Malta u Sqallija fl-1224 wara xi inkwiet li nqala' fir-renju u l-Kristjaneżmu f'Malta nfirex malajr, anki minħabba li ħafna nies ta' twemmin Musulman ikkonvertew.[41]

Il-ġabra tal-ministri tal-Katidral bdiet tissejjaħ *capitulu* filwaqt li l-ġerarkija kollha flimkien bdiet tissejjaħ *cleru*. L-għaqdiet reliġjużi, *lordine*, bdew jiżdiedu minħabba li n-nies ta' twemmin Nisrani żdiedu; uħud minn dawn l-ordnijiet jissejħu *minuri*. Affarijiet qaddisa bdew jissejħu *Sagri*.

Jidher li l-popolazzjoni Maltija bdiet tuża t-termini li kienet tisma' mingħand il-barranin biex tindirizzahom b'mod xieraq skont il-pożizzjoni li kienu jokkupaw għax ma kellhiex terminoloġija Maltija li setgħet taqdiha. Fid-dokumenti sibt diversi titli li jirreferu għal nies reliġjużi u li llum huma integrati fi lsienna:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Beatj* | *Don* | *Fra* | *canonico* | *Monsignuri* |
| *Patri* | *reverendu* | *Santita* | *soru* | *Venerabilj* |

Ta' min jinnota n-numru mdaqqas ta' ismijiet ta' pożizzjonijiet amministrattivi u xogħlijiet speċifiċi fi ħdan il-ġerarkija ekkleżjastika li jidhru fid-dokumenti minn Malta miktuba bl-Isqalli:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *abbati* | *abatissa* | *archidiacono* | *Chantru* | *canturi* |
| *Capillano* | *decanu* | *predicaturi* | *Sacerdotu* | *secolaru* |

**Użanzi reliġjużi ġodda**

Ħafna mill-membri tal-kleru f'Malta kienu jkunu barranin li jkunu studjaw fl-Ewropa u għalhekk ġabu magħhom ideat u ħwejjeġ ġodda li maż-żmien saru parti mit-tradizzjoni ekkleżjastika Maltija.

Fid-dokumenti minn Malta tidher terminoloġija tal-għamara u l-arkitettura marbuta mal-knisja:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *altaru* | *armariu* | *banchi* | *bancheti* | *bancuni* |
| *ymagini* | *campanaru* | *coru* | *monumento* | *orgni* |
| *pictura* | *campana* | *Sepulcro* | *scannello* | *tabernaculu* |

Ir-riti reliġjużi saru aktar elaborati u numerużi tul daż-żmien:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *epistoli* | *festa* | *Jndulgencia* | *cantu* | *carnivalj* |
| *luminaria* | *ordinacionj* | *predica* | *processionj* | *strina* |

Il-kotra Maltija bdiet tara bosta *ornamenti* differenti fil-knisja użati waqt ir-riti. Il-kliem li ġej kien jintuża fl-Isqalli Medjevali:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *antiphonario* | *blandunj* | *breviarj* | *domina* | *fonti* |
| *gradualj* | *Jnchensu* | *calachi* | *candela* | *candaliri* |
| *catini* | *curalli* | *crocza* | *cruchifissu* | *cullaru* |
| *coruna* | *lamperi* | *missali* | *psalterio* | *vara* |

Kliem ieħor Malti marbut mal-użanzi tal-Knisja li aktarx daħal mill-Isqalli huwa:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *gloriosu* | *gracia* | *Corpu* | *cristianj* | *Nunciata* |
| *regule* | *presbitero* | *laurora* | *celebranti* | *animi* |

## Ismijiet ta' qaddisin

Il-popolazzjoni bdiet tiġi f'kuntatt ma' ismijiet ta' qaddisin li qabel ma kenitx semgħet bihom. Ir-riti biex jitfakkru dawn il-qaddisin bdew jiżdiedu u l-kalendarju tal-Knisja tista' tgħid kuljum ifakkar tal-inqas qaddis jew ġrajja importanti tal-istorja tal-Knisja. Ħafna qaddisin jingħataw it-titlu ta' *San* u *Santu* fl-Isqalli, u l-Malti jidher li wiret dil-forma wkoll.[42]

Fid-dokumenti bl-Isqalli jidhru diversi ismijiet ta' qaddisin u dan jixhed li l-Malti seta' xorob ħafna minnhom:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *San Francesco* | *Sanctu Jacobu* | *San Joanni* | *Santu Cataldu* | *San Paulo* |
| *Santa Agatha* | *Sanctu Andria* | *Sanctj Laurencij* | *Santa Maria* | *Sante Catharinae* |

Naraw ukoll bosta referenzi għal iben Alla, li jidher li bdew joktru wkoll: *Jesu, Christu, Salvaturi.*

## Is-snajja' u l-professjonijiet

Bis-saħħa tal-artiġjani li bdew jaslu min-Nofsinhar tal-Italja, ir-reġistru tas-snajja' u l-professjonijiet stagħna. Skont Brincat, il-Knisja, ngħidu aħna, ġibdet lejha wħud minnhom biex jaħdmu fuq bini u opri ta' arti reliġjuża f'daż-żmien.[43]

Jidher li l-Maltin influwenzaw ruħhom minn dawn il-ħaddiema ġodda u daħħlu għadd kbir ta' termini marbutin ma' xogħlijiet differenti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *arginteri* | *barberj* | *bactiturj dilu oru* | *burdinaru* | *falcuneri* |
| *frusterj* | *Jucularu* | *garsuni* | *capu mastru* | *carpinterio* |
| *cavallerj* | *currerj* | *cursalj* | *lavuranti* | *manuali* |
| *massaru* | *Mastru* | *mastrudaxa* | *mercanti* | *notar* |
| *organista* | *bastaso* | *picturi* | *portulano* | *servitor* |
| *servu* | *scavu* | *scrivano* | *speziarij* | *Trubaturi* |

**L-għodod**

L-artiġjani li ġew Malta ġabu magħhom l-ismijiet tal-għodod li kienu jużaw:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ampulluzj* | *antenna* | *anterna* | *antinoli* | *larbulu* |
| *bachilj* | *piccuni* | *barda* | *bactagli* | *botti* |
| *chanca* | *chinturj* | *cherchj* | *fallachi* | *flascun* |
| *furno* | *cucharellj* | *capistro* | *carrecti* | *carratellu* |
| *cathanaczu* | *cavectj* | *caxa* | *caxetta* | *lampa* |
| *lancza* | *lasta* | *mantichi* | *michj* | *mortalu* |
| *palio* | *plactunj* | *cannati* | *cannicj* | *segi* |
| *scutelli* | *tacza* | *turcj* | *chimitarra* | *czappuni* |

Iltqajt ukoll ma' kliem li jirreferi għal tipi ta' *mitallu* differenti li kien jintuża dak iż-żmien:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *azaru* | *brunzu* | *chombu* | *landa* | *ramo* |

Ta' min isemmi l-kliem marbut max-xogħol tal-injam, *lignami*, li ltqajt miegħu. Fil-qasam ta' dan ix-xogħol, dan il kliem għadu jintuża:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *fogli* | *foglamj* | *nuchipressu* | *ruvuru* | *serraticzi* |
| *tavula* | *travj* | | | |

Sibt għadd sabiħ ta' kliem marbut mal-kitba u l-karterija:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *carta* | *Quadernu* | *ligatura* | *littera* | *manifestj* |
| *minuta* | *parchimina* | *scripti* | *scrittura* | *volume* |

Kienu jintużaw diversi affarijiet oħrajn relatati max-xogħol, barra l-għodda u l-affarijiet li semmejt hawn fuq:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *achitu* | *balsamo* | *chira* | *filu* | *filu di ferru* |
| *catinj* | *colla* | *corda* | *culurj* | *maglectj* |
| *pannelli* | *perli* | *pipj* | *pumi* | *rina* |
| *rota* | *sarcia* | *serratura* | *spera* | *sigillu* |
| *spagu* | *spini* | *stuppa* | *tachi* | *tachettj* |
| *tartaro* | *tinella* | *turmentina* | *travecto* | *toppi* |
| *tuvagli* | *vaylora* | *verchi* | *virga* | *filecha* |

**Kliem marbut mal-affarijiet prattiċi tal-ħajja ta' kuljum**

Fil-Malti għandna diversi kliem ta' nisel Rumanz li jindika porzjonijiet jew qisien, u d-dokumenti jixhdu li ħafna minnu aktarx daħal mill-Isqalli:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *quartu* | *paru* | *parti* | *peza* | *porcione* |
| *salma* | *terzu* | *tuzana* | | |

Xi termini oħrajn kienu jintużaw biex jirreferu għall-parentela:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *genitorj* | *cugnato* | *matri* | *nanna* | *nepotj* |

Il-kelma *misser* hija ta' nisel Sqalli imma fid-dokumenti Medjevali kienet tfisser titlu ta' rispett, ngħidu aħna *Misser Micheli Faucunj*, *misser Sancto Paulo* u *Misser Grabieli Martin*.

**It-tbaħħir**

Id-dokumenti jixhdu li bosta kliem Malti ta' natura marineska, l-aktar tal-opri tal-baħar, daħal mill-Isqalli:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *barkicta* | *buxula* | *brigantinu* | *cimba* | *fregata* |
| *fusta* | *galerj* | *grippiu* | *carracca* | *lancij* |
| *passagio* | *rocta* | | | |

## Il-kamp militari

It-teknoloġija tal-gwerra kienet avvanzat minn żmien il-ħakma Għarbija u dik li bdiet tasal bdiet twassal magħha t-termini Sqallin. Il-ħakkiema l-ġodda kellhom aċċess għal teknoloġija ġdida bħall-*armi* tan-nar:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *armamentj* | *artigleria* | *bombarda* | *canunj* | *xcupetti* |

Ismijiet tekniċi marbutin mal-*municionj* jidher li bdew jidħlu f'dal-perjodu wkoll:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ballj* | *balestra* | *ballotri* | *pulviri* | *porvili* |
| *salnitro* | | | | |

Xi kliem jispeċifika x-xogħol ta' persuna marbuta mal-armi:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *bombarderi* | *guardia* | *guardianu* | *guarnicioni* | *sicurutatj* |
| *soldati* | | | | |

Ta' min wieħed isemmi wkoll:

| | | |
|---|---|---|
| *assedio* | *chippi* | *forticza* |

## Bini

L-iżvilupp tal-pajsaġġ Malti nsibuh dokumentat ukoll. Fost il-postijiet li jaqdu l-ħtiġiet spiritwali tal-kotra nsibu:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *abbatia* | *Cappella* | *catedrali* | *conventu* | *alabatia* |
| *monasterio* | *paruca* | *sinagoga* | | |

Hemm għadd ta' ismijiet ta' postijiet oħra:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *bucheria* | *cimiterio* | *dormitorio* | *taverna* | *forgia* |
| *infirmaria* | *casini* | *mandra* | | |

Ta' min jinnota wkoll ir-referenzi għall-isptar (*Spital*) *Santu Spiritu*. Dal-isem għadu jintuża.

Kliem Sqalli ieħor huwa:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *animagio* | *aree* | *limiti* | *loci* | *kastellu* |
| *quarterio* | *palaczu* | *piacza* | *portu* | *Curti* |
| *Scola* | *spacio* | *territoriu* | *thesoru* | *toccu* |
| *turri* | *pergulo* | *zuna* | | |

## L-arkitettura

L-iżvilupp fl-arkitettura nistgħu nosservawh fil-ġabra tal-kliem Sqalli li mbagħad daħal fil-Malti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *arcu* | *arcata* | *bucca* | *changunj* | *chavj* |
| *fachata* | *frontispicio* | *fossu* | *funtana* | *Jardinu* |
| *conducti* | *grada* | *gructa* | *campu* | *cammera* |
| *canali* | *cantuni* | *cantunera* | *capitelli* | *confinj* |
| *logia* | *ponti* | | | |

## Ismijiet ta' pajjiżi u bliet barranin

Xi ismijiet Sqallin ġew integrati fil-Malti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *alagona* | *Algaria* | *Franza* | *Catania* | *Messina* |
| *Palermu* | *Rodj* | *ruma* | *Siracusa* | *Vinecia* |

**L-ismijiet tax-xhur**

L-ismijiet tax-xhur tista' tgħid li kollha mnisslin mill-Isqalli:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *aprili* | *dicembru* | *Jugnu* | *Jinnaru* | *Marczo* |
| *mayu* | *novembru* | *ottubru* | *septembru* | |

**Annimali**

Mill-Isqalli jidher li l-Malti xorob numru mdaqqas ta' ismijiet ta' *animali*:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *aycula* | *falcunj* | *galloczi* | *capuni* | *majali* |
| *muntuni* | *vitella* | | | |

**Ilbies u drapp**

Id-dokumenti bl-Isqalli juru li f'Malta beda jasal materjal ġdid biex issir il-ħjata:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *bruccato* | *damasco* | *drappi* | *fustayne* | *Jmbroccatu* |
| *Jnchirati* | *inforra* | *cannavaczu* | *pannu* | *tila* |

Ta' min jinnota dal-kliem li jirreferi għall-ilbies minn taqsimiet differenti tas-soċjetà:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *bucula* | *buctunj* | *gunnella* | *Jnguanti* | *cappa* |
| *cordella* | *curdunj* | *lazj* | *mantu* | *velo* |

Dal-kliem jirreferi għal affarijiet oħrajn magħmulin bid-drapp:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *bandera* | *bursa* | *investa* | *cutra* | *pannello* |
| *pavagluni* | *pendenti* | *scufia* | *tappitu* | *tinpagnj* |

F'daż-żmien, xogħol aktar fin tad-drapp beda jidħol fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u sibt għadd ta' kliem li jirreferi għal *vestimenti* u affarijiet oħrajn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *albi* | *berrittj* | *gasubla* | *corporali* | *pantofali* |
| *stoli* | *tappini* | *tunicelli* | | |

**Termini legali u finanzjarji**

Fid-dokumenti nsibu ħafna kliem ta' natura legali li, għalkemm dak iż-żmien kien parti mir-reġistru formali tal-amministraturi, maż-żmien ġie integrat fil-Malti:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *acusa* | *allegacioni* | *larchiviu* | *assiguramento* | *actu* |
| *ambaxata* | *aviso* | *accione* | *bandi* | *bulla* |
| *civilj* | *declaracionj* | *deliberacionj* | *dota* | *drictu* |
| *electu* | *electi* | *heredi* | *pheudo* | *forma* |
| *Juramentu* | *Jurj* | *Jurisdictione* | *interventu* | *Jnventariu* |
| *Jnvestigacione* | *capitulj* | *causa* | *casu* | *comandamentu* |
| *collega* | *condicione* | *contra* | *contrafactu* | *contractu* |
| *copia* | *copij* | *compagnia* | *compagnu* | *custodia* |
| *questionj* | *quistionj* | *licita* | *legitimo* | *licencia* |
| *litigo* | *mandato* | *anomu* | *obligatu* | *opposicionj* |
| *ordini* | *originali* | *partiti* | *patruni* | *pacto* |
| *peticione* | *pena* | *potere* | *privilegio* | *processu* |
| *procura* | *protesta* | *regno* | *repertorio* | *Sede* |
| *sequestrati* | *sentencia* | *serviczu* | *servito* | *socij* |
| *expedicionj* | *statu* | *termini* | *usufructu* | *verificata* |

Xi kliem norbtuh mal-ġid finanzjarju:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *beneficio* | *benj* | *censu* | *deposito* | *dinarj* |
| *donacione* | *duana* | *emolumenti* | *cabellottu* | *guadagnu* |
| *Jntroytu* | *cappara* | *carlinu* | *collecta* | *cuntu* |
| *contanti* | *contantj* | *creditu* | *cumplimento* | *mercancia* |
| *negocio* | *nolu* | *paga* | *pagamentu* | *pensioni* |
| *preczu* | *rata* | *salariu* | *Somma* | *spisa* |
| *subsidiu* | *thesaureria* | *valuta* | *xisa* | |

## Konklużjoni

B'dan l-istudju nixtieq nuri li llum sar possibbli niktbu studji dettaljati fuq l-etimoloġija ta' xi kliem Malti ta' nisel Rumanz. Dan jgħinna wkoll biex insibu tarf tal-aġenti li dakkru l-element Sqalli fil-Malti. Xi wħud, bħal John Micallef[44] u Aquilina,[45] ħadmu fuq l-etimoloġija tal-kliem Malti ta' nisel Sqalli, imma straħu fuq it-tqabbil tal-kelma Maltija ma' kif tidher fid-dizzjunarji Sqallin tas-sekli 18-20. Għalhekk it-tiftix etimoloġiku ta' dawn l-istudjużi ma sarx fuq dokumentazzjoni tal-perjodu li fih l-Isqalli kien qed jinfluwenza l-Malti.

B'xorti tajba, illum għandna f'idejna aċċess akbar u komdu għad-dokumenti Medjevali, ipprovduti minn storiċi ħabrieka bħal Fiorini u Wettinger. Bis-saħħa tat-traskrizzjonijiet tagħhom, li saru primarjament għal finijiet storiċi, il-lingwista storiku qed ikun mistieden ifittex tweġibiet li, mingħajr dawn id-dokumenti, ma kienx ikun possibbli li jinstabu. Hawnhekk qed nagħti tabella b'xi eżempji mqabblin mad-dizzjunarju ta' Aquilina:

| Il-kelma kif tidher f'Aquilina MT-EN | L-etimoloġija skont Aquilina MT-EN | Il-kelma f'dokumenti bl-Isqalli tal-Maltin |
|---|---|---|
| **arloġġ** | *orologgiu* | *arlogiu (1522)* |
| **biċċerija** | *vucciria* | *bucheria (1528)* |
| **boxxla** | *bussola* | *buxula (1487)* |
| **ċomb** | *chiummu* | *chombu (1537)* |
| **Franza** | *Francia* | *Franza (1419)* |
| **katnazz** | *catenaccio* | *cathanaczu (1494)* |
| **skutelli (pl.)** | *scodella* | *scutellj (1487)* |
| **tużżana** | *duzzana* | *tuzana (1538)* |

*Minn qalbi nirringrazzja lit-tutur u ħabib tiegħi Olvin Vella li kien ta' għajnuna kbira u ħeġġiġni biex nagħmel dal-istudju.*

### Noti

1 Joseph Cremona, "The Romance element in Maltese: A review of the problems," *Transactions of the Philological Society*, 88 (1990) 174.

2 Cremona 171-172.

3 Cremona 171-172.

4 Joseph Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* (Malta: PIN, 2000) 51-52.

5 Daniel Bezzina, *Dokumentazzjoni Lokali tal-Kliem Sqalli li daħal fil-Malti fis-sekli 15 u 16*, teżi tal-BA (Unuri) (L-Università ta' Malta, 2011) 97.

6 Cremona 173.
7 Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 42.
8 Alberto Varvaro, "La lingua in Sicilia e a Malta nel Medioevo," *Journal of Maltese Studies*, 17-18 (1987-88) 1-5. Ara wkoll Cremona 165-166.
9 Gabriella Alfieri, "Il siciliano come dialetto di contatto tra le 'lingue' nazionali dei Cavalieri di Malta nel Sei-settecento," *Dialetti e lingue nazionali* (Ruma: Bulzoni, 1995) 242.
10 Cremona 175-176.
11 Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 43.
12 Brincat, "Language and Demography in Malta: The Social Foundations of the Symbiosis between Semitic and Romance in Standard Maltese," *Malta, a Case Study in International Cross-Currents* (Malta: L-Università ta' Malta, 1991) 95-99.
13 Brincat, "L'italiano parlato a Malta," *Atti del Convegno di Studi: L'italiano e le regioni* (Udine: L-Università degli studi di Udine, 2001) 71-80.
14 Lil Karl Chircop jikkwotah Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 44-45. Għal lista itwal ta' eżempji ara l-istess referenza.
15 Lil Arnold Cassola jikkwotah Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 44. Għal lista itwal ta' eżempji ara l-istess referenza.
16 Varvaro 4.
17 Brincat, "Code-switching in XVIIIth century Malta: the author and date of the Intermezzo copied by I.S. Mifsud in his Stormati," *The Sunday Times of Malta* (21 ta' Settembru 1999) 32.
18 Lil Anthony Luttrell jikkwotah Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 43.
19 Brincat, "Un esempio di -LL- > -DD- nel maltese," *Journal of Maltese Studies* 17-18 (1987-88) 27-31.
20 Alfieri 245-246.
21 Lil Del Rosso jikkwotah Brincat, "L'italiano parlato a Malta" 71-72.
22 Varvaro 4. Ara wkoll Alfieri 255-256.
23 Brincat, "Gli usi lingusitici in Sicilia e a Malta nel periodo dei Cavalieri. Sviluppi paralleli e contrastanti dell'italianizzazione," *I Cavalieri di San Giovanni e la loro presenza in Sicilia* (Ruma: 2001) 31-32. Ara wkoll Alfieri 255-256.
24 Arnold Cassola, "Neologisms and archaisms in the 'Regole per la lingua maltese'," *Languages of the Mediterranean* (Malta: L-Università ta' Malta, 1994) 209-210.
25 Mikiel Anton Vassalli, *Ktŷbyl Klŷm Mâlti* (Ruma: Antonio Fulgoni, 1796) XVI-XVII.
26 Vassalli 82.

27 Cassola, "Registri e stili in un testo mistilingue del '700," *L'italiano di Malta* (Malta: Malta Univerity Press, 1998) 53-92. Ara wkoll Brincat, "Code-switching in XVIIIth century Malta" 32.

28 Cassola, "Registri e stili in un testo mistilingue" 60-61.

29 Cassola, "Registri e stili in un testo mistilingue" 61.

30 Cassola, "Registri e stili in un testo mistilingue" 62. Ara wkoll Brincat, "Code-switching in XVIIIth century Malta."

31 Alfieri 242.

32 Lil Henri Bresc jikkwotah Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 43.

33 Cremona 166.

34 Varvaro 4.

35 Brincat, "Maltese Words: An Ethymological Analysis of Maltese Lexicon," *Romania Arabica. Feschrift für Reinholdt Kontzi* (Tübingen: Gunter Narr, 1996) 111-116.

36 Varvaro 4.

37 Lil Fernand Krier jikkwotaha Cremona 168.

38 Cremona 166-168.

39 Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 45.

40 Il-kliem Sqalli li qed inxandar f'dal-istudju jinsab miġbur, u mogħni bir-referenzi kollha, fit-teżi tiegħi, Bezzina. Fost dal-kliem inkludejt xi forom li, għalkemm jidhru mbegħdin mill-Malti Modern, fil-fatt iġibhom Aquilina fid-dizzjunarju Malti-Ingliż. Din it-teżi saret ukoll biex, fejn hu possibbli, naġġornaw it-taqsima etimoloġika ta' Aquilina.

41 Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 42.

42 Reno Fenech jurina li sas-sekli 18 u 19 fil-prietki kienet issir referenza għall-qaddisin b'kalk, ngħidu aħna *Scolastica limcazza, Ambrog limcaddes* u *Giorgi l'imcaddes*. Ġieli sab referenzi oħra bil-forma San/Santu li nużaw fil-Malti modern. Ara t-teżi tiegħu Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti*, teżi tal-MA (L-Università ta' Malta, 2009) 189, 232, 260.

43 Brincat, *Il-Malti Elf Sena ta' Storja* 43-44.

44 John Micallef, *The Sicilian Element in Maltese*, teżi tal-MA (University of London, 1959).

45 Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, 1-2 (Malta: Midsea Books, 1987-90).

# L-għażla kompromettenti bejn id-dawl għammiexi u d-dlam konfortanti f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*

Stephen Bonanno

Ħaġa li tolqot lil diversi qarrejja li jaqraw *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hija d-distanza li tifred l-impressjoni li l-qari mill-qrib tat-test iħalli fuqhom u x'tgħid il-kritika fuqu. Meta wieħed jaqra xi nkiteb fuq ir-rakkont iħoss li donnu sar sforz biex jiġi evitat li jiġu kkunsidrati possibbiltajiet oħra ta' interpretazzjoni li jibbilanċjaw jew saħansitra jikkontradixxu ċerti konklużjonijiet fil-verżjoni mogħtija mill-kritiċi. It-twarrib fil-ġenb ta' dawk is-sinjali fit-test li jistgħu jpoġġu f'dubju l-verżjoni stabbilita ssarrfet eventwalment fil-qabża bejn l-evidenza testwali u l-interpretazzjoni tal-kritiku. Mal-esklużjoni tiżdied il-possibbiltà li jitqanqlu s-suspetti fil-qarrej attent dwar kemm il-verżjoni tal-kritiċi tbiegħed minn, u mhux tqarreb l-interpretazzjoni lejn it-test. Il-qofol tad-distakk jikkonċerna l-aktar il-qari tal-figura ċentrali ta' Leli Braġ, kif maqbuda l-aktar permezz tax-xbieha tal-"emarġinat sublimi".[1]

Dan l-esej se jfittex li jistħarreġ il-possibbiltà ta' qari differenti li għandu jikkontradixxi l-interpretazzjoni uffiċjali.[2] Minn dan il-lat, il-kisba tal-għarfien u l-allegorija tal-għar marbuta magħha jaqdu sehem kruċjali fl-iżvijar tal-kritika mis-sors oriġinali. L-interpretazzjoni tal-użu minn Ellul Mercer tal-allegorija Platonika tidher li kkundizzjonat id-direzzjoni li l-kritika ġibdet it-test lejha. L-għan ewlieni ta' dan l-istudju hu li jistħarreġ l-impatt tal-interpretazzjoni tal-allegorija fuq il-mod li bih tiżvolġi l-kriżi li jġarrab Leli minħabba l-kisba tal-għarfien. Il-qofol fit-trattament tat-tema jintlaħaq fid-domanda l-għarfien għandux jibqa' jitfittex anki meta jista' jkun ta' dannu għal min ifittxu. Jekk

għal Platun, kif għad irid jintwera, il-bniedem għandu jibqa' jfittxu jkun xi jkun l-impatt imħolli, kemm jista' jingħad li r-rumanzier Malti jikkonferma din it-teżi kif jimplika Oliver Friggieri meta jisħaq li "r-rumanz jitbiddel kollu f'mixja ħerqana lejn l-għarfien"?[3] F'dan il-fil ta' ħsieb se tiġi miflija l-possibbiltà ta' avarija bejn il-valur li Platun jagħti lid-dawl li jgħammex fl-allegorija tiegħu u kif jiġġudikah Ellul Mercer, u x'impatt din id-differenza setgħet ħalliet fuq ir-rakkont.[4] Determinanti f'dan il-kuntest l-affermazzjoni jew in-negazzjoni tal-asserzjoni ta' Friggieri li "d-dubji li jippreżenta huma magħġunin ma' din il-ħtieġa li l-moħħ jinfetaħ biex jitgħallem jiddubita, u wara li jiddubita, jifhem".[5] Wieħed jittama li b'hekk tibda titqiegħed il-bażi għal qari li jqarreb aktar lejn is-sors oriġinali, fl-istess waqt li jintwera fejn u għala l-kritika setgħet tbiegħdet mit-test.[6] Hija t-tama wkoll li fil-perkors mittieħed tiġi ċċarata l-viżjoni awtorjali mħaddna, kif issuġġerita mill-evidenza testwali, rigward sehem il-kotba fil-konfront mal-Fidi. Is-sehem jista' jiġi determinat skont id-direzzjoni li lejha r-rumanzier jidher li jieħu l-protagonista li joħloq, hux lejn l-emarġinazzjoni sublimi jew il-prużunzjoni kundannabbli.

## L-orjentament lejn il-viżjoni mhux-Platonika

Ir-relevanza tal-allegorija Platonika tal-għar għar-rumanz ta' Ellul Mercer tinstab fil-pożizzjoni mittieħda minn Platun rigward il-kisba tal-għarfien, kif imsarrfa permezz tad-dikotomija bejn id-dawl u d-dlam.[7] Il-kuntest li fih tiġi interpretata mir-rumanzier Malti jintrabat mat-tema tal-kisba tal-għarfien permezz tal-qari, li tidher li kienet tokkupa post ċentrali fil-ħsieb politiku tal-awtur. Ir-referenza għall-allegorija tqieset mill-kritika bħala xhieda tat-twemmin ta' Ellul Mercer fil-ħtieġa li l-poplu jinfeda permezz tat-tagħlim. Iżda kemm wieħed jista' jgħid li tul ir-rakkont il-valur implikat mill-oppożizzjoni binarja bejn id-dawl u d-dlam jibqa' jiġi rrispettat? F'dan is-sens l-isfida għall-qarrej hi ċara: kif jista' wieħed jirrikonċilja l-pożizzjoni li tisħaq fuqha l-kritika li t-tagħlim hu ppreżentat bħala pożittiv mal-ħsara li jġarrab Leli mill-istess tagħlim? Fi kliem ieħor, l-effett imħolli mill-qari fuq il-protagonista jsaħħaħ it-teżi tal-importanza favur il-ħtieġa tat-tagħlim jew idgħajjifha? Huma lkoll mistoqsijiet determinanti għall-qari tar-rakkont, u jistgħu jibdew jitwieġbu fid-dawl tat-tifsira tal-allegorija Platonika u x'għamel minnha l-awtur Malti.

Fit-tentattiv li jibdew jitwieġbu l-mistoqsijiet imsemmija se jinfela sa fejn ir-rakkont jimxi mal-allegorija Platonika, u jekk jaqbad triq oħra f'liema

punt jiddevja minnha u lejn fejn jipprova jeħodha. Minn dan il-lat għandu jkun determinanti x'jiġi enfasizzat u x'jitħalla barra mill-allegorija Platonika fir-referenza li ssir għaliha fir-rakkont ta' Ellul Mercer. Huwa evidenti li l-orjentazzjoni favur l-għarfien hi riflessa fir-rakkont tal-awtur Malti fil-pożizzjoni żvantaġġjuża tan-nies ta' Ħaż-Żgħir li tispikka fihom l-injuranza meta mqabbla mal-vantaġġi li joffri t-tagħlim. Dan jinħass pereżempju f'dawk is-siltiet li fihom Leli Braġ, għax jaqra, jintwera li hu konxju mill-isfruttament ta' min iħaddmu. F'dan il-kuntest il-kisba tal-għarfien tintwera bħala essenzjali għall-bniedem, imsaħħa bil-kuntrast mal-bqija tan-nies li tibqa' passiva għax nieqsa mill-għarfien. S'hawnhekk għalhekk ir-rakkont jista' jitqies li jimxi fuq l-istess binarju tal-allegorija Platonika. Kif isostnu tajjeb diversi kritiċi, l-għar mudlam fl-allegorija jista' faċilment jiġi interpretat li jirrappreżenta lil Malta kkaratterizzata mill-injoranza. Minkejja dan, kemm wieħed jista' jibqa' jgħid li r-rumanzier Malti jibqa' jsostni l-inklinazzjoni favur it-tagħlim mingħajr riżervi tul ir-rakkont kollu? Jekk il-kritiċi huma korretti li jkunu kategoriċi fit-teżi tagħhom li Ellul Mercer jiskjera ruħu daqstant favur it-tagħlim, għala l-enfasi min-naħa tal-awtur li l-qari ta' ċerti kotba qanqal il-kriżi f'Leli? U jissintetizza dan kollu, kemm wieħed jista' jgħid li l-interpretazzjoni li wasslet għat-teżi mbuttata mill-kritiċi tista' tiġi kkonfermata minn qari mill-qrib tat-test? Fit-tentattiv li tingħata risposta, l-istudju se jiffoka l-aktar fuq sehem il-fakultà razzjonali fil-viżjoni epistemoloġika-morali Platonika kif tinħareġ mill-allegorija tal-għar u fit-test Malti.

Ir-reazzjoni li jqanqal Terence Irwin għad-dilemma epistemoloġika-morali ġġenerata mill-allegorija tal-għar tista' tittieħed bħala spunt li jixħet dawl fuq ir-relazzjoni bejn il-pożizzjonijiet imħaddna minn Platun u Ellul Mercer. Il-qofol tal-problema jikkonċentra madwar il-possibbiltà li l-għarfien miksub mit-tħaddim tal-fakultà razzjonali jista' jikkawża ħsara f'min jaħfnu, kif maqbuda fl-allegorija Platonika permezz tax-xbieha tad-dawl li jgħammex. Il-filosfu Irlandiż jissintetizza l-implikazzjoni tal-eżitu tas-sitwazzjoni billi jindika d-diffikultà li l-pożizzjoni li jadotta Platun tista' tqanqal:

> *If we think it worth while to encourage an individual's efforts to find a rational justification for his own beliefs, we must face the possibility that sometimes he will find the wrong answers, and will have the wrong moral beliefs, which will not (in Plato's views) be in his interest.*[8]

Quddiem il-ħerqa li titfittex li tingħata ġustifikazzjoni razzjonali għal dak li fih wieħed jemmen, Irwin iwissi dwar il-possibbiltà li t-tweġibiet maħruġa mit-tiftixa jistgħu jmorru kontra l-interess ta' min jagħmilha. Hemm prezz li jrid jitħallas, u s-sitwazzjoni titlob li tittieħed pożizzjoni fuq kemm il-possibbiltà li t-tweġiba tkun żbaljata għandha jew m'għandhiex tikkompromettí lis-suġġett milli jipproċedi fit-tiftixa tiegħu. L-għażliet jistgħu jkunu tlieta, *"either to encourage autonomy, or to secure correct beliefs, or to aim at some compromise"*.[9] Platun u Ellul Mercer jagħmlu l-għażla tagħhom, u l-pożizzjoni li jieħdu hija ċara u teħodhom f'direzzjonijiet opposti għal xulxin.

Mill-għażliet li jippreżenta Irwin, Platun huwa favur it-tiftix razzjonali tal-"Forma tat-Tajjeb" ikunu xi jkunu l-konsegwenzi.[10] Ir-riskju jibda jinħareġ meta dak li jibda jara l-priġunier ħieles jitqabbel mad-dellijiet li kien jara qabel: għalkemm l-oġġetti jidhru fis-sura li huma tassew u mhux kif apparentement huma, għall-ewwel il-vista tagħhom tweġġgħu u għalhekk jinħakem mix-xewqa li jirritorna lejn il-konfort tal-għar. Kemm hemm prezz xi jrid jitħallas fil-proċess tal-kisba tal-għarfien permezz tar-raġuni huwa aċċentwat mill-fatt li l-priġunier huwa sfurzat li jitla' t-telgħa li minnha jara x-xemx. Fuq kollox, Platun jagħti wieħed x'jifhem li fir-ritorn lejn l-għar il-priġunier jirriskja li jiġi rredikolat mill-bqija u saħansitra jinqatel, ladarba r-realtà kif perċepita minnu tistona mal-verżjoni tagħhom. Minkejja dawn id-diffikultajiet u r-riskji kollha l-pożizzjoni mittieħda hi kategorika favur il-proċess ta' razzjonalizzazzjoni. Platun permezz ta' Sokrate jistaqsi jekk l-għażla għandhiex tkun favur id-dawl li jiddiżorjenta, jgħammex u jweġġa' jew favur id-dlam li jaħbi l-Verità imma joffri s-sigurtà. Biex iwieġeb did-dilemma Platun jagħmel użu mill-ispirtu djalettiku tad-djalogu u jippreżenta s-sitwazzjoni li fiha l-għażla hi ċara:

> *"Won't he be more likely to feel, as Homer says, that he would far rather be 'a serf in the house of some landless man', or indeed anything else in the world, than hold the opinions and live the life that they do?"*
>
> *"Yes", he replied, "he would prefer anything to a life like theirs"*.[11]

Fir-risposta li jagħti Glawkun tinftiehem mingħajr ebda ekwivoċi l-pożizzjoni li jieħu Platun, jiġifieri li t-tlugħ lejn il-post li minnu l-bniedem jiġi espost għad-dawl li jikxiflu l-verità huwa rrakkomandat irrispettivament minn x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi. Irwin jikkonferma l-orjentazzjoni lejn li tingħata prijorità lir-razzjonalizzazzjoni akkost ta' kollox meta jisħaq li *"Plato's*

*main complaint against ordinary moral beliefs [...] is not that they are largely false or subversive, but that they are uncritical".*[12] Ellul Mercer jersaq lejn viżjoni li hi dijametrikament opposta billi jikkunsidra l-impatt imħolli meta l-proċess razzjonali jwassal għat-tħaddin ta' prinċipji li skontu jkunu foloz. Fi kliem ieħor, filwaqt li Platun jinsisti fuq id-dimensjoni teleoloġika fil-proċess razzjonali irrispettivament minn x'jista' jikkawża, Ellul Mercer jinqeda bil-possibbiltà li r-riżultat ikun negattiv sabiex jikkundanna l-proċess razzjonali li jiġġenerah.

L-ewwel indikazzjoni tat-tbegħid tat-test Malti mill-viżjoni Platonika tibda tinħass fis-sekwenza li tippreċedi l-mument li fih issir referenza għall-allegorija tal-għar. Il-qarrej donnu jibda jitħejja mill-awtur sabiex tiġi stabbilita distanza mit-twemmin Platoniku fuq l-importanza tar-raġuni f'mixjet il-bniedem għall-kisba tal-għarfien. Id-distanza tissenjala ruħha fit-ton diskordanti ta' Kelinu Miksat li jiġi kkwotat li jistqarr li "ma għandix naqbel f'kollox mal-fehmiet li Platone mar juri fir-*Repubblika* tiegħu [...]".[13] Fis-sekwenza ma jiġix speċifikat fuq xiex ma jaqbilx. Minkejja dan, ir-referenza li ssir minn Pawlu Sulnata fl-istess sekwenza għad-distinzjoni Platonika bejn dak "li hu minnu tabilħaqq, jiġifieri mis-Sewwa li ma jqarraqx [...] minn dak li mhux għajr id-dell tas-Sewwa",[14] u r-reazzjoni immedjata ta' Kelinu li jerġa' jisħaq li ma jaqbilx f'kollox mal-fehmiet tal-filosfu tista' tkun indikazzjoni ta' lejn fejn jiġbed it-test ta' Ellul Mercer. F'dan il-kuntest dak li jimplika Friggieri fl-asserzjoni tiegħu li kkwotajt partijiet minnha aktar 'il fuq jista' jittieħed bħala provokazzjoni li tqanqal id-diskussjoni: "ir-rumanz jitbiddel kollu f'mixja ħerqana lejn l-għarfien, u d-dubji li jippreżenta huma magħġuna ma' din il-ħerqa li l-moħħ jinfetaħ biex jitgħallem jiddubita, u wara li jiddubita, jifhem".[15] Jekk bl-interpretazzjoni tat-test bħala "mixja ħerqana lejn l-għarfien" Friggieri jsostni li r-rumanz isegwi l-linja Platonika, x'dawl jista' jixħet il-bżonn tar-rumanzier li għal darba darbtejn jitfa' f'ħalq karattru importanti n-nuqqas ta' qbil għal dak li emmen fih Platun? Ir-rumanzier jaqbel mal-konvinzjoni ta' Platun li bir-raġuni l-bniedem jista' jasal biex jiddistingwi bejn is-"Sewwa li ma jqarraqx" u "dak li mhux għajr id-dell tas-Sewwa"? Marbuta magħha, kemm verament wieħed jista' jgħid li l-awtur tul ir-rakkont hu favur il-proċess razzjonali li jippermetti li "l-moħħ jinfetaħ biex jitgħallem jiddubita" kif jissuġġerixxi l-kritiku? Jekk Platun jippreferi li tkun mogħmi mill-verità milli agħmi minnha, kemm jista' jingħad li Ellul Mercer iżomm ma' din il-pożizzjoni jkun xi jkun il-prezz li jkollu jitħallas? Fi kliem ieħor, x'siwi jagħti r-rumanzier Malti lill-proċess ta' razzjonalizzazzjoni kkonfrontat mill-possibbiltà li tintilef il-fidi?[16] Minn dan

il-lat jista' jitqies kruċjali jekk id-dubji mqanqla jwasslux lejn l-affermazzjoni tal-fidi kif jissuġġerixxi Friggieri jew lejn it-telfien irrekuperabbli tagħha. Kif insistejt aktar 'il fuq, it-tweġibiet mogħtija għandhom jinsiltu fil-kuntest tal-possibbiltà ta' kuntrast bejn l-evidenza testwali u l-interpretazzjoni tal-kritika, bit-tama li tibda tixref ir-risposta li jipproponi Ellul Mercer għad-dilemma epistemoloġika-morali mqanqla minn Platun fl-allegorija tal-għar.

Il-mod riduttiv li bih tiġi rrakkontata l-parabbola tal-għar fit-test ta' Ellul Mercer, meta mqabbla mas-sors oriġinali, huwa r-raġuni ewlenija tad-diskrepanza bejn x'jingħad fit-test u kif ġie interpretat. Filwaqt li l-kritiċi jaqraw is-silta b'tali mod li jattribwixxu pożizzjoni ċara fuq id-dilemma Platonika, fl-istess silta l-awtur jevita li jikkommetti ruħu fuqha:

> Jekk xi qalbieni jiftillu jdur, jixref, u jħares fid-dawl ta' barra, il-qawwa ta' dan id-dawl għall-ewwel tgħammixlu għajnejh; iżda bil-ftit il-ftit jidra; u jibqa' sakemm joħroġ barra minnu nnifsu bil-ġmiel li jara.
>
> Jekk mill-ġdid jidħol fil-għar mal-bqija, jintebaħ li tilef id-dawl; li ma jistax jara iżjed dak li qabel kien jara bħall-bqija. U meta jibda biex jgħid x'ra, in-nies tinfexx tidħak, taħsbu qed jitlef, iżżommu b'miġnun ...[17]

Kif wieħed malajr jinnota tispikka mill-ewwel it-tħollija barra tal-isfida u s-superament tagħha, li fit-test Platoniku ssaħħaħ il-valur li jingħata lit-tiftixa għall-għarfien permezz tal-fakultà tar-Raġuni. Fi kliem ieħor, fir-rakkontar minn Ellul Mercer tal-allegorija tal-għar ma tiġi ssenjalata ebda pożizzjoni rigward id-dilemma Platonika.

Minkejja n-nuqqas ta' teħid ta' pożizzjoni l-kritika ma fittxitx li ssegwi l-fil ta' diskordanza evidenti fl-oġġezzjoni ta' Kelinu u tipprova tittraċċa fejn u fiex ir-rumanzier Malti seta' kkuntrarja l-filosfu Grieg; minflok attribwiet pożizzjoni li mhix ġustifikata ladarba m'għandha ebda għeruq fit-test. L-iżball fl-interpretazzjoni tnissel l-aktar għax il-kritika ssimplifikat is-sitwazzjoni billi xeħtet l-attenzjoni kollha fuq id-dikotomija bejn id-dawl u d-dlam. Qisu l-għażla għal Platun kienet jagħżilx bejn id-dawl ta' barra u d-dlam tal-għar, mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-impatt imħolli mid-dawl li jgħammex. Konsegwentement il-kritika ma tikkunsidrax x'impatt seta' tħalla mill-isfida mressqa minn Sokrate u mwieġba minn Glawkun fuq it-test Malti. Minflok assumiet qbil perfett tar-rumanz mat-twemmin Platoniku. Interpretat ir-referenza għall-allegorija tal-għar bħala konstatazzjoni min-naħa tal-awtur Malti favur il-kisba tal-

għarfien mingħajr ebda riżerva permezz tat-tħaddim tal-fakultà tar-Raġuni, kif jixhed Friggieri meta jassoċja d-dawl li jgħammex mal-proċess li jwassal għall-kisba tal-għarfien:[18]

> Hemm paralleliżmu bejn il-ħruġ ta' Leli mill-'għar' tal-injuranza għad-'dawl li jgħammex' (i.e. iqanqal id-dubju, jaħsad, ifiehem), u l-ħruġ ta' Ninu mill-'għar' ta' Malta ('dil-gżira tal-boloh') bħala emigrant. It-tifsira tal-għar mudlam hi doppja: l-injuranza tal-moħħ u l-għeluq tal-pajjiż.[19]

Fl-isforz li l-inkorrettezza tiġi kkoreġuta jeħtieġ li tiġi analizzata dik l-evidenza fit-test li tixhed aħjar kif jaħsibha l-awtur. Ir-referenza li ssir għal kwotazzjoni minn Immanuel Kant, traskurata għalkollox mill-kritika,[20] tista' tiġi interpretata li tibda torjenta t-test lejn pożizzjoni awtorjali li hi dijametrikament opposta għall-viżjoni Platonika tal-kisba tal-għarfien.

Fl-istess sekwenza li fiha jissemmew l-allegorija tal-għar u d-diskordanza għall-filosofija ta' Platun, l-inseriment ta' ħsieb Immanuel Kant jista' jitqies bħala pass intenzjonat li jdgħajjef bis-sħiħ il-potenzjal li l-kritiċi sostnew li Ellul Mercer jagħti lir-Raġuni kif rappreżentata mid-dawl li jgħammex:

> [...] aħna l-bnedmin ma nistgħux nifhmu l-ħwejjeġ fihom infushom u naħsbuhom kif inhuma tassew, minħabba filli l-ħsieb tagħna, minkejja fina, jasal sa qies, u iżjed le.[21]

Is-sekwenza li fiha titqiegħed, ftit wara r-referenza għall-allegorija, tistabbilixxi relazzjoni bejn din tal-aħħar u t-ton diskordanti. Huwa evidenti li l-istrateġija tal-awtur hi li jevita milli jieħu pożizzjoni diretta u minflok jissuġġerixxi fehmtu bl-għajnuna tad-diffidenza ta' Kant rigward il-fakultà tar-Raġuni. Fil-fatt il-kwotazzjoni minn Kant fit-test Malti tista' tinqara li hi intenzjonata li tattakka l-qalba tal-viżjoni epistemoloġika-morali Platonika kif maħruġa mill-allegorija tal-għar. L-insistenza fuq il-limiti tar-Raġuni tenfasizza l-possibbiltà li wara kollox l-isforz jista' jkun inutli ladarba kif jissuġġerixxi l-filosfu Ġermaniż, kif ikkwotat minn Ellul Mercer, il-bniedem ma jistax jifhem l-affarijiet kif inhuma tassew minkejja l-isforzi tiegħu. Ir-rumanzier Malti, għalhekk, donnu jistidinna nikkunsidraw mill-ġdid l-enfasi ta' Platun favur li l-bniedem jesponi ruħu għad-dawl ikunu xi jkunu l-konsegwenzi.

It-tbegħid tat-test Malti mill-filosofija Platonika jiġi rreġistrat mat-tħaddim ta' strateġija oħra sinifikanti. L-inklinazzjoni lejn il-viżjoni mhux-Platonika

tinqabad sew fl-għażla tal-karatteristiċi li Ellul Mercer jattribwixxi lill-protagonista tar-rakkont. Platun seta' jkun kategoriku u jisħaq favur il-proċess ta' razzjonalizzazzjoni jkunu xi jkunu l-konsegwenzi għax jillimita l-assessjar razzjonali għal individwi mogħnija b'kapaċitajiet intellettivi u mkissra fit-taħriġ intellettwali. B'hekk, skont Irwin, huwa assigurat li l-individwi konċernati "*get the right answer*".[22] Mill-banda l-oħra, Ellul Mercer jgħabbi b'responsabbiltà simili lil xi ħadd li "ma kienx imħarreġ biżżejjed fit-tagħlim".[23] Anzi tul ir-rakkont jiġi enfasizzat f'diversi istanti kemm kien bniedem dgħajjef. B'din il-mossa l-karattru ssirlu improbabbli li jikseb dak mixtieq, u għalhekk it-test jitbiegħed sew mit-twemmin fir-Raġuni kif espress fl-allegorija tal-għar biex jitqarreb lejn ix-xettiċiżmu ta' Kant. L-orjentazzjoni tinbidelx f'viżjoni jiddependi fuq kemm l-awtur jirnexxilu joħloq qafas narrattiv li fih ir-reazzjoni tiegħu għall-valuri epistemoloġiċi-morali Platoniċi tkun tagħmel parti integrali minnu.

## It-tweġiba Kristjana għad-dilemma Platonika

Ellul Mercer ifittex li jipprovdi l-qafas li fi ħdanu tissawwar il-viżjoni li jidher li xtaq jirrappreżenta permezz tar-referenza biblika tas-Siġra tal-Għerf. Kif tosserva tajjeb Maria Camilleri, hemm xebh bejn ir-rakkont ta' Ellul Mercer u l-parabbola misluta mill-Ġenesi.[24] Bħal fil-parabbola Platonika, fit-test bibliku wkoll issir għażla li ġġorr magħha riperkussjonijiet morali. Iżda l-implikazzjonijiet wara ż-żewġ għażliet huma dijametrikament opposti għal xulxin: kuntrarju għal Platun l-għażla tal-bniedem fil-parabbola biblika ġġib il-kundanna. Iżda x'evidenza hemm biex wieħed jista' jibqa' jsostni li t-test ta' Ellul Mercer ixaqleb, kif deher s'issa, lejn id-direzzjoni tal-waqgħa tal-Bniedem ikkawżata mill-kisba tal-għarfien? Is-silta kkwotata tindika t-tweġiba u tikkonferma l-pożizzjoni mhux-Platonika li tibda titħaddan fit-test Malti:

> Iżda għal Leli dan kien il-bidu; din kienet iż-żerriegħa li, biż-żmien, nibtet u kibret u għamlet il-frott ...
> U t-togħma ta' dal-frott għalih kienet qarsa daqskemm għall-ewwel ħaseb li sa tkun bnina.[25]

Ir-referenza fis-silta għaż-"żerriegħa" u l-"frotta" tevoka l-isforz ta' bixra intertestwali tal-awtur li jqiegħed l-attività tal-qari ta' Leli fil-kuntest tat-tifsira

tal-parabbola biblika. L-impatt tas-sors oriġinali jibda jinħass jidwi hekk kif il-qari jsir iż-żerriegħa li eventwalment tħalli frott qares. In-narratur jgħidilna li minħabba l-qari "kien bired bis-sħiħ mhux biss fid-dmirijiet tiegħu tar-ruħ, iżda saħansitra fi twemminu".[26] B'kuntrast ma' Platun, li l-għarfien għalih hu sors ta' verità għall-bniedem, fir-rumanz Malti bħal fil-Ġenesi l-għarfien isir "is-semm li kien reda' Leli mill-kotba".[27] Il-ktieb isir is-sors ewlieni li jħassar lil Leli għax "[...] tjubitu u mħabbtu lejn is-sewwa ma kienu jaqblu xejn mal-fehmiet li xi kotba milli kien qara kienu tawh".[28] Għad-deċiżjoni tal-protagonista li jippersisti fit-triq li qabad hemm prezz li jrid jitħallas, u dan jissarraf fl-iżvilupp tat-tema tal-mard tal-moħħ marbut mal-kisba tal-għarfien. Imqiegħda fil-kuntest tal-parabbola tal-għar għalhekk, l-għażla ta' Leli favur l-għarfien ma tistax tiġi ġġudikata b'pożittiva. Hija relevanti wkoll f'dan is-sens influwenza oħra determinanti tas-sors bibliku. Fil-kwotazzjoni l-qari, bħad-dnub oriġinali, huwa l-bidu tal-problema. Ellul Mercer fil-fatt jindika l-għarfien bħala l-oriġini tal-problema f'Leli sa mill-fażi bikrija tar-rakkont, meta jiddeskrivi l-ħerqa inkwiżittiva li jistaqsi l-mistoqsijiet bħala "marda".[29]

Ir-referenza li ssir għal *Taħsir* ta' Max Simon Nordau, li l-kritika s'issa wkoll injorat kważi għalkollox, tkompli tqarreb it-test ta' Ellul Mercer lejn il-viżjoni tal-waqgħa tal-bniedem. Skont l-awtur fi kliem Pawlu Sulnata, f'xogħlu Nordau jisħaq li hemm kotba li mhumiex għajr "ħolqien ta' mħuħ sħan u marradin".[30] B'din l-asserzjoni tiġi evokata l-idea li l-għarfien jintrabat ma' proċess li hu negattiv fih innifsu, bil-konsegwenza li tikber il-possibbiltà fir-rakkont li kisbitu twassal għall-mard tal-moħħ. Dak li jispiċċa jġarrab Leli wara li jaqra ċerti kotba jikkonferma din l-interpretazzjoni. F'termini Platoniċi għalhekk, fit-test ta' Ellul Mercer l-għarfien mhux biss ma jitħaddanx akkost ta' kollox, talli għandu jiġi evitat ladarba jsir is-sors ewlieni li jħassar lil Leli. Mhux b'kumbinazzjoni li Leli jistrieħ momentarjament mill-kriżi li jkollu meta jitbiegħed mill-kotba kif tixhed din il-kwotazzjoni:

> U bil-qadi ta' dawn id-dmirijiet imqaddsa, u bix-xejn qari tal-kotba li kien jaqra qabel iżżewweġ, rasu straħet bil-kbir; it-thewdin li bih kien imhewden qabel għeb għalkollox.[31]

Barra minn hekk Pawlu bħala tabib jisħaqlu li għandu jaħraq kull ktieb li għandu biex jitbiegħed mill-marda li kienet ħakmitu.[32] It-teżi li jressaq Ellul Mercer hi ċara: jekk il-bniedem bħal Adam jiddeċiedi li jaqta' mill-frotta, allura l-waqgħa bħala konsegwenza ta' għemilu ssir inevitabbli.

Is-sens ta' fatalità marbut mal-inevitabbiltà kif misjuba fil-parabbola biblika jaħkem ukoll it-test ta' Ellul Mercer. Fl-istess sekwenza li fiha jiġi ssuġġerit il-limitu intellettwali ta' Leli, ir-rumanzier jestendi l-ħsara li l-għarfien jista' jikkawża saħansitra fuq min għandu l-akbar kapaċitajiet intellettivi:

> [...] imqar li kellu jkun għaref daqs Salamun, il-kotba li kien beda jaqra issa ma setgħu jwassluh imkien għajr f'beraħ bla qies li jnikket il-qalb, li jisraq serħan ir-ras, li jaqleb il-moħħ, li jmarrar, li jxejjaħ u bosta drabi jasal biex jeqred qabel il-waqt ħajjet il-bniedem.[33]

Għaldaqstant l-enfasi fuq l-inevitabbiltà tal-ħsara kkawżata minn ċertu qari ssuġġerita mill-kwotazzjoni, imsaħħa fit-test min-nuqqas ta' fiduċja fil-fakultà razzjonali ġġenerata mill-inseriment tal-kwotazzjoni minn Kant, timplika l-ħerqa tal-awtur li jitfa' lill-protagonist f'ċirku vizzjuż li jsir impossibbli għalih li jevita.[34] Fis-silta kkwotata, il-kisba tal-għarfien mhux biss hi deskritta li tħalli togħma qarsa, iżda hi wkoll qarrieqa bħalma jitqarraq Adam bil-frotta fil-parabbola biblika. Apparti hekk, kuntrarju għall-ħsieb ta' Platun, fit-tiftixa tiegħu Leli ma jarax l-istampa usa' li jirnexxilu jara l-priġunier tal-għar. Minflok isib ix-xejn li tant kien jibża' minnu Ellul Mercer, ix-xejn li jibda jikkundizzjona l-aġir tiegħu. L-impatt fuq il-komportament jista' jintwera l-aktar bil-falliment ta' Leli skont il-kriterju stabbilit minn Pawlu Sulnata fl-interpretazzjoni li jagħti tal-allegorija Platonika. Jekk skont Irwin l-impatt tal-kisba tal-għarfien permezz tal-proċess ta' razzjonalizzazzjoni hu li l-filosfu jfittex li jesprimi l-għarfien tiegħu tal-Ġustizzja, tas-Sbuħija u l-Forom l-oħra morali f'azzjonijiet li jħaddnuhom, l-azzjonijiet ta' Leli jixhdu li hu ma jagħrafx jiddistingwi bejn is-Sewwa li ma jqarraqx u dak li mhux għajr id-dell tas-sewwa. Kif se nuri fis-sezzjoni li jmiss, azzjonijiet Leli kkawżati mill-ideat li jsoff mill-kotba li jaqra jbegħduh flok iqarrbuh lejn is-Sewwa. B'hekk it-test ikompli jorjenta ruħu lejn il-possibbiltà li l-valuri marbutin mad-dikotomija bejn id-dawl u d-dlam jinqalbu ta' taħt fuq minn kif ikkonċepihom Platun. Minn dan il-lat ma tistax tinftiehem l-interpretazzjoni tal-kritiċi tas-sinifikat li skonthom tingħata lill-parabbola Platonika fit-test Malti.

B'mod ġenerali jista' jingħad li l-interpretazzjoni li tingħata tar-rumanz fittxet u għadha tfittex li twarrab l-influwenza evidenti tal-parabbola mill-Ġenesi fl-iżvilupp tar-rakkont biex tiffoka minflok fuq l-impatt li skont il-kritiċi tħalli l-parabbola Platonika. It-twarrib fil-ġenb tal-kwalifikazzjoni li Ellul Mercer jagħmel għall-asserzjoni ta' Platun, u l-impatt imħolli fuq l-interpretazzjoni tal-

eżitu tal-proċess, ma setax ma jissarrafx fit-tbegħid tal-analiżi mit-test. Mhux biss ma jinqabdux l-implikazzjonijiet li l-għażla li tinqata' l-frotta pprojbita ġġib magħha, imma t-tiftixa tiġi ppreżentata li twassal sabiex jintlaħaq għan Platun li tinkiseb il-verità. Dan il-fil ta' ħsieb isegwi Friggieri meta jsostni li l-għarfien iqanqal id-dubju u jfiehem.[35] Għalih il-punt tal-wasla fit-tiftixa ta' Leli jqarreb lejn il-verità assoluta li Platun emmen li tinkiseb mat-tħaddim tal-fakultà tar-raġuni. Il-kritiku ma jarax li r-raġuni tista' tfixkel il-fidi fir-rakkont, anzi skontu "l-istħarriġ intellettwali jibqa' għal Ellul Mercer it-triq tal-fidwa anki ta' min jemmen".[36] Minn din l-asserzjoni Friggieri jikkonferma dak li għalih hija l-ġibda lejn il-viżjoni Platonika fir-rakkont u jikkonkludi li l-"qari [...] jwassal għall-inċertezza matura u [...] jeqred iċ-ċertezza injuranta".[37] Kif għad irid jintwera, għal Ellul Mercer il-punt tal-wasla fil-vjaġġ imterraq mhux biss ma jissarrafx fil-kisba tal-verità kif jisħaq Platun, imma saħansitra jġib it-telfien tal-valuri mħaddna fil-punt li minnu jitlaq l-istess vjaġġ.

L-istess isostnu Camilleri u Charles Briffa. Huma wkoll iwarrbu fil-ġenb l-impatt negattiv mal-kisba tal-għarfien kif issuġġerit mir-referenza għall-frotta biblika, u jinterpretaw it-test daqslikieku Ellul Mercer segwa l-viżjoni Platonika kif tinħareġ mill-parabbola tal-għar. F'Camilleri dan jinħass meta tirreferi għat-tagħlim bħala li huwa "ta' siwi universali".[38] Is-siwi li tattribwixxi lit-tagħlim jissarraf fir-rakkont fix-xaqlib lejn il-parti tad-dawl fil-kunflitt mad-dlam, kif tixhed din il-kwotazzjoni: "It-tnejn li huma, imdawlin b'dawl ġdid, inqatgħu għalkollox mill-konservattiżmu tal-ambjent tagħhom, biex jgħixu f'dinja differenti".[39] F'Kelinu Miksat u Leli Brag Camilleri tara l-priġunier li jara d-dawl fil-parabbola Platonika. Briffa jidwi kważi kelma b'kelma lil Friggieri meta jgħid li "bil-qari l-bniedem itejjeb l-individwalità u l-umanità tiegħu",[40] u fuq il-premessa jikkonkludi li Leli "kellu vjaġġ miċ-ċertezza tal-injoranza tradizzjonali għad-dubji tal-intellettwalità".[41]

Fil-ħerqa li ma joskurawx il-viżjoni politika tal-awtur li fiha t-tagħlim jitqies bħala għodda essenzjali għall-fidwa tal-klassi mhux-privileġġata,[42] li fir-rakkont jinfatam mit-tagħlim li jwassal għat-telfien tal-fidi, il-kritiċi jinqabdu fin-nasba li jinjoraw kompletament il-possibbiltà li t-test jinqara bħala tweġiba għall-affermazzjoni Platonika favur l-għarfien mingħajr limiti. Issimplifikaw id-dikotomija bejn id-dlam u d-dawl u ħaddmuha biex jinterpretaw il-karattru ta' Leli bħala l-affermazzjoni tal-viżjoni epistemoloġika-morali Platonika. Minn din il-perspettiva setgħet tissostna t-teżi li l-proċess razzjonali hu ppreżentat b'pożittiv minn Ellul Mercer. Dan meta kuntrarju għal x'jiġri fil-parabbola Platonika, u kuntrarju għal xi ssostni l-kritika għalhekk, tul ir-

rakkont id-dawl jintwera wkoll bħala negattiv u d-dlam bħala pożittiv. B'hekk inħbiet il-pożizzjoni tar-rumanzier kontra l-proċess razzjonali, u tgħattiet il-kundanna ċara għall-qari ta' ċerti kotba. Fin-nuqqas tal-kritiku li jaqra din il-pożizzjoni awtorjali l-interpretazzjoni tispiċċa, fi kliem Mark Currie, toħloq hi l-oġġett.[43] Leli kif jinħareġ mill-analiżi mhux biss jinħoloq mill-kritiku imma hu dijametrikament oppost tal-Leli testwali. Din id-differenza tistrieħ fuq l-interpretazzjoni tal-kriżi li jġarrab Leli. Għaldaqstant il-pass li jmiss hu li tiġi analizzata d-dinamika li biha tiżviluppa u l-impatt li tħalli.

## Bejn telfa sublimi u disfatta mistmerra

Id-deċiżjoni tal-kritiċi li x-xebh jitnissel mal-parabbola Platonika minflok mal-parabbola biblika affettwat l-interpretazzjoni tat-test b'żewġ spustamenti determinanti: fl-irfigħ tar-responsabbiltà għall-kriżi u l-waqgħa morali mġarrba u l-ispustament tal-ispazju fejn tiġġarrab it-taqbida. Ir-responsabbiltà ċċaqalqet minn spallejn Leli biex intefgħet fuq il-folla, filwaqt li t-taqbida tmexxiet mill-interjuri tal-protagonista lejn il-kunflitt mal-folla. Dan il-qari żbaljat issarraf fl-interpretazzjoni tal-protagonista bħala emarġinat sublimi. Ir-raffigurazzjoni tal-protagonista li l-elementi tal-"emarġinat" u tas-"sublimi" jevokaw se tittieħed bħala l-fattur ewlieni li jikkostitwixxi l-qofol tat-tbegħid tal-analiżi mit-test ladarba tikkuntrasta sew max-xbieha ta' disfatta mistmerra li r-rakkont jagħlaq biha.

Ix-xbieha ta' emarġinat li l-kritika fittxet li tressaq 'il quddiem kienet titlob li Leli jintwera bħala l-vittma ta' kunflitt mas-soċjetà, anki jekk l-evidenza testwali tissuġġerixxi mod ieħor. Għal dan il-għan l-emarġinazzjoni tal-priġunier wara li l-folla tqisu b'miġnun ittieħdet bħala l-mudell li fuqha r-rumanzier Malti bena l-iżvilupp tal-karattru tiegħu. Twarrab il-fatt li kien Leli stess li kkawża l-problema lilu nnifsu permezz tal-qari, biex il-ħtija nxteħtet fuq iż-Żgħirin li skont il-kritiċi ma fehmuhx u għalhekk għaddewh b'miġnun. L-impostazzjoni ta' dan il-mudell tista' tinqara f'Camilleri meta tisħaq li "meta l-bniedem jibda jgħid x'ra, in-nies tidħak bih, u żżommu b'miġnun".[44] Il-konferma ta' kemm il-qari tat-test Malti ġie kkundizzjonat mid-destin imġarrab mill-priġunier fil-parabbola Platonika tinħass fil-ġudizzju ta' Friggieri li "il-karattru ġwejjed tiegħu spiċċa biex sar il-karattru ta' ribell li ma jiftihemx mill-miġemgħa u jingħadd bħala miġnun".[45] Azzopardi jidentifika l-istess kawża u effett fl-osservazzjoni li Leli "jirtira biex jikkuntempla l-kriżi profonda fih innifsu mnissla mill-konfront tiegħu mas-soċjetà li taħkem u

tiddetta".[46] Briffa wkoll jadotta l-istess fil ta' ħsieb, u b'referenza għal Leli jsostni li "jipprova jeħodha kontra l-impożizzjoni kulturali tar-raħal tiegħu, u għax jirnexxilu jiġġennen".[47]

Sabiex il-kritika tasal għall-konklużjonijiet tagħha ħteġilha li tinjora l-evidenza testwali. Kif jixhdu d-diversi kwotazzjonijiet jinħoloq duwaliżmu bejn Leli u l-folla, bil-kritika tinsisti li l-protagonista tar-rakkont jintwera fuq in-naħa t-tajba u l-folla fuq in-naħa l-ħażina. Għal dan il-għan il-ħerqa intellettwali ta' Leli li jistħarreġ kwistjonijiet relatati mal-fidi ntweriet bħala pożittiva. Friggieri jinqabad jipprova jgħatti l-implikazzjonijiet tal-imġiba immorali ta' Leli biex ma jinxteħet ebda dell fuqu. Għaldaqstant il-kritiku jisħaq li t-ton tar-rakkont fejn tidħol il-kriżi fil-fidi għandu jinqara bħala rikonċiljatorju, għax "l-isforz ewlieni tar-rumanz hu li jirrikonċilja lill-kultura filosofika moderna mat-twemmin f'Alla nnifsu".[48] Skont Friggieri għalhekk, il-proċess intellettwali ma jikkompromettix il-fidi. Anzi d-dubji ta' Leli għandhom iservu għall-affermazzjoni u mhux għaċ-ċaħda ta' dak li jemmen fih. Il-konklużjoni miġbuda tistrieħ fuq il-premessa li "donnu l-għerf ma jħażżenx lill-bniedem u jwebbislu qalbu".[49] Iżda l-kwotazzjoni hi misluta mill-fażi li fiha Leli jkun għadu ma ġarrabx il-qilla tal-kriżi. Il-parzjalità tal-ġudizzju joħroġ biċ-ċar meta wieħed isegwi lil Leli fil-fażi aħħarija tal-kriżi tiegħu.

Il-konferma ta' kemm hi żbaljata l-kritika tisseddaq fis-sekwenza li suppost issaħħaħ u mhux tikkontradixxi l-argumentazzjoni żvolġuta. Ir-referenza li jagħmel Leli għal Malta bħala "gżira tal-Boloh"[50] ġiet interpretata li tiġġenera d-dikotomija bejn il-wieħed u l-folla bbażata fuq min għandu l-għarfien u min m'għandux. Mid-distinzjoni tinħareġ il-konklużjoni li Leli hu superjuri għall-bqija ladarba "ir-raħal hu statiku, u l-ispirtu jinsab miexi".[51] Iżda l-awtur jibni s-sekwenza b'tali mod li l-ġudizzju mgħoddi jispiċċa jikxef l-arroganza ta' min jaħseb li jaf ħafna minflok jikkonstata l-pożizzjoni favur it-tagħlim. F'din l-istrateġija awtorjali għandu sehem determinanti l-karattru ta' Kelinu.[52] Ellul Mercer jutilizzah biex id-dikotomija li tiffavorixxi d-dawl tibda titnaqqar minn ġewwa sakemm eventwalment tinqaleb ta' taħt fuq. Fi kliem ieħor, hija l-persuna li fid-dikotomija Platonika jappartjeni għad-dawl li jwissi kontra l-ħsara li l-istess dawl jista' jikkawża. Kelinu jwiddeb lil Leli li l-ħajja ta' dawk li hu jsejjaħ boloh hija eqreb lejn is-sewwa ladarba twemminhom "jagħtihom aktar benna, sabar u sliem milli sibna int u jien fil-kotba tal-għorrief li ma jemmnux".[53] L-istqarrija hija intenzjonata li tikkontradixxi dak li lura fir-rakkont Kelinu stess saħaq li jargumenta Platun fil-parabbola, jiġifieri li min joħroġ barra mill-għar ikun espost għas-"Sewwa li ma jqarraqx".[54] Fi kliem Kelinu

stess, kuntrarju għal Platun id-dlam huwa aktar ta' beneficċju għall-bniedem mid-dawl. F'dan il-kuntest joħroġ għalhekk biċ-ċar kemm ħsieb l-awtur kien li l-ġudizzju ta' Leli fuq iż-Żgħirin jintwera bħala żbaljat. L-intervent tan-narratur li jikkuntrasta l-għaqal ta' Kelinu mal-prużunzjoni frott l-immaturità ta' Leli tkompli tikkonferma din il-pożizzjoni. Is-sitwazzjoni ta' Leli tkompli titgħarraq hekk kif in-narratur iżid li n-nuqqas ta' fidi kien qiegħed jakkomoda l-imġiba immorali tiegħu billi "kien qed iġiegħel lilu nnifsu jħoss eħfef it-toqol tal-ħajja ħatja li kien qed jgħaddi ma' Klara Buqerq".[55] Huwa veru li l-protagonista tar-rakkont bħall-priġunier tal-parabbola jagħżel id-dawl għammiexi, imma huwa evidenti li l-awtur jippreżenta d-deċiżjoni bħala prużunzjoni kundannabbli.

Kemm id-deċiżjoni ta' Leli tintwera bħala żbaljata joħroġ mill-fatt li l-falliment ta' Leli jintwera li ġie kkawżat minn għemilu. Leli jimrad mhux għax in-nies tgħaddih b'miġnun kif isostnu l-kritiċi, imma għax jinħakem minn sens ta' rimors wara li martu tintebaħ li hu kien bidilha ma' mara oħra. Hu stess jistqarr ma' martu li kien beda jara lil ħajtu bħala tpattija għall-ħażin li jkun għamlilha.[56] B'konsegwenza ta' das-sens ta' rimors imur lura fiżikament u mentalment u fl-istess perjodu jintebaħ f'żewġ okkażjonijiet li l-komportament tiegħu ma kienx ta' wieħed normali.[57] Is-sekwenza li fiha l-qarrej jassisti għall-awtokonfessjoni ta' Leli tikkonferma kemm hu kien il-kawża ewlenija għal dak li ġralu. Leli jammetti miegħu nnifsu li kien tilef kulma kellu bil-kisba tal-għarfien, u għalhekk tefa' lilu nnifsu f'pożizzjoni fejn anki l-ifqar bniedem fir-raħal aħjar minnu ladarba għandu t-tama li tista' tfarrġu u tħennih.[58] Ir-rebħa morali li tant jisħqu fuqha l-kritiċi tiġi fix-xejn bl-ammissjoni tal-falliment minn kliem l-istess protagonista kif tixhed din il-kwotazzjoni:

> Tqarraqt, Lel! Tqarraqt bil-kbir! U tqarraqt għax ma ntbaħtx, meta kien għadu l-waqt, li mhux tassew li l-għerf iġib il-hena u li l-ħelsien minn kull rabta li għandu l-bniedem iwassal fil-ġenna tal-art![59]

L-istħarriġ intellettwali mhux biss ma jissarrafx fit-triq tal-fidwa kif jalludu l-kritiċi, imma jikkorrompih u jibdlu fi bniedem "li f'kollox jara l-ikrah u l-ħażin, li jobgħod kollox u li jixraqlu li jistmellu kulħadd".[60] Ir-referenza għall-istmellija mistħoqqa minn kulhadd turi biċ-ċar kemm Leli kif joħroġ mill-analiżi nħoloq mill-kritika u mhux riflessjoni tal-karattru fit-test. Tmiem ir-rakkont, bit-talba tas-Sa Marjann biex il-Mulej ireġġgħalha lura lil binha lejn it-triq tal-fidi, spiss ġie interpretat bħala sinjal ta' tama li Leli jerġa' jikseb dak li tilef.[61] Li ma jitqiesx f'din il-konsiderazzjoni hu li Leli, lejn tmiem ir-rakkont,

jisħaq għal darba darbtejn li kien tbiegħed wisq biex jerġa' jirritorna lejn it-triq tal-fidi. Ellul Mercer ried jippreżenta l-viżjoni li min jittarraf jiġġarraf, u għalhekk Leli kellu jħallas il-prezz għall-prużunzjoni tiegħu.

## Konklużjoni: *Leli ta' Ħaż-Żgħir* bħala potenzjal mhux sfruttat

Il-biża' lil Ellul Mercer ikkomprometttieh milli jmur lil hinn mill-pożizzjoni mittieħda minn Dun Karm Psaila f'*Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. Kuntrarju għall-ġudizzju ta' Mario Azzopardi, li jisħaq li "x-xogħol soċjorealista ta' Ellul Mercer huwa mbiegħed ħafna mill-intenzjonijiet ta' Dun Karm Psaila, is-saċerdot li ħoloq poeżija li skapulat it-traġedja 'tal-kotra li ma tafx taħseb għax ma għallmuhiex'", ir-rumanz jibqa' ma jirreġistrax il-qtugħ drastiku li joftmu mit-tradizzjoni.[62] Mhux biss jeskludi r-Raġuni bħalma jagħmel Dun Karm, iżda jasal biex jikkundanna dik l-għodda li hu stess kien tant jemmen li tista' tifdi lill-bniedem. Il-paragun ma' Dun Karm ikompli jkun sfavorevoli għar-rumanzier meta jitqies li *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ma jilħaqx il-kobor tal-poema tal-Poeta Nazzjonali. Ma jirnexxilux jilħaq il-profondità fi ħsieb il-qassis, ibbażat fuq il-kunflitt bejn tradizzjonijiet filosofiċi li l-poeta jittrasformah f'sensiela ta' xbihat mingħajr ma l-profondità tkun kompromessa. Anzi r-rumanz jibqa' limitat kif jista' jintwera fid-diversi livelli li jikkostitwixxu t-test, fosthom fit-tħaddim tat-teknika narrattiva u fl-użu li jsir mir-referenzi għal testi oħra.[63] Il-pożizzjoni mittieħda setgħet tellfitu għalhekk il-possibbiltà li jisfronda l-limiti ta' gżira iżolata mill-kontinent billi jkun kontemporanju fil-ħsieb u parteċipi fil-kurrenti ta' letteraturi oħra. F'termini Platoniċi, biex ma jissugrax għażel il-konfort tad-dlam ġewwa l-għar minflok is-sogru li jesponi ruħu għad-dawl li jgħammex ta' barra. Il-biża' mill-isfida fisser, fl-aħħar mill-aħħar, it-telfien taċ-ċans li Ellul Mercer kellu f'idejh li joħloq test li jimmarka l-letteratura Maltija. L-isfida jista' jingħad li ntlaqgħet sew minn Juan Mamo. Għal dak li kiseb, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* jista' jitqies fost l-aqwa xogħlijiet fit-tradizzjoni narrattiva Maltija.

**Noti**

1 Mario Azzopardi jagħti din id-definizzjoni lil Leli Braġ f'"Dokument inedit dwar Ġużè Ellul Mercer," minn *Mis-Sillabu*, 1.2 (1984) 25.

2 F'moħħi għandi l-aktar l-interpretazzjonijiet ta' Oliver Friggieri, Maria Camilleri, Mario Azzopardi u Charles Briffa, li lkoll jiġbdu lejn l-istess kurrent ta' ħsieb li jien se nikkontesta.

3 Oliver Friggieri, "Il-Mixja ta' Ellul Mercer mir-Realtà għall-Kuxjenza," minn *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (K.K.M., 2010) 5.

4 Importanti li mill-ewwel jiġi stabbilt il-fatt li Ellul Mercer jagħti tifsiriet opposti lid-dawl u d-dlam milli jagħtihom Platun. Għall-filosfu Grieg id-dawl hu l-għarfien tad-dinja spiritwali, id-dinja tal-Ideali li hi aktar reali mir-realtà materjali. F'din id-dikotomija d-dlam huwa relattivament inferjuri ladarba jirrappreżenta l-għarfien tad-dinja materjali. Fit-test ta' Ellul Mercer id-dawl hu aktarx ta' bixra materjalista la jikkomprometti t-twemmin spiritwali u b'hekk, ironikament, iqarreb lejn it-twemmin fil-materja abbinat mad-dlam Platoniku. Paradossalment għalhekk, fit-test Malti huwa d-dlam li javviċina lejn id-dawl Platoniku.

5 Friggieri 5.

6 F'dan l-istudju se tiġi kkunsidrata t-teżi li l-kritika ddevjat mit-test biex ma tikkompromettix l-idea li Ellul Mercer kien favur it-tagħlim. Raġuni oħra li tista' tispjega d-devjazzjoni tal-kritika hija x-xewqa li jiġi impost il-mudell tal-antieroj fl-interpretazzjoni tan-narrattiva Maltija. Ara "Il-figura problematika tal-antieroj Malti: Leli Braġ bejn figura testwali u ħolqien tal-analiżi", esej li għad irid jiġi ppubblikat.

7 Ma nistax ma nsemmix lil Michael Grech, lekċerer tal-Filosofija l-Junior College, li għenni mhux ftit sabiex nifhem aħjar it-teorija epistemoloġika Platonika.

8 Terence Irwin, *Plato's Moral Theory: The Early and Middle Dialogues* (New York: Oxford University Press, 1991) 285.

9 Irwin 285

10 L-interpretazzjoni tat-tlugħ lejn il-post li minnu l-priġunier jara d-dawl bħala referenza għall-proċess razzjonali tinftiehem f'din is-silta mis-Seba' Ktieb tar-*Repubblika*: "*And you won't go wrong if you connect the ascent into the upper world and the sight of the objects there with the upward progress of the mind into the intelligible region*". Misluta minn Plato, *The Republic*, tradott minn Desmond Lee (Penguin Classics, 1987) 260.

11 Plato 258-259.

12 Irwin 221.

13 Ġużè Ellul Mercer, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (K.K.M., 2010) 90.

14 Ellul Mercer 91.

15 Friggieri 5.

16 Ta' min wieħed jinnota li din id-dimensjoni ta' fidi hi nieqsa fi Platun. Waqt li l-filosofija tiegħu hi fundamentalment spiritwali, l-ispiritwalità Platonika tissejjes fuq ir-Raġuni u mhux fuq il-fidi.

17 Ellul Mercer 92.

18 Charles Briffa jiġbed l-istess konklużjoni meta jisħaq li "r-rumanz irid li l-bniedem jitgħallem jiddubita ħalli jiftaħ moħħu u jasal biex jifhem". Ara *Il-Letteratura Maltija: L-Istorja tan-Narrattiva* (University Publishing, 2008) 559.

19 Friggieri 5-6.

20 Indikattiv huwa l-ġudizzju li tgħaddi Maria Camilleri f'dan ir-rigward: "Imma l-akbar nuqqas li nara f'dan ir-rumanz, huwa li Ellul Mercer għabba ħafna l-istorja b'argumentar u spekulazzjonijiet filosofiċi [...] kien ikun wisq aħjar, kieku ħalla barra dan it-tagħrif". Meħuda minn *Leli ta' Ħaż-Żgħir: Noti Kritiċi minn Maria Camilleri* (PEG Ltd, 1985) 65.

21 Ellul Mercer 93.

22 Irwin 285.

23 Ellul Mercer 98.

24 Ara Maria Camilleri 68. Minkejja l-osservazzjoni preċiża tagħha Camilleri ma tiflix l-impatt tal-ġrajja biblika fuq ir-rakkont. Minflok tiddeċiedi li twarrabha fil-ġenb u x-xebh tibnih fuq l-allegorija tal-għar. Fl-isforz tagħha li ssostni t-teżi li l-awtur hu favur it-tagħlim, ma għarfitx tiddistingwi bejn it-tagħlim li jgħin biex tittejjeb il-qagħda soċjali, u meta l-bniedem jipprova jifhem dak li għal Kant hu lil hinn mill-kapaċità razzjonali tiegħu u konsegwentement jitlef ruħu. Il-bqija tal-kritiċi żammew l-istess linja ta' ħsieb.

25 Ellul Mercer 97.

26 Ellul Mercer 141.

27 Ellul Mercer 202. Ġudizzju simili jinstab f'p. 81, fejn il-kotba li beda jaqra Leli huma deskritti bħala "mimlijin qżież u semm".

28 Ellul Mercer 222.

29 Ellul Mercer 16.

30 Ellul Mercer 95.

31 Ellul Mercer 175.

32 It-tifsira li tingħata lill-ġenn tkompli tbiegħed lil Platun minn Ellul Mercer: filwaqt li għal Platun hu divin, fir-rumanz Malti l-ġenn hu patoloġiku.

33 Ellul Mercer 98.

34 Is-sens ta' inevitabbiltà huwa kkonfermat f'żewġ istanti oħra. Hi evidenti f'p. 192 fl-osservazzjoni tan-narratur li "Leli wasal biss fejn, irid u ma jridx, fl-aħħar wassluh il-kotba li kien qara", u lejn tmiem ir-rakkont tikkonferma ruħha fl-ammissjoni ta' Leli li ladarba bit-tagħlim li kiseb ittarraf, ma setax ma jġarrafx lilu nnifsu: "U stajt naħseb li dak li kont qed nagħmel ma setax iwassalni għajr fejn wasalt" 255.

35 Ara Friggieri 5.

36 Friggieri 6.

37 Friggieri 5.

38 Camilleri 72.

39 Camilleri 72.

40 Briffa 558.

41 Briffa 559.

42 Camilleri ssostni li r-rumanz jirrifletti l-motivi tas-"siwi tat-tagħlim u l-edukazzjoni fost il-poplu" u "il-ħtieġa ta' riformi soċjali li jagħtu fiżjonomija ġdida lis-soċjetà Maltija". Ara Camilleri 61.

43 Mark Currie, *Difference* (London: Routledge, 2004) 16.

44 Camilleri 71.

45 Friggieri 5.

46 Azzopardi, "Ġużè Ellul Mercer: Kuxjenza u Intellett", *Mis-Sillabu*, 1.1 (1984) 12.

47 Briffa 556.

48 Friggieri 5. It-ton rikonċiljatorju li jisħaq fuqu Friggieri bejn it-twemmin u l-kultura moderna jistona mad-deskrizzjoni li tingħata dwar tnejn mill-kontributuri ewlenin għall-iżvilupp tal-ħsieb modern. Ellul Mercer, permezz ta' Pawlu Sulnata, jenfasizza l-fatt li Nietzsche kellu moħħu marid, u Schopenhauer hu deskritt bħala "xebh waħxi ta' bniedem moħħu mħassar li jixraqlu jgħix biss qalb l-imġienen" 95.

49 Ellul Mercer 215.

50 Ellul Mercer 196.

51 Friggieri 4.

52 L-awtur juża l-istess strateġija drabi oħra, u għalhekk jissaħħaħ l-argument li l-figura ta' Kelinu sservi ta' sors ewlieni li jikkundanna l-pożizzjoni Platonika: tintuża fis-sekwenza li fiha Kelinu jwissi lil Leli biex joqgħod attent x'jaqra, u tintuża wkoll meta hu jisħaq li għalkemm lanqas elf Kungress Ewkaristiku ma kien se jroddlu l-fidi lura, fl-istess nifs iwissi dwar xi jkun tilef min jitlef il-fidi tiegħu.

53 Ellul Mercer 197.

54 Ellul Mercer 92.

55 Ellul Mercer 197.

56 Ara Ellul Mercer 218.

57 Ara s-sekwenzi li fihom Leli jintebaħ bil-komportament mhux normali tiegħu meta jkun għax-xogħol u fil-każin. Ellul Mercer 224-226.

58 Ara Ellul Mercer 254.

59 Ellul Mercer 254.

60 Ellul Mercer 249.

61 Ara pereżempju Friggieri 6-7.

62 Azzopardi, "Dokument Inedit" 26.

63 B'konsensus ġenerali l-kritika għammdet ir-rumanz ta' Ellul Mercer bħala l-prototip tar-rumanz psikoloġiku Malti. Għalkemm ir-rumanz jista' jitqies bħala sforz li jbiegħdu b'xi mod mit-tradizzjoni tar-rumanz Malti, niddubita kemm il-qtugħ jitwettaq teknikament. Jistona pereżempju l-fatt li jekk qatt jista' jingħad li r-rakkont jinkorpora fih xi tentattiv ta' introspezzjoni, it-teknika li titħaddem hi mill-aktar rudimentali. Imqiegħed fil-kuntest tat-tradizzjoni tar-rumanz Ewropew, it-test Malti jqarreb lejn ir-rumanz tas-seklu dsatax u ma juri ebda traċċa tal-esperimentazzjoni tar-rumanzi ta' żmienu.

# Kliem li jibda bil-vokali 'i'

Mons. Lawrenz Cachia

L-Akkademja tal-Malti kienet ħarġet regola li tgħid li kliem bħal "importanti" u "illegali" għandu dejjem jinkiteb bil-vokali i quddiem, ukoll jekk qabel ikun hemm kelma li tispiċċa b'vokali: hekk niktbu "mara importanti", "azzjoni illegali". Iżda mbagħad niktbu "huwa llandja... huwa bbrilla" mingħajr i. Din ir-regola kienet milqugħa tajjeb kważi minn kulħadd, iżda issa hawn min donnu jrid ibiddilha.

Nibda billi ngħid li jiena naqbel mal-Akkademja dwar kliem bħal "importanti", u se ngħid għaliex din ir-regola ma għandhiex tinbidel.

Ħalli l-ewwel naqraw ir-regola tal-Akkademja. Din tgħid hekk: "Kliem ġej minn ilsna Ewropej li jibda bil-vokali, li tkun biċċa mill-kelma, iżomm din il-vokali fil-Malti, għax din mhix vokali tal-leħen. Eżempji: immedjat, inġust, illeċitu". (*Regoli tal-Kitba tal-Malti*, 1998, p. 60).

Hawnhekk kien hawn min staqsa: "Mela, biex tikteb bil-Malti sewwa, trid bilfors tkun taf it-Taljan u l-Latin?" It-tweġiba hija le. Fl-Ingliż hemm ħafna kliem ġej mil-Latin u mill-Franċiż, iżda biex tikteb bl-Ingliż tajjeb mhux bilfors trid tkun taf il-Latin u l-Franċiż. Biżżejjed tkun taf x'jgħid id-dizzjunarju tal-Ingliż fuq it-tali kelma; u jekk dwarha għandek dubju, tmur tfittixha fid-dizzjunarju tal-Ingliż, mhux f'dak tal-Latin u anqas tal-Franċiż. Mela dwar kliem bħal "importanti", mhux meħtieġ li min jikteb ikun jaf il-Latin jew it-Taljan, iżda biżżejjed ikun jaf x'jgħid id-dizzjunarju tal-Malti.

Huma dawk li jikkomponu d-dizzjunarji li jridu jkunu jafu bit-Taljan, bil-Latin, u lingwi oħra. Iżda dawn huma numru żgħir ta' nies li tgħoddhom fuq id waħda.

Xi ħadd qal: "Imma meta nitkellmu, aktarx naħtfu l-i ta' "importanti" meta qabilha jkun hemm vokali oħra". Din il-ħatfa tal-vokali tissejjaħ *eliżjoni* u ssir fil-lingwi kollha, imma xorta ma jwaqqgħux l-i fi kliem bħal "importanti". Il-Malti ma għandux ikun eċċezzjoni fejn ma hux meħtieġ.

Diffikultà li ssemmiet dan l-aħħar hija din: "Xi drabi ma nkunux ċerti jekk kelma hix ġejja minn kelma Taljana li tibda bil-vokali i, jew minn kelma bl-Isqalli li tibda mingħajr i." L-ewwel nett din hija kwestjoni għal min jikkomponi d-dizzjunarju, u mhux għal kull min irid jikteb bil-Malti. Barra minn hekk, fid-dubju jekk kelma bħal "importanti" hix ġejja mit-Taljan jew mill-Isqalli, dawk li jikkomponu d-dizzjunarju għandhom jimxu fuq it-Taljan. Dan mhux b'xi nuqqas ta' rispett lejn l-Isqalli, li għandu l-mertu tiegħu bħala lingwa, imma għax fid-dubju aħna liberi, u allura jaqbel li nagħżlu t-Taljan għax b'hekk inkunu qed naqblu wkoll mal-Ispanjol, mal-Franċiż, mal-Ingliż, u ilsna oħra Ewropej.

Għalkemm il-Malti huwa essenzjalment ilsien Semitiku, għax il-grammatika tagħna taqbel kważi perfettament ma' dik tal-Għarbi, u għandna ħafna kliem li jinsab ukoll fl-Għarbi, il-Malti għandu wkoll ħafna kliem meħud mill-ilsna Romanzi (li ġejjin mil-Latin) u ħafna kliem mill-Ingliż. Dan l-element fil-Malti tal-lum huwa ta' min jgħożżu wkoll, għax sar biċċa mill-ilsien tagħna, u lsienna sar aktar għani bih. Dan l-element iressaqna lejn ilsna kbar bħat-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, u l-bqija. Huwa tajjeb li norbtu l-Malti ma' dawn l-ilsna wkoll u li ma jkollniex kunċett dejjaq tal-ilsien għażiż tagħna.

Rimarka oħra meħtieġa hija din. Għalkemm nistgħu nistennew xi korrezzjonijiet żgħar fl-ortografija tal-Akkademja tal-Malti, ma nistgħux nippretendu li nsewwu dik l-ortografija biex inġibuha perfetta jew xjentifika. Min jaħseb hekk qiegħed jgħix f'illużjoni kbira. Għax l-ortografija popolari qatt ma tista' tkun perfetta jew xjentifika. Ir-raġuni hija li l-ortografija popolari hija kompromess bejn l-etimoloġija u l-fonetika; u għalhekk ma tistax tkun perfetta. Dan rajnieh ċar fl-aħħar tiswijiet li saru mill-Kunsill tal-Malti meta ħareġ l-hekk imsejħa *Deċiżjonijiet* dwar l-ortografija. Xi wħud mid-deċiżjonijiet kienu milqugħa tajjeb, u oħrajn naffru ħafna nies. U ma setax ikun mod ieħor.

Ma nixtieqx intawwal iżjed, imma tajjeb li min hu responsabbli jaħseb sewwa fuq dawn il-linji.

# L-interess ta' James Somerville (1777-1860) fl-ilsien Malti

Mario Cassar

James Somerville, riċerkatur espert u kollezzjonist tal-antikitajiet, kien Skoċċiż minn Glasgow li kellu konoxxenza tajba tal-Malti. Qabel ma wasal Malta, kien Viċi Konslu tal-Maestà Tiegħu fi Tripli. Somerville beda l-karriera ċivili tiegħu f'pajjiżna fl-1817 bħala Maġistrat Ġenerali; biss, is-sena ta' wara nħatar Maġistrat tal-Għassa (wara Archibald Dalzell) u Kollettur tat-taxxi f'Għawdex. Fl-1819 sar Kummissarju għall-iskrutinju tax-xhieda, u fl-1822 laħaq Kollettur tas-sisa u d-dwana. Hu temm xogħlu bħala Maġistrat fl-1834.[1] Jingħad li kien maħbub ħafna min-nies.

Il-miġja tiegħu f'Malta kompliet tkebbes fih l-interess assidwu li kellu fl-arkeoloġija. Kien bl-inizjattiva tiegħu u ta' John Otto Bayer[2] li ġew skavati l-fdalijiet preistoriċi tax-Xagħra (magħrufa bħala l-Brockdorff Circle) u tal-Ġgantija f'Għawdex. Somerville, minħabba li ma kienx infurmat biżżejjed, kien jemmen li dawn l-imqades kienu Feniċi. George Whitmore,[3] li qatta' xi snin hawn Malta bejn l-1811 u l-1829, ħalla l-memorji tiegħu fuq il-proċess kollu tal-iskavar; dan ix-xogħol bażikament seħħ fis-snin 1821-23. Minkejja li ma jsemmix lil Somerville, żgur li kien jafu mill-qrib.

F'Għawdex, Somerville laqa' għandu lid-Duka Hermann Ludwig Heinrich Pückler-Muskau (1785-1871), kittieb u vjaġġatur Ġermaniż, li baqa' magħruf l-aktar bħala *connoisseur* tal-arti u disinjatur tal-ġonna. Id-Duka għamel żjara f'Malta għall-aħħar tal-1835; u fl-1840, ippubblika fi Stuttgart id-djarji

tiegħu, *Südsötlicher Bildersaal,* dwar dak kollu li osserva. Matul il-mawra tiegħu f'Għawdex, ma naqasx li jmur jara l-fdalijiet preistoriċi tax-Xagħra u l-Ġgantija, u apprezza ħafna l-ospitalità tal-eks maġistrat għal Għawdex li kien il-gwida affidabbli tiegħu.[4] Pückler-Muskau jikteb li għamel kemm-il tentattiv biex is-sit jiġi esproprijat. Iżid li Somerville kien issuġġerixxa lill-Gvern jixtri l-art li kienet tiswa ftit mijiet ta' dollari Spanjoli. L-awtoritajiet offrew 100 dollaru anqas mis-somma li talab is-sid; it-tranżazzjoni falliet, u l-post spiċċa vvandalizzat. Id-Duka jgħidilna li ra b'għajnejh it-tkissir ta' dawn il-fdalijiet mill-bdiewa tal-lokal.[5]

Somerville kien miżżewweġ mara Griega minn Kreta jisimha Maria; minnha kellu żgur erbat ibniet. Hi mietet fil-31 ta' Lulju 1836. Wara li romol, reġa' żżewweġ fit-22 ta' Ottubru 1839, din id-darba lil xebba mill-Belt, Agata Monreal, li minnha kellu, minn tal-anqas, żewġ subien. L-indirizz tiegħu f'Malta kien 198, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, sewwasew fid-dar fejn qabel kien jgħammar George Ogilvie. Huwa miet fis-17 ta' Frar 1860, fl-għomor ta' 83 sena.[6]

## Somerville u l-Malti[7]

Aktar tagħrif siwi fuq Somerville jagħtihulna r-Rev. S.S. Wilson, li kien l-aġent Protestant tal-London Missionary Society fil-Greċja u Malta bejn l-1819 u l-1835.[8] Fil-ktieb tiegħu *Sixteen Years in Malta and Greece* hu jiddeskrivi l-interessi kolti u eklettiċi ta' Somerville li laqa' lil Wilson f'daru stess.[9] Wilson jimplika li Somerville kien tgħallem xi ftit Għarbi meta kien għadu Tripli; għaldaqstant, ma kinitx sorpriża li hawn Malta beda jinteressa ruħu fi lsienna. Bħal ħafna residenti u viżitaturi Ingliżi ta' żmienu, kien jemmen li l-Maltin kienu etnikament imnisslin mill-Feniċi, anki jekk jitkellmu xorta ta' Għarbi 'korrott'. Somerville insista mal-kittieb li f'wieħed mill-irħula Għawdxin kienu jitkellmu lingwa li ma tinftiehem minn ħadd.[10] B'dawn id-dettalji Wilson donnu ried jassigurana kemm Somerville kien interessat fl-ilsien Malti.

L-Iskoċċiż Alexander Malcolm[11] żar Malta fis-snin 1827-28 u matul mawra ta' ħmistax f'Għawdex iltaqa' ma' Somerville. Fil-memorji tiegħu *Letters of an Invalid from Italy, Malta and the South of France* (ippubblikat wara mewtu fl-1897) mhux biss jgħid li ltaqa' ma' Somerville personalment imma saħansitra jgħid li dan kiteb dizzjunarju tal-Malti ta' 30,000 kelma kif ukoll grammatika ħafifa.[12] Tal-ewwel biċċa xogħol għandna evidenza banda oħra, iżda l-attribuzzjoni tat-tieni hi dubjuża.

Ibda biex, Wilson ma jsemmi ebda xogħol minnhom; jgħid biss li f'Malta hu stess ippubblika grammatika ċkejkna tal-Malti fl-istamperija tal-Missjoni.[13] Jista' jkun, għalhekk, li Malcolm attribwixxa din il-grammatika lil Somerville bi żball; jekk le, allura, qed nitkellmu fuq żewġ pubblikazzjonijiet differenti. L-għan ta' xogħlijiet simili kien li jipprovdu tagħlim elementari fil-vernakular, biex imbagħad iservu ta' mezz li bih il-poplu rurali u illitterat seta' jitgħallem xi ftit Ingliż ukoll. Wilson iżid li fl-istess kuntest, il-missjunarju Metodista John Keeling (1785-1857) kien ippubblika ktieb tal-qari bil-Malti bil-kliem korrispondenti bl-Ingliż, jismu *Ktib Yl Quari* [sic].[14] Kienet moda diffuża kemm fost l-iskulari kif ukoll fost id-dilettanti Ingliżi li kienu jżuru nħawi differenti tal-Mediterran li jikkompilaw vokabularji jew elenki lessikografiċi għal raġunijiet edukattivi u missjunarji, jew sempliċiment għall-interess personali tagħhom, mingħajr l-intenzjoni ta' pubblikazzjoni.[15]

Hu x'inhu, l-iskop ta' din il-grammatika (jew ktieb ta' qari elementari) jidher tassew modest ħdejn id-dizzjunarju 'monumentali' li kkompila Somerville fis-snin għoxrin. Ħadd ma jaf x'sar minnu dan il-manuskritt li jixhed il-perseveranza u d-dedikazzjoni tiegħu. Għandna evidenza ċara tiegħu f'katalgu mdaqqas jismu appuntu *Catalogue of Books*, stampat fl-1868, li kien offrut għall-bejgħ minn Bernard Quaritch ta' Piccadily.[16] F'paġna 622 ta' dan il-katalgu nsibu din in-nota:

> *9102. (Somerville). English-Italian-Maltese Dictionary, with supplement, stout folio, neat MS of 1000 pp. containing upwards of 60,000 Maltese representatives for so many English words, hf. bd. from the library of the Malta Protestant College. £3. 10s. Circ. 1820.*
>
> *A most valuable MS. No work so extensive as this exists in print on the same subject.*

Din ir-referenza hija illuminanti daqskemm hi problematika. Qabelxejn, in-numru ta' kliem ikkompilat (60,000) ma jirrikonċiljax man-numru mogħti minn Malcolm (30,000). Fis-sew, iż-żewġ ċifri jidhru esaġerati; biżżejjed ngħidu li Vassalli, fil-*Ktieb il-Kliem Malti Mfisser bil-Latin u bit-Taljan,* magħruf bħala l-*Lexicon Melitense-Latino-Italum* (Ruma, 1796), kien inkluda biss madwar 18,000 kelma. Hu prattikament impossibbli li Somerville għamel qabża kwantitattiva daqstant impressjonanti. Barra minn hekk, id-data c. 1820 tidher bikrija wisq. Id-data li jagħti Griffiths, c. 1827, hija aktar plawsibbli, sewwasew għax Malcolm kiteb dwar id-dizzjunarju wara li żar Malta fl-1828.

Iż-żewġ xogħlijiet ta' Somerville (jekk verament kienu tnejn) jistgħu jingħaddu bħala mitlufa. Jeżistu dubji serji dwar kemm tabilħaqq kiteb grammatika ċkejkna tal-Malti. Min-naħa l-oħra, id-dizzjunarju, appuntu għax baqa' manuskritt, sa jibqa' ferm diffiċli biex nintraċċawh. Jista' jkun li jinsab l-Ingilterra għand xi kollezzjonist jew għand il-werriet dirett ta' dak l-individwu li kien xtrah għal tliet liri u għaxar xelini wara l-1868.

**Noti**

1 Giovanni Bonello, "The Gozo Megalithic Sites: Early Visitors and Artists", *Maltese Prehistoric Art 5000–2500 BC*, ed. Anthony Pace (Malta, 1996) 29n. Ara wkoll ittra tal-istess awtur fis-*Sunday Times* [*of Malta*] tal-4/8/96.

2 Il-Logutenent-Kurunell Bayer serva f'diversi karigi f'Għawdex: Kmandant Militari (1816), Maġistrat Ġenerali (1817), Uffiċjal Ċivili Ewlieni (1819), u Logutenent-Gvernatur (1823). Miet fl-1826.

3 Il-Kurunell (aktar tard Ġeneral u Sir) George Whitmore kien arkitett mar-*Royal Engineers*. Il-ħidma tiegħu hawn Malta hi aktarx marbuta mar-ridekorazzjoni tat-Teatru Manoel fl-1812 u l-pjanta tal-isptar navali ta' Bighi. Għal tagħrif bijografiku dwaru, ara l-artiklu ta' Paul Xuereb fil-ktieb *Encounters with Malta,* ed. Petra Bianchi u Peter Serracino-Inglott (Malta, 2000) 231-33.

4 Pückler-Muskau ħallielna wkoll tpinġija bil-pinna tal-maġistrat u l-familja tiegħu. Għal tagħrif bijografiku dwaru, ara l-artiklu ta' Thomas Freller fil-ktieb *Encounters with Malta* 245-247.

5 Bonello 21.

6 Tagħrif miġbur mis-sit elettroniku http://www.maltafamilyhistory.com.

7 Tagħrif issintetizzat minn żewġ ittri tassew interessanti ta' Donald Sultana u Victor G. Griffiths li dehru fis-*Sunday Times* [*of Malta*] tal-11/8/96.

8 S. Sheridan Wilson ħa post ir-Rev. Isaac Lowndes; kien anki membru tas-Soċjetà Letterarja ta' Ateni; kien ħabib ħafna ta' Dr Cleardo Naudi; u sakemm dam hawn Malta kkonkluda tajjeb li lsienna kien forma ta' Għarbi Saraċen. F'Malta stess ippubblika wkoll il-ktieb *Gli elementi della lingua inglese, ragionata per servire da compagno al legista, al commerciante ed al viaggiatore* (1831).

9 L-isem sħiħ tal-ktieb tiegħu huwa *A Narrative of the Greek Mission or, Sixteen Years in Malta and Greece, including tours of the Peloponnesus, in the Aegean and Ionian Isles with remarks on the religious opinions, moral state, social habits, politics, language, history, and lazarettos of Malta and Greece* (Londra, 1839).

10 Wilson 96.

11 Dan kien aktarx Alexander Malcolm Wale (1794-1884), qassis Protestant u membru akkademiku ta' St John's College, Cambridge. Kien ukoll vigarju ta' St Michael's and All Angels mill-1830 sakemm miet.

12 Tagħrif mislut minn ittra ta' Victor G. Griffiths fis-*Sunday Times* [*of Malta*] tat-28/7/96. Fil-ktieb tiegħu, Malcolm jagħti rendikont iddettaljat tas-soġġorn tiegħu f'Malta – rendikont ta' 223 paġna.

13 Wilson 99. Donald Sultana jgħid li din kienet l-istamperija taċ-Church Missionary Society (CMS) iżda fil-fatt il-London Missionary Society (LMS) kellha l-istamperija tagħha. Ara Olvin Vella, "The Church Missionary Society Press (1822-1844) and the Cultivation of the Maltese Language", *Treasures of Malta*, xii 3 (2006) 37.

14 Wilson 100. Keeling, membru tal-Wesleyan Missionary Society, kien attiv f'Malta fis-snin 1824-32, u bl-għajnuna tal-Professur Cleardo Naudi (1781-1837), li kien ikkonverta għall-Protestantiżmu, kien ħa ħsieb it-traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid u ta' testi reliġjużi oħra mill-Ingliż għall-Malti. Ara N.D. Denny, "British Temperance Reformers and the Island of Malta 1815-1914", *Melita Historica*, ix 4 (1987) 331. Issa nafu li fl-1831 il-Wesleyan Missionary Society ħarġet *Ktieb il-Qari għat-Tfal*, imfassal fuq l-ortografija ta' Vassalli, filwaqt li fl-1832 ħarġet *Ktieb il-Qari fuq Bosta Ħwejjeġ, Maħtura minn Kotba Kattoliċi*, b'test parallel bil-Malti u bl-Ingliż.

15 Hekk kien għamel pereżempju John Cam Hobhouse, il-ħabib ta' Lord Byron fil-Greċja meta kkompila miklem tal-Albaniż. Nafu b'dizzjunarji simili jew listi ta' kliem miġbura fi Sqallija, id-Dalmazja, l-Illirja, u l-inħawi mbiegħda tal-Imperu Ottoman.

16 Kopja ta' dan il-katalgu kienet f'idejn is-Sur Patrick Formosa, almenu sal-1996.

# Patri Fidiel u prietka tal-1813 f'ġieħ San Publiju

Reno Fenech

Jekk tfittex il-manuskritt 386 tal-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina (AKM) għandek issib erba' prietki bil-Malti, ilkoll ta' tmiem is-seklu tmintax. Huma miktubin b'mod pulit fuq folji ta' daqs ftit iżgħar minn A5. Magħhom hemm seba' prietki oħrajn bit-Taljan mill-istess id fuq folji ikbar. L-ismijiet tal-prietki huma kollha bit-Taljan u kollha jisimhom "Discorso", għajr l-iqsar waħda li hi "Discorsetto"; f'waħda minnhom jagħmel referenza diretta li dak li qed jgħid huwa diskors, jiġifieri taħdita.[1]

Il-prietki bil-Malti huma dwar ġrajjiet diversi fosthom fuq il-kwaranturi (erbgħin siegħa ta' devozzjoni) li għamlu l-baħħara qabel ma siefru fl-1791 u prietka tal-Milied tal-1797. Fl-1969 kien deher tagħrif żgħir dwar dawn l-erba' prietki.[2] Fl-2006 l-prietka fuq il-baħħara ġiet traskritta[3] u xi tliet snin qabel dehret ippubblikata bl-ortografija moderna minħabba s-siwi ekstralingwistiku tagħha.[4]

Għad illi m'hemmx l-isem ta' min kitibhom, fit-tmiem tal-prietka tal-Milied hemm imniżżel li kienet ikkupjata mill-Kanonku "Tonna" ta' Birkirkara.[5] Evidenzi interni fil-fatt juruna li kienu kkupjati. Ngħidu aħna, hemm bosta kelmiet ikkupjati ħażin fosthom f. 5 *taħlu* (taħslu), f. 8 *Imseicha* (imsejkna), f. 15 *micghu* (miegħu), f. 23 *ununri* (unuri) u f. 24 *bniem* (bniedem).

F'żewġ prietki bit-Taljan jidher il-kunjom "Stivala" miktub fil-qiegħ imma ma jgħinniex naslu għalih.[6]

**Prietki tal-istess awtur f'żewġ arkivji**

Meta kont qed infittex fil-kollezzjoni privata tat-tabib Ġużè Galea,[7] fost il-prietki tas-seklu dsatax l-ewwel tlieta u għoxrin prietki nnumerati ntisġu bejn l-1808 u l-1823 u huma lkoll mill-istess id għajr il-ħmistax-il waħda. Kollha huma bit-Taljan għajr ħamsa minnhom li huma bil-Malti u mill-kalligrafija jaqblu għal kollox ma' dawk tal-Imdina.[8]

Il-prietki fl-arkivju privat jikkumplimentaw dawk tal-Imdina u mill-manuskritti misjuba nafu żgur li l-predikatur ipprietka bejn l-1791 u l-1823. Għad illi fl-ebda prietka m'hemm indikat isem min nisiġhom, fil-bidu tagħhom u fi tmiemhom hemm imniżżlin dati u mkejjen preċiżi ta' meta u fejn saru ħafna minnhom. Ma kinitx ħaġa faċli nsib min kien il-predikatur. Biex insir naf isem il-predikatur fittixt f'wieħed mill-volumi tal-*Conti* tal-Arkivju Parrokkjali tal-Isla u b'xorti tajba sibt li fis-27 ta' Ottubru 1791 "*il terzo Panegirico fatto dal P. Fidele Capuccino*".[9] Din hija l-istess data ta' meta sar id-"Discorso per li Naviganti" li huwa l-eqdem paniġierku bil-Malti li waslilna tal-predikatur kabuċċin Patri Fidiel (c.1762-1824).

Li Patri Fidiel huwa l-awtur tal-prietki tal-Imdina u tal-kollezzjoni tat-tabib Galea nerġgħu nikkonfermawh mir-riċerka tal-istoriku Patri Franġisku Azzopardi. Wara li nħasset theżżiża tal-art fit-2 ta' Marzu 1810,

> P. Fidiel kien ġie msejjaħ biex jipprietka fit-tieni ġurnata tat-tridu waqt l-Espożizzjoni Solenni tal-Ewkaristija fil-Knisja ta' S. Filippu, l-Isla. Iktar tard, fit-3 ta' Lulju 1810 reġa' pprietka fl-istess Knisja fit-tielet jum tat-tridu li kien sar f'ġieħ il-Madonna ta' Monte Allegro.[10]

Fost il-prietki fil-kollezzjoni tat-tabib Galea sibt: "*Discorso Della Madonna di Monte Allegro Recitato nella Chiesa di S. Filippo della Senglea nel terzo giorno del suo triduo li 3 Luglio 1810 cioè nel giorno dopo la festa della Visitazione della B. V. Titolare di detta Chiesa*".[11]

Patri Fidiel kien predikatur magħruf u mfittex ħafna. Dan jistgħu jixhduh xi prietki li waslulna minħabba li jittrattaw avvenimenti importanti u uniċi bħal, ngħidu aħna, meta ngħataw ħmistax-il jum indulġenza mill-Papa Piju VII fl-1817 u meta nġiebet relikwa ta' San Pawl f'Lulju tal-1818. Ġrajja importanti meta Patri Fidiel ippritetka hija meta l-istatwa ta' San Publiju ddaħħlet għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali tal-Furjana fl-1813.

**Min kien Patri Fidiel?**

Sal-lum Patri Fidiel ftit li xejn inkiteb tagħrif dwaru[12] u l-aktar li jissemma huwa għal żewġ kurunelli li kkompona, *Duodecima* tal-Immakulata Kunċizzjoni[13] u Kurunella tal-Ispirtu s-Santu[14] li baqgħu jitkantaw għal għadd ta' snin. Il-manuskritt tad-*Duodecima* jinsab fil-kollezzjoni tal-familja Bonavita.[15] Fl-1822 Patri Fidiel kiteb ukoll poeżija satirika u bilingwi b'versi jalternaw bit-Taljan u bil-Malti lill-Abbati Luigi Rigord, Latinista li għex fi żmienu.[16]

Nafu li Patri Fidiel kien predikatur magħruf u mfittex ħafna hekk li pprietka fil-biċċa l-kbira tal-parroċċi f'Malta u Għawdex. Ngħidu aħna, prietka tal-Milied li ġġib is-sena 1797[17] jidher li saret erba' darbiet b'kollox: fl-1797 ixxandret Ħaż-Żabbar, San Pawl il-Belt u Ħal Qormi, u fl-1800 xxandret iż-Żejtun.[18] Ir-Rev. Leopoldo Fiteni fil-*Giornale Cattolico* jistqarr illi Patri Fidiel kien iħabbatha mal-aqwa predikaturi ta' żmienu u jgħid li l-poplu kien imur bi ħġaru biex jisimgħu jipprietka.[19] Dun Francesco Caruana Dingli saħansitra jasal biex iqabblu mal-Ġiżwita Taljan Paolo Segneri għall-ħila tiegħu fl-ippritkar.[20] Aktarx li kien mill-Belt kif hemm imniżżel f'kitba taħt ritratt tiegħu,[21] għalkemm f'manuskritt hemm nota li kien mill-Isla.[22] Patri Fidiel kien lettur tat-teoloġija u l-Isqof Mattei kien għażlu Eżaminatur tal-Kleru.[23] Bejn l-1818 u l-1821 kien kustodju tal-Kabuċċini.[24] L-istoriku tal-Knisja Achille Ferris jiddeskrivi lil Patri Fidiel "*dotto teologo, oratore acclamatissimo, religioso ornato di pietà e di rare virtù*".[25]

Giovanni Azopardi fil-*Giornale* tiegħu jsemmi li fi żmien l-imblokk, il-mexxejja Franċiżi kienu bagħtu lil Patri Fidiel "*cappuccino molto amato, e rispettato da tutti gli abitanti di Malta*" jkellem lill-kapijiet tal-Maltin biex jistħarreġ il-kawża tar-rivoluzzjoni u jsir jaf xi jridu l-Maltin mill-Franċiżi.[26] Patri Fidiel aċċetta li jmur imma l-Maltin żammew iebes, ħasbuh traditur, arrestawh u l-mexxejja tagħhom żammewh għal xi żmien fl-"*ufficcio dei giurati*", l-Imdina biex ma jibqax jiġi mgħajjar. L-istoriku Ġan Anton Vassallo jsemmi wkoll li Patri Fidiel kien wieħed minn erba' medjaturi Maltin li marru jiltaqgħu mal-Maltin fis-7 ta' Settembru 1798.[27] Hawn għandna xhieda importanti li Patri Fidiel kien irrispettat u miġjub saħansitra mill-ħakkiem barrani hekk li rah 'medjatur'. Dan juri li kien magħruf ħafna.

Uħud mill-prietki li jinsabu fil-kollezzjoni privata tat-tabib Galea kienu xxandru l-Furjana u ħafna drabi l-predikatur jirreferi għall-kunvent tal-Furjana bħala "*nostro Convento*",[28] xhieda oħra li kien Kabuċċin tal-Furjana. Patri Fidiel miet fl-istess kunvent fid-29 ta' Ġunju 1824 ta' 62 sena. Bis-saħħa tal-għadd

imdaqqas ta' prietki li waslulna ta' Patri Fidiel, nistgħu ngħidu li kien wieħed mill-Maltin eruditi bikrin għax kiteb testi ta' proża sħaħ bil-Malti.

## Il-prietka fuq l-istatwa ta' San Publiju[29]

Din il-prietka hija l-eqdem waħda mill-ħames prietki bil-Malti li jinsabu fil-kollezzjoni li ħalla t-tabib Ġużè Galea. Għandha importanza kbira għax tagħtina tagħrif storiku ġdid fuq l-istatwa ta' San Publiju. Bis-saħħa ta' din il-prietka nafu l-jum u s-sena eżatti ta' meta l-istatwa ta' San Publiju ddaħħlet fil-knisja u mnejn inġiebet. Għal bosta snin kien hemm id-dubji u ħafna qagħdu fuq ix-xhieda tan-nies li għexu dak iż-żmien bla ma taw tagħrif preċiż.[30] Patri Fidiel xandarha dakinhar li l-istatwa ta' San Publiju ddaħħlet għall-ewwel darba fil-knisja tal-Furjana.[31] Kien il-Ħadd 17 ta' Jannar 1813 u aktarx li saret filgħaxija għax jgħid "Hekk stħajjiltni llejla..." Jiftaħ il-prietka billi jistaqsi żewġ mistoqsijiet rettoriċi lil San Publiju. Jgħid li għal dan l-avveniment il-miġemgħa Furjaniża ħolqot atmosfera ta' ferħ kbir. Għal darbtejn jistqarr li ra l-istatwa tinġieb mill-Belt. Il-predikatur jgħid li għal bosta drabi ra l-istatwa ta' San Pawl tiddaħħal f'dik il-knisja imma qatt ma ra dak il-hena fil-miġemgħa daqs dakinhar li nġiebet l-istatwa ta' San Publiju. Lejn tmiem il-prietka Patri Fidiel jagħmel appell lill-poplu tal-Furjana biex ikun ġeneruż u jagħti ftit "elemożina" għax l-istatwa għadha "mhix totalment mifdija". Jagħlaq il-prietka b'talba lil San Publiju.

Fil-prietka nistgħu naraw għadd ta' xejriet interessanti tal-Malti.[32] L-aktar ħaġa li tolqotlek għajnejk minnufih hija l-użu tal-forma "Furjana". Din hija l-eqdem għamla bil-Malti ta' dan il-lokal li nstabet miktuba s'issa. Fil-prietka tidher erba' darbiet b'kollox: f. 1r "o gimiġa tal Furiana", "geua il Furiana", f. 1v "U ġalec ifraħ o Furiana bedina il migia" u f. 2r "o Populu tal Furiana". Hawn għandna xhieda miktuba li l-forma li tingħad fit-taħdit ilha mill-inqas mitejn sena. Patri Fidiel f'din il-ġrajja unika ħass li għandu dejjem juża l-għamla Maltija "Furjana" minflok dik barranija "Floriana".

L-ortografija li tintuża fil-prietka hija mibnija fuq dik Taljana, bħal fil-kelmiet *maduarec* (madwarek), *isciorta* (ix-xorta), *famiglia* (familja). Interessanti li meta jkollna l-għanqud tal-konsonanti "qs" juża l-grafema mil-Latin *x*: *daxtant* (daqstant), *daxchem* (daqskemm). Il-kopista kiteb kif kien jisma' għax, ngħidu aħna, il-konsonanti mleħħnin tat-tarf jiktibhom imniffsin. Eż. *ninsap* (ninsab), *calp* (qalb), *culħat* (kulħadd). Hekk ukoll jikteb il-konsonanti mleħħnin li jaħbtu ma' waħda mniffsa bħal *tipca* (tibqa') u *pħalma* (bħalma).

Fil-prietka ninnotaw li jikteb fonemi li ma jitlissnux fil-Malti tal-lum, xhieda li dak iż-żmien kienu għadhom jinstemgħu. L-"għ" jiktibha bil-grafema *ġ* bħal *inġit* (ingħid), *tiġac* (tiegħek) u *ġuda* (għuda). Il-fonema /h/ jiktibha bil-grafema *ħ*: *iggibuħa* (iġġibuha), *deħret* u *ħena*, imma ġieli jħalliha barra: *iscduli* (jixhduli) u *ġanda* (għandha). Dawn iż-żewġ eżempji juru li setgħet bdiet tintilef.

Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn il-lessiku fil-prietka, għandna nintebħu bil-kotra ta' kliem ta' nisel Rumanz. Ngħidu aħna, insibu nomi bħal *condizioni* u *consolazioni* u verbi bħal *tissollennizzalu*, *tifformalu*, *irracmandalhom* u *niffrastorna*.

Fi prietka ta' mitejn sena ilu nistennew li nsibu kliem li hu qadim waqt li kliem ieħor kellu għamla differenti milli għandu llum. Fost il-lessiku arkajk insibu *hemm* meta jirreferi għan-niket, *niscieġlu* (nixxiegħlu) li tfisser nifirħu u *nispiedi* li tfisser nispiċċa. Mil-lessiku li bidel surtu nsibu *drabiet* li llum tingħad 'drabi' jew 'darbiet', u n-nomi *divrenzja* u *ġmiegħa* li llum aktarx jingħadu l-forom 'differenza' u 'ġemgħa'. Jagħti l-forom twal tal-pronomi dimostrattivi bħal *edauna* u *edina* għal 'dawna' u 'dina', u l-avverb *immela* għal 'mela'. Insibu l-frażi mit-Taljan *qualsivoglia* li ma daħlitx fil-Malti. Din tfisser kull.

Fil-prietka nsibu espressjonijiet mill-isbaħ li juruna li Patri Fidiel kien predikatur tajjeb. Fosthom hemm "ikun dana arbulat quddiem għajnejna" u "b'għajn ħanina ħarist lejna". Juża l-espressjoni "iġġibuha f'lokha" meta jgħid li l-istatwa ta' San Publiju ser titqiegħed f'postha. Jagħti wkoll il-frażi *fil-batal* fis-sentenza "dana l-ferħ jirnexxi fil-batal" li tfisser għalxejn. Illum għadha tingħad fit-tieni kmandament "la ssemmix l-isem t'Alla fil-batal," xhieda li hija għamla miruta.[33] Jintużaw xi kalki maqlubin b'mod dirett mit-Taljan bħal *in cumpannia ta* (< *in compagnia di*) li fit-taħdit aktar tingħad 'flimkien ma'' u l-avverb *allura* li fis-sentenza "x'divrenzja nilmaħ bejn is-sentimenti li dehru fikom allura milli jidhru llejla" għandu t-tifsira Taljana ta' 'dak iż-żmien'. Tul il-prietka hemm l-użu tal-asindeto bħal fis-sentenza "Il-ferħ, il-hena, id-daqq, il-konsolazzjoni".

**Noti**

1 Arkivju tal-Katidral tal-Imdina [AKM], Ms. 386, f. 11v.

2 J. J. Camilleri, "Eku mis-Seklu Tmintax: Prietki tas-Snin 1791-1815", *Il-Polz,* 11 (Settembru 1969) 18-19.

3 Olvin Vella, *L-Għejun tal-Istorja tal-Ilsien Malti*, teżi tal-M.A. (l-Università ta' Malta, 2006) 222-30.

4 Joseph Muscat, *Il-Kwadri Ex-Voto Marittimi Maltin* (Pietà: PIN, 2003) 232-40.

5 AKM, Ms. 386, f. 26.

6 AKM, Ms. 386, ff. 20v u 34v.

7 Inrodd ħajr lis-Sinjura Marguerite Herrera, bint it-tabib Galea, li tatni aċċess għall-kollezzjoni privata.

8 Għal-lista sħiħa tal-prietki f'dawn iż-żewġ arkivji, ara Reno Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti*, teżi tal-M.A. (l-Università ta' Malta, 2009) 238-44.

9 Arkivju Parrokkjali tal-Isla, CF2.13, p. 263.

10 Franġisk Azzopardi, *Padre Fedele da Valletta, OFM Cap: 1762c-1824 – Predikatur, Letterat u Poeta* (Malta, 1987) 7.

11 Fl-arkivju hija r-raba' prietka nnumerata.

12 Ngħidu aħna, Robert Mifsud Bonnici fid-*Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (Malta, 1960) 208 jagħti tagħrifa żgħira ħafna dwaru.

13 Oliver Friggieri, *Il-Ktieb tal-Poeżija Maltija,* I (Valletta: Klabb Kotba Maltin, 1987) 54-55.

14 Ġużè Cassar Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870* (Pietà: PIN, 2001) 111-12.

15 David R. Marshall u Roger Vella Bonavita, "Four Anonymous Maltese Poems", *Journal of Maltese Studies*, 10 (1975) 89.

16 Azzopardi 5-6 u Giovanni Bonello, "Feasting and Fasting at the Time of the Knights," *Histories of Malta*, I (Valletta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2000) 135.

17 AKM, Ms. 386, ff. 22r-26.

18 Il-fatt li Patri Fidiel kien jipprietka f'għadd ta' postijiet nistgħu nikkonfermawh ukoll bil-prietka bit-Taljan *Predica Per il Ringraziamento della Peste*. Nota fit-tmiem tgħid li saret f'seba' parroċċi: "*Fatta in Birchircara – l'esord. Asaele 1814. Nella Colleg: di S. Paolo 1814. Nelle mis: del Naxar: 1814. Nelle miss: di Cas. Zebbuc. 1814. l'esordo il Pop. di Israele. Nella miss. del Rabbato 1814. l'esord: Asaele. Nelle mis: del Siggieui 1814. L'esor. La peste di Davidde. Nelle mis: del Zabbar 1814. L'esor: il Cieco di Gerico*".

19 Leopoldo Fiteni, *Giornale Cattolico* (Malta, 1841) 362.

20 Francesco Caruana Dingli, *Galleria Maltese*, BNM, Lib. Ms. 1142, n. 552.

21 Azzopardi 6.

22 Azzopardi 7 nota 24, għad illi l-awtur jgħid li hi mniżżla "bi żball".

23 Caruana Dingli n. 552.

24 Il-prietka tal-1819 'Discorso Per l'Apertura della Visita dei Religiosi custodiali', patri Fidiel jiftaħha billi jistqarr kif ħassu meta laħaq kustodju: "*Gran giorno fù per me quello delli 24 Aprile dell'anno scorso [1818]... Giorno in cui contro qualche mio merito viddi posto nel primo luogo della Custodia ed assegnato come capo per governarla*".

25 Achille Ferris, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta, 1866) 699.

26 Giovanni Azopardi, *Giornale della presa di Malta e Gozo* (Malta, 1836) 99.

27 Giovanni Antonio Vassallo, *Storia di Malta* (Malta, 1854) 772-773.

28 Hekk jgħid fil-prietki nnumerati 5, 8 u 10 li lkoll xandarhom il-Furjana.

29 It-traskrizzjoni tagħha dehret f'Fenech, "Il-Prietki Bikrin: Għajn ewlenija għall-istorja tal-Malti," *Il-Malti*, LXXXII (2011) 64-67.

30 Ara Friggieri, *Żewġ Artisti fil-Furjana: Vincenzo Dimech u Vincenzo Bugeja* (Furjana: Kunsill Lokali Floriana, 1997) 15-17.

31 Il-prietka hi nnumerata 6 u tinsab fil-kollezzjoni privata tat-tabib Ġużè Galea.

32 Għal stħarriġ lingwistiku aktar fil-fond tal-Malti li nsibu fil-prietki ta' Patri Fidiel ara Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti* 244-57.

33 L-eqdem referenza tinsab fl-ewwel katekiżmu bil-Malti "La tahhlef b'isem Allà fil batal". Ara Franciscu Wzzino, *Tagħlim Nisrani* (Ruma: Generoso Salomoni, 1752) 49.

# "Fuq il-Mewt ta' Bonaparti" ta' Vincenzo Caruana
## Dawl ġdid fuq il-poeżija

Daniel Meilak

Vincenzo Caruana twieled f'Bormla u studja l-Università ta' Malta fejn iggradwa fil-Liġi Ċivili u Ekkleżjastika. Jidher li kien jinġieb mill-Isqof Vincenzo Labini (1735-1807), tant li riedu segretarju tiegħu. Iżda dan ma seħħx għax Caruana ma ħassx li kellu jsir qassis. Huwa kompla jistudja biex sar Latinista u skular magħruf. Kien awtur ta' versi poetiċi Klassiċi u ttraduċa diversi poeżiji mit-Taljan u l-Franċiż. Miet qrib l-1824.[1] *Il-Malti* tal-Akkademja Filoloġika Maltija ddeskrivieh "fost il-Maltin mill-iżjed li jaf jikteb [u] mal-għerf kellu msieħba wkoll wisq tjubija..."[2] Jekk nieħdu d-data ta' mewt Napuljun (1821), u d-data tal-mewt ta' Caruana, nistgħu ngħidu li l-poeżija nkitbet bejn l-1821 u l-1824. Dan ifisser li "Fuq il-Mewt ta' Bonaparti" nkitbet fil-perjodu bikri meta Malta kienet qed trawwam tradizzjoni letterarja bil-Malti. Oliver Friggieri jiddeskrivih bħala "wieħed mill-ewlenin li ħarġu għal xi żmien mir-ringiela ta' kittieba Maltin li kitbu bit-Taljan u li ppruvaw jesperimentaw bil-poeżija bil-vernakular."[3]

Meta kiteb dawn il-versi bil-Malti, ftit kienu dawk in-nies li għarfu l-importanza tal-ilsien indiġenu għall-formazzjoni tan-nazzjon. Wieħed irid iżomm f'moħħu li Malta kienet ilha mdorrija b'sistema multilingwi. It-Taljan kien il-lingwa miktuba tal-letterati, tal-qrati, tal-edukazzjoni, tal-Knisja u tal-Maltin tal-klassi l-għolja. Nistgħu ngħidu li sas-seklu dsatax, apparentament Malta kellha "kultura Taljanizzata."[4] L-Ingliż, wara l-1800, sar il-lingwa tal-kolonizzatur. Bejniethom kien hemm il-Malti, użat fit-taħdit fil-ħajja ta'

kuljum tal-poplu.[5] Kontemporanju ta' Caruana kien Mikiel Anton Vassalli li ta saħħtu biex jara l-Malti jqum fuq saqajh għax għaraf li b'hekk seta' l-poplu jagħraf l-identità tiegħu u jsir nazzjon: "...malli taqra u tikteb bi lsienek tħossok minnufih tithenna, u bħallikieku tistenbaħ billi tiftaħ għajnejk u tara dawl ġdid, dinja oħra, u hemma mbagħad tagħraf x'qiegħed tgħid u x'qiegħed tagħmel..."[6] Il-prinċipju Romantiku tal-lingwa bħala l-kodiċi li fiha tiġbor in-nazzjon, imqajjem mill-Ġermaniż Herder (1744-1803), f'Malta sab esponenti ewlenin bħal Agius de Soldanis u Vassalli.

F'dan il-kuntest nifhmu d-diffikultà ta' xi wħud li kienu jemmnu li l-Malti, li qajla kien miktub, ma setax ikun ilsien letterarju. Iżda skulari kontemporanji ta' Caruana kienu qed jisħqu li l-Malti huwa lsien fertili, espressiv u mużikali.[7] Hekk stqarr Agius de Soldanis. Bdew isiru sforzi biex jinkiteb il-Malti, u hekk inħolqot il-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-alfabett u l-ortografija, fost l-oħrajn. Mill-aħħar tas-seklu tmintax sal-bidu tas-seklu għoxrin saru ħafna tentattivi, waqt li għadd ta' kontroversji ma naqsux dwar jekk il-Malti kellux jinkiteb b'mod jew b'ieħor għax mhux kulħadd kien tal-istess fehma dwar l-alfabett. Min kien purist u ried li l-Malti jinżamm safi kemm jista' jkun bħal Vassalli u min kien aktar liberali u aċċetta li l-ilsien kellu jiżviluppa u jadatta. Ġan Anton Vassallo (1817-1868) kien tal-fehma li fejn ma jinqediex, il-Malti kellu jissellef kliem minn ilsna oħra u jadattahom.[8]

"Fuq il-Mewt ta' Bonaparti" tidħol f'dan l-isfond. Il-poeżija ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1839 f'*The Malta Penny Magazine* (*MPM*),[9] ġurnal Malti miktub bl-Ingliż li beda joħroġ għall-ewwel darba fl-1839, hekk kif Malta ġiet mogħtija l-Libertà tal-Istampa fl-istess sena. Il-poeżija kienet tradotta wkoll għat-Taljan u ppubblikata mill-ġdid f'*Il-Malti* fl-1844. Iżda issa nafu wkoll b'kopja ta' din il-poeżija miktuba f'manuskritt li jinsab fl-Arkivju tal-Università ta' Malta, li minkejja li ma fihiex data, tidher li hija eqdem minn dik li ġiet ippubblikata fl-1839 fil-*MPM*.[10] Hemm il-probabilità li din hija l-oriġinali. Il-manuskritt huwa kollezzjoni ta' xogħlijiet – kollha bit-Taljan u bil-Latin ħlief waħda – minn diversi jdejn bħalma huma Cristoforo Frendo, Saverio Gauci, Francesco Montebello, Francesco Mizzi u l-qassisin Salvatore Cumbo u Giuseppe Zammit. Fl-istess manuskritt, il-poeżija bit-Taljan "Il Bene Apparente" hija immedjatament qabel "Fuq il-Mewt ta' Bonaparti," u tinsab fuq l-istess tip ta' karta u bl-istess kaligrafija. Din fiha l-isem ta' Vinc. Caruana taħt.[11] Il-valur tal-poeżija huwa l-fatt li hija l-unika kitba bil-Malti ta' Vincenzo Caruana li nafu biha s'issa. Fil-manuskritt, il-poeżija ġġib l-isem ta' "Fuq l meut ta Bonaparti" ("Fuq il-Mewt ta' Bonaparti"), waqt li fil-*MPM* hija

[illegible] kabn
[illegible]
[illegible] Dal habn.
[illegible]

Mert [illegible] kabinetb
[illegible]
Mesa chumilla
Chum fiy lusk gidt!
Miel Cal alef.
[illegible]
[illegible]
[illegible]
[illegible]
[illegible]
[illegible]
Mase [illegible]
[illegible]
[illegible]
[illegible]



*Il-poeżija oriġinali ta' Caruana miktuba fuq karta fraġli*

"Fuq il-Mewt ta' Napuljun il-Kbir". L-aħħar titlu jdaħħal aktar il-kuntrast bejn l-aġġettiv "il-kbir" mad-disfatta finali li ġarrab Napuljun – il-ħsieb ċentrali ta' dawn il-versi, kif nuri aktar 'l isfel.

Bejn il-manuskritt, dik ippubblikata fil-*MPM* u dik li ppubblikat l-Akkademja Filoloġika Maltija hemm xi differenzi fil-qari ta' xi kliem, b'tali mod li jinbidel is-sens ta' xi frażi jew vers. Fil-manuskritt saħansitra hija użata ortografija li tixbah ħafna lil dik li pproponiet l-Akkademja Filoloġika Maltija fl-1843. Il-manuskritt iġib: "Il-coll mischutin / Taht[12] is-saut u ta giemu / Geu huma imghacchsin." Il-*MPM* tagħtiha: "Ilkol mismutin, / Taħt qautu, taħt giemu, / Geu huma nieqsin." L-Akkademja Filoloġika Maltija, meta stampat il-poeżija fl-1844 (li minn fuqha ħadha Cassar Pullicino fl-1964[13]) terġa' tpoġġiha "imgħakksin." Fis-seba' strofa, il-manuskritt jagħti l-kelma "ksieh," waqt li l-oħrajn "riħ". L-istess il-kelma "temmom" tinbidel fil-plural "temmuhom." Bidla oħra interessanti hija fit-tmien strofa fejn il-manuskritt jagħti l-vers "L'ickuni hu italla," imbagħad il-*MPM* tagħti "Li jkunu tigħu jtalla," iżda mbagħad, l-Akkademja tagħti mill-ġdid "Liċ-ċkuni hu jtalla'." Fit-tnax-il strofa l-*MPM* u l-Akkademja jneħħu l-kelma "mela," wisq probabbli biex il-vers jerġa' jiġi tas-sitta. Fl-aħħar strofa mbagħad, il-manuskritt u l-Akkademja jagħtu l-kelma "issa," iżda "isa" fil-*MPM.* U fl-istess strofa, fl-aħħar vers, il-manuskritt jagħti l-kelma "Isctarru," l-Akkademja "Ixtarru," iżda l-*MPM* "Istqarru," bidla pjuttost sostanzjali. Il-waħda titlob ir-riflessjoni, l-oħra titlob l-istqarrija. Hemm indikazzjoni li r-rivista *Il-Malti* fil-pubblikazzjoni tal-poeżija fl-1844 kellha aċċess għall-poeżija kif kienet oriġinarjament għaliex tippreżenta verżjoni aktar leali lejha milli għamlet il-*MPM* ħames snin qabilha.

Minkejja li Ġużè Cassar Pullicino jistqarr li "l-versi ma jogħlewx wisq,"[14] *Il-Malti* ddeskriviet il-versi ta' Caruana bħala "għanja ... sabiħa, ma nafux kemm..."[15] Miktuba b'rima alternata (ABAB) fuq vers tas-sitta, "Fuq il-Mewt ta' Bonaparti" tikkonsisti fi tlettax-il kwartina u hija interessanti għax tippreżenta sentimenti Romantiċi bikrija għal Malta. Il-fatt li Caruana ħażżeż dawn il-versi bil-Malti jindikaw it-tentattiv ta' xi wħud biex l-ilsien nattiv jinkiteb u jintuża. L-iżvilupp tal-lingwa nazzjonali huwa prinċipju Romantiku fundamentali. Il-poeta juża l-lingwa tal-poplu u ma jdaħħal l-ebda frażi bit-Taljan, Latin jew Ingliż, bħalma għamlu oħrajn li saħansitra kitbu għexieren ta' snin warajh. Fl-istess waqt, hemm fil-poeżija l-figura tal-antieroj. F'ħafna letteratura Romantika Ewropea kontemporanja, speċjalment dik Franċiża, il-figura ta' Napuljun kienet romantiċizzata u mpoġġija bħala eroj – l-eroj tan-nazzjonaliżmu u l-liberaliżmu, tal-moderniżmu u l-progressiviżmu –

dak li kważi ħadha kontra l-liġi tan-natura u sar immortalizzat. Iżda mhux kullimkien. Fil-Peniżola Taljana, dawk li ħabbew il-patrija u kienu qed joħolmu bir-risorġiment tal-Italja, raw f'Napuljun l-antieroj li jxekkel dan il-proċess. Ugo Foscolo pereżempju kiteb "I Sepolcri" fl-1806 f'kuntest ta' protesta kontra Napuljun li kien ipprojbixxa d-dfin fil-knejjes.[16] Kollox kien jiddependi mill-esperjenza li nazzjon jew individwu kellu ta' Napuljun. La miet fl-1824, Caruana seta' għex fil-perjodu meta d-destin ta' Malta wkoll għadda f'idejn Bonaparti fl-1798. Waqt li diversi Maltin appoġġjawh, kienu ħafna li stmerrewh ukoll. Napuljun allura, fi spirtu xejn anqas Romantiku, seta' jiġi perċepit bħala antieroj għaliex tellef il-proċess formattiv tan-nazzjon Malti u mess dawk l-aktar aspetti li l-Malti kien jidentifika mal-identità tiegħu, bħalma kienet il-prattika reliġjuża.

Il-poeżija ta' Caruana tidher li tieħu spunt miċ-"Cinque Maggio" ta' Alessandro Manzoni (1785-1873).[17] Manzoni, li kien qiegħed jikteb ftit jiem biss wara l-mewt ta' Napuljun fl-1821, ma qagħadx jinħela jeżalta jew imaqdar lill-Imperatur u waqaf hemm. Minflok, ħares lejn dan il-persunaġġ b'ton riflessiv.[18] Hekk ukoll jagħmel Caruana. Bħal Manzoni jistqarr li dal-bniedem għola ħafna: "mela l-art b'ismu," u "is-slaten quddiemu / ilkoll mismutin"[19] iżda t-tmiem tiegħu minn din id-dinja wasal ukoll, bħal ta' kull bniedem ieħor. L-istess bħal Manzoni, Caruana jdaħħal l-idea li minn Alla jiddependi kollox, fosthom il-ħajja tal-bniedem. Huwa jħaddem id-destin saħansitra tal-kbir u tal-eroj, li wara kollox hu bniedem bħall-oħrajn.[20] Caruana jpoġġi lil Napuljun, il-"kburija" u l-"frugħa" f'ekwivalenza, b'tali mod li karatteristiċi bħal dawn jiġu ddisprezzati minn Alla. Hekk, fl-aħħar tal-poeżija tifdal biss ir-riflessjoni eżistenzjali li b'xi mod jew ieħor ittella' rasha matul il-poeżija kollha. Il-qarrej jiġi mistieden jirrifletti fuq dan il-qabar – mhux ta' eroj – imma ta' ħuġġieġa bla tarf li bħalma ħadet f'tebqa t'għajn, hekk ukoll sfumat fix-xejn "b'nefħa ta' riħ" u finalment "baqgħet mitfija / f'lejl l-aktar mudlam." Il-lejl jista' jirrappreżenta żewġ affarijiet. Il-lejl li jfisser it-tmiem u l-lejl li joffri xenarju ideali għar-riflessjoni profonda. Għal Caruana, Napuljun sar biss "miekla tad-dud" u tifkira ħierġa minn qabar antropomorfizzat li jordna: "isimgħu dan il-ħabar," u jikkonfronta lill-bniedem bi "kliem ħasbenin," u jħallih jaħseb fil-fond. B'hekk, il-punt tat-tmiem tal-poeżija huwa fl-istess ħin ordni għat-tkomplija tar-riflessjoni eżistenzjali: "Morru issa, o bnedmin."

Għalhekk il-poeżija ta' Caruana tidħol fil-ġenesi ta' proċess li finalment wassal biex titwieled tradizzjoni letterarja bil-Malti, imnissla minn dik Taljana. Fl-istess waqt, il-poeżija tidħol ukoll fil-perjodu bikri tar-Romantiċiżmu Malti

fejn elementi mill-aktar ċentrali bdew jinfiltraw. L-għażla li l-Malti (ilsien il-poplu) jinkiteb u jintuża, il-figura tal-eroj, id-djalettika bejn l-uman u d-divin – dak li hu materjali u finit bil-frugħa kollu tiegħu ma' dak li hu metafiżiku u jittraxxendi għax hu bla tmiem[21] – kollha huma temi li kkaratterizzaw ir-Romantiċiżmu aktar 'il quddiem fis-sekli dsatax u għoxrin meta dan sar aktar qawwi u mifrux f'Malta.

**Fuk l meut ta Bonaparti**

Ejeu ja bnedmin
Ma duar dana l kabar
U colcom sectin
Isimighu dal habar.

Tafusc min jinsab
F'din ex xaghra mitfun?
Aun hu taht it-trab
Il cbir Napuliun!

Dan hu dac li rieghed
U mela l'art b'ismu
Arau issa kieghed
Mardum auna gismu.

Is-slaten koddiemu
Il-coll mischutin
Taht is-saut u ta giemu
Geu huma imghacchsin.

Mit'izda kobritu
Oghliet sas-smeuuiet
Muria ckunitu
Chem fis hia giet!

Miet tal eluf
Imsceu huma mighu
Sa lactar bghid truf
Ghal ghogba bis tighu.

Izd'Alla mis-sema
Bis b'nefha ta ksieh
Uisk minnom fl'art rema
U temmom lirsieh.

Ghasc dan il cbir Alla
Bid-dieher ried juri
L'ickuni hu italla
U ighaddas il cburi.

Min kabel giè imfahhar
B'uisk kima b'uisk gieh
Sa collosc tar fl'ahhar
Ma ziffa ta rieh.

U bakghet mitfia
F'leil lactar mudlam
Illehha tad-dia
Li nissel mil hram.

Fost gebel misrud
Giè imbaghad mismum
U miecla tad-dud
Aun mejet mardum.

Tad-digna o cobria
Ghal chem int merfugha
Chem mela int cburia
Ta genn u ta frugha!

Morru issa, o bnedmin,
Dal kabar li raitu
Il cliem hosbenin
Isctarru li smaitu.

L-Università ta' Malta, Arkivju u Kotba Rari, Kollezzjonijiet Speċjali, Ms. 179, p. 80.

**Noti**

1 Michael J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. 1 (Tal-Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009) 496-497.

2 *Il-Malti*, 4 ta' Mejju 1844.

3 Oliver Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija Maltija* (Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2001) 17.

4 Henry Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony* (1979. 3et ed. Valletta: Midsea Books, 2013) 2.

5 Frendo, *Żmien l-Ingliżi: Is-Seklu Dsatax*, Vol. 3 ta' *Storja ta' Malta* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004) 268.

6 M.A. Vassalli, "Stedina", f'*L-Edukazzjoni għall-Illuminiżmu f'Vassalli. L-Atti tal-Ewwel Konferenza Vassalli*, Joseph P. Borg ed. (Malta: L-Għaqda tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika, 2004) 43.

7 Frans Ciappara, *Enlightenment and Reform in Malta: 1740-1798* (Malta: Midsea Books, 2006) 10.

8 Friggieri, "Daħla Kritika", f'*Ġan Anton Vassallo, Il-Poeżiji* (Malta: Malta University Press, 2012) 10-11.

9 *The Malta Penny Magazine*, 5 t'Ottubru 1839, 16.

10 Ms. 179, 80.

11 Ms. 179, 79.

12 Din il-kelma fil-manuskritt mhijiex ċara ħafna, però jien tajt l-iktar probabbli.

13 Ġużè Cassar Pullicino, "Il-Poeżija sal-1870", *Kitba u Kittieba tal-Malti*, 2 (Malta: Università Rjali ta' Malta, 1964) 28-29.

14 Cassar Pullicino 101.

15 *Il-Malti*, 4 ta' Mejju 1844.

16 Maurice Cranston, *The Romantic Movement*, 1994 (Ristampat. Oxford: Blackwell, 1995) 100.

17 Friggieri, "Il-Poeżija mill-Bidu sa Dun Karm", *Storja tal-Letteratura Maltija*, I (Valletta: Klabb Kotba Maltin, 1979) 98.

18 Cranston 113.

19 Il-kwotazzjonijiet minn hawn 'il quddiem huma standardizzati bil-Malti tal-lum biex niffaċilita aktar il-binja tal-ħsieb.

20 Friggieri, "Il-Poeżija mill-Bidu sa Dun Karm" 98.

21 Friggieri, "Il-Poeżija mill-Bidu sa Dun Karm" 98-99.

# Il-grottesk fil-Qarċilla
# *Żwieġ la Maltija*

Bernard Micallef

Irreċtata f'kantuniera ta' triq waqt il-karnival, il-Qarċilla ma setgħetx ħlief tikkumplimenta l-ħallata ballata, il-briju, u ż-żuffjett tal-okkażjoni bil-mekkaniżmi letterarji tagħha. Din l-għamla ta' divertiment burlesk kienet, qabelxejn, estensjoni verbali tal-ispettaklu grottesk li jippredomina fid-dinja karnivaleska. Il-karikatura, ix-xbieha ridikola, l-impersonazzjoni esaġerata – dawn huma x-xejriet żuffjettużi li jseħħu letterarjament fil-Qarċilla u viżibilment fil-maskarun għaddej mit-triq brijuża. Iż-żuffjett satiriku bis-saffi kollha tas-soċjetà hu, fil-fatt, xejra prevalenti tal-Qarċilla, li tagħmel għors bil-formalità legalistika tal-manifk bħala rappreżentant tal-klassi l-għolja, kif ukoll bid-dehra taparsi safja u attraenti tal-għarusa, xejn inqas bix-xejriet deplorabbli tal-popolin stess – primarjament il-faqar, l-ingann, u l-piki tiegħu.

Il-Qarċilla hija kuntratt burlesk taż-żwieġ li, madanakollu, jikxef taħt il-qoxra ċajtiera u kollha żuffjett tiegħu l-ħajja iebsa u l-vizzji soċjali tal-kotra. It-tlaqqigħ grottesk bejn il-kultura uffiċjali (id-diskors tal-manifk) u l-kultura popolari (il-vizzji tal-popolin) li jispikka f'dan il-kuntratt insinwattiv jissaħħaħ bit-tlaqqigħ daqstant bizzarr bejn l-estremitajiet tal-ħajja: is-sbuħija u l-kruha, il-ġid u l-faqar, il-ġdid u l-qadim, il-ġenerożità u l-ingann, il-prokreazzjoni u d-diġenerazzjoni, il-purità u l-ħmieġ. Kemm fil-Qarċilla kif ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet karnivaleski, id-dehra grotteska mhijiex sempliċiment gost bir-rappreżentazzjoni distorta, sproporzjonata, u goffa tal-ordni naturali; hija wkoll medjazzjoni bejn l-aspetti inkongruwenti tal-ħajja, strateġija rappreżentattiva li tippermetti lill-ispettatur jara biswit xulxin dawk l-aspetti tal-eżistenza umana

li normalment iħallihom imbegħdin sew wieħed mill-ieħor. Id-daħka li jeliċita l-grottesk hija tolleranza (mhux spjega loġika) tal-kuntrasti tan-natura umana mlaqqgħin flimkien fi xbieha waħda li taħsad.

Bħala medjazzjoni bejn il-pretensjonijiet u d-diġenerazzjoni tan-natura umana, il-grottesk jinvolvi wkoll element patetiku. Dan il-komponent kommoventi fiż-żuffjett hu karatteristika persistenti tal-ġeneri umoristiċi, kif fl-era moderna tixhed il-komiċità ambigwa ta' Charles Chaplin, il-ġenju tal-umoriżmu ċinematiku li jifqa' lill-udjenza tiegħu bid-daħk sakemm l-ispettaturi jibdew jagħrfu li d-divertiment tagħhom jakkomoda fih tipi umani verament traġiċi: il-vagabond, is-sakranazz, il-ħabsi maħrub, il-bniedma għamja, id-dittatur, u l-imġewwaħ. Dan il-karattru tal-aħħar, ngħidu aħna, ġie immortalizzat fil-film *The Gold Rush*, bis-sekwenza li fiha Chaplin jgħalli żarbuna b'attenzjoni ta' kok prim, jimsaħ il-platt li se jaqleb iż-żarbuna fih, jitfa' mgħaref sħaħ ta' meraq fuq iż-żarbuna fil-platt, jimxi b'żarbuna waħda f'siequ u bl-oħra fil-platt lejn il-mejda fejn hemm sieħbu mġewwaħ daqsu jistenna, jaqsamha bejniethom u jibdew jikluha. Waqt l-ikla, Chaplin saħansitra jdawwar il-lazzijiet taż-żarbuna mal-furketta fi platt iżgħar fil-ġenb, qabel jikolhom ukoll bħallikieku kienu spagetti.

F'din is-sekwenza ridikola, il-komiċità mhix għajr is-sinteżi bejn l-etikett ta' pranzu komplut u ż-żarbuna mikula waqt ġuħ estrem, bejn il-bniedem edukat li jpoġġi mal-mejda tal-abbundanza b'manjieri metikolużi u l-bniedem imġewwaħ li lest jiekol imqar dak li bih jirfes it-trab tal-art. Id-dehra tal-imġewwaħ jimxi b'żarbuna waħda biex eventwalment jiekol l-oħra tgħaqqad il-ħmieġ tal-art mal-manjieri puliti li jibqgħu jippersistu fi spettaklu patetiku daqskemm divertenti. Il-pretensjonijiet u d-diġenerazzjoni umani jsibu, f'din il-komiċità, interazzjoni bejn is-suġġerimenti inkompatibbli tagħhom, u b'dan il-mod jaffermaw l-ideoloġija magħrufa ta' Chaplin dwar kif it-traġiku qatt mhu mbiegħed wisq mir-ridikolu. Il-grottesk hu artikulazzjoni simili, deliberatament inkongruwenti fil-mod kif tpoġġi flimkien atteġġjament pretensjuż u stat umiljanti, bl-iskop li l-elementi inkompatibbli tal-ħajja jsibu forma ta' rikonċiljazzjoni fid-daħk.

### *Żwieġ la Maltija* – ir-reġistru kolt u vulgari mseħbin

Il-manuskritt ta' Dun Feliċ Demarco, *Żwieġ la Maltija*, jibda bi preambolu twil li mill-ewwel jipparodizza l-lingwaġġ pretensjuż u bombastiku tal-professjoni tal-Manifiku Nutar. Dan ir-reġistru hu makkaroniku: iħallat il-Latin u t-Taljan mal-Malti vulgari bil-għan li d-diskors kolt u dak provinċjali

jissieħbu f'leħen wieħed satiriku. Parti mill-familja tal-għarusa, ngħidu aħna, ġejja minn "Casal Bubaqra, / habet naturam bħal tal-Baqra [għandu/ha natura bħal tal-baqra, appuntu: Bu+baqra]".[1] U meta l-manifk jitlob l-attenzjoni tal-ġemgħa għat-tagħrif dettaljat dwar in-nisel rispettiv tal-għarajjes, l-inħawi fejn tnisslu l-antenati tagħhom jiġu ppreżentati bħala estensjoni grotteska tal-partijiet libidinużi jew sesswali tal-ġisem uman. Ngħidu aħna, il-familja ta' missier l-għarusa ma tagħmilx għajb lin-naħa ta' ommha, għax "imnissla minn Ħal Dejdu, razzitha ta' dar Żbejbu".[2] Dejdu, skont Aquilina, hu isem ta' post fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Madanakollu, it-terminu jirreferi wkoll għall-ħaruf, u fil-femminil ("Dejda") ifisser ukoll is-sider jew il-ħalib tal-omm. L-assoċjazzjonijiet sesswali ta' Żbejbu qajla jeħtieġu spjega.

Dan il-gost bit-taħlit grottesk bejn reġistri jew xbihat li normalment jitqiesu inkompatibbli, iżda li fis-sew juru relazzjoni reali bejn elementi bħall-art (ir-raħal), il-ġisem, l-ikel, u s-sess, ġie ttrattat fit-tul minn Mikhail Bakhtin, speċjalment fl-analiżi tiegħu tal-inkongruwenzi tipiċi tal-karnival li jsieħbu l-paradossi tal-ħajja fi spettaklu wieħed. Bakhtin jeżemplifika din it-teknika grotteska bit-taħlit tal-ikel mal-ħmieġ, tal-prokreazzjoni mad-diġenerazzjoni, tat-twelid max-xjuħija – inkongruwenzi li jingħaqdu flimkien fl-istess rappreżentazzjoni grotteska biex jagħtu stampa aktar komprensiva taċ-ċikli tal-ħajja.[3] Wieħed mill-aqwa eżempji ta' Bakhtin hu figurin grottesk ta' mara xiħa li hija tqila u qiegħda tidħak: xbieha paradossali li tirrelata l-estremi eżistenzjali tax-xjuħija u tat-twelid, biex b'hekk tartikula l-paradoss ta' riġenerazzjoni mnissla mid-diġenerazzjoni. Fid-dehra bizzarra ta' bniedma xiħa u tqila hemm il-kontinwità bejn il-mewt u t-tiġdid tal-umanità, hemm stqarrija dwar il-ħajja li titnissel mid-dikompożizzjoni. Id-daħka bizzarra tal-figurin mhix għajr atteġġjament medjanti bejn dawn l-aspetti kuntrastanti ta' natura ibrida li tipproċedi bl-opposti. Fit-temperament tolleranti tagħha, l-attitudni umoristika tirrikonċilja dawn l-inkongruwenzi tal-ħajja. Bakhtin jargumenta li b'dan il-mod il-grottesk dejjem jibqa' ambivalenti, jiġifieri teknika li toħloq relattività bejn il-funzjonijiet kumplimentari tad-diġenerazzjoni u r-riġenerazzjoni tan-natura, li jiġu inkorporati f'dehra waħda.[4] Fi kliem iqsar, il-bizzarr hu aktar komprensiv u awtentiku minn kull rappreżentazzjoni koerenti u razzjonali, iżda inkompleta, tan-natura.

F'"Casal Bubaqra, / habet naturam bħal tal-baqra" jispikka t-tlaqqigħ grottesk bejn l-elitiżmu evokat bil-Latin u d-dinja annimaleska, speċifikament in-natura tal-baqra li qiegħda tiġi attribwita kemm lir-raħal kif ukoll lill-familja tal-għarusa. Fir-radika tal-għarusa, "imnissla minn Ħal Dejdu, razzitha ta' dar

Żbejbu," hemm konnessjoni daqstant grotteska bejn ir-raħal, ir-razza, l-ikel, u l-organi prokreattivi, jiġifieri l-aspetti kollha li jġeddu l-ħajja tal-ġenerazzjonijiet raħlin. Id-daħka burleska b'dawn il-konnessjonijiet mhix għajr medjazzjoni bejn ir-raħal (bħala art li fiha l-ġisem jitnissel u jerġa' jiddiżintegra) u l-organi umani tat-tiġdid tal-ħajja, relazzjoni li Bakhtin sikwit jirreferi għaliha bħala aspett fundamentali tal-grottesk.

## X'hemm bejn għalqa u mara?

Il-botti dwar il-partijiet anatomiċi tal-bniedem mhumiex evokati biss permezz tar-referenzi għall-post u għall-familja li minnhom ħarġu l-għarus u l-għarusa, iżda wkoll permezz tal-għalqa li l-għarus se jakkwista bħala parti mid-dota. F'livell insinwattiv, din l-għalqa mhix għajr l-anatomija ġenitali u eskrementali tal-mara li se jikseb bħallikieku proprjetà. L-ugwaljanza bejn is-sessi la kienet valur stabbilit fiż-żmien meta l-Qarċilla kienet tiġi rreċtata u lanqas ma seta' kellha wisq xorti f'ġeneru burlesk li jiżvela l-impulsi rozzi jew primittivi (bħall-istint possessiv tal-għarus lejn l-art u l-mara) taħt ix-xeħta apparentament dekoruża ta' kuntratt taż-żwieġ. Għall-ewwel, id-deskrizzjoni tal-għalqa tingħata daqslikieku l-manifk qiegħed jiddeskrivi post fertili bl-ilma dejjem ġej:

Tagħtih l-ewwel nett għalqa ta' żewġ ħjut  
u sieqja bla għanqbut,  
muswafa mell-banda ta' fuq fil-kontrada tar-rdum fost il-widien  
u hija l-aħjar fost il-ġirien  
appellatar tal-Lembuba  
banda sigrieta minsuba  
tgħidulha d-Dellija  
tiswa inqas minn mija.  
Imdawra bis-sisien  
ġewwa fiha hemm l-arqien  
u fiha l-ilma minn kullimkien,  
biex isaqqu u jagħmlu l-għalla  
li biha għaxu s'issa niżżu ħajr 'l Alla.[5]

F'din is-silta, madanakollu, l-udjenza diġà qiegħda tisma' termini u frażijiet li jeliċitaw konnotazzjonijiet ġenitali u sesswali: "muswafa mell-banda ta' fuq fil-kontrada tar-rdum fost il-widien"; "banda sigrieta minsuba / tgħidulha d-Dellija"; "appellatar tal-Lembuba" (bl-isem tagħha ssejjaħ lil tal-Lembuba); "biex isaqqu u jagħmlu l-għalla." Il-kelma "għalla" tista' tirreferi kemm għall-prodotti tar-raba' kif ukoll għall-wild tal-annimali u tal-bniedem. Aquilina jagħti eżempji bħal "żiemel tal-għalla; għalla qżieqeż; għalla ta' ħamsa min-nies." Dan is-sens doppju, moħbi taħt id-dettalji nutarili tal-lokalità, joħroġ aktar fil-beraħ fid-deskrizzjoni li ssegwi, fejn il-manifk isemmi l-irjieħ tal-għalqa kemm biex hu nnifsu ma jiżbaljax fl-inħawi mogħtija tal-proprjetà ("U hekk biex jiena ma niżgarrax"), kif ukoll għax Alla ma jridx li l-għarus innifsu jkun diġà ra l-partijiet tal-għalqa-mara ("inti għarus 'k Alla jamar ma tarax"):

Mil-Lvant tmiss ma' ta' Majru Piżella minn dar Majjali
li missieru fiż-żmien kien jiġma' l-ħxejjex għas-servizzjali [suppożitorji].
Min-naħa tal-Punent tmiss ma' ta' Valenzju Pesejsa
li ma hux ibleh ta' flejsa.
Mit-Tramontana tmiss maż-Żokra,
u flok il-ġebja għandha bħal toqba.
Min-naħa tan-Nofsinhar għandha t-triq publîka
Quddiem Namriċ is-sellieħi, li dejjem jissuplîka.[6]

Namriċ (in-namriċes hu l-bniedem li jħobb jinnamra) hu sellieħi f'kull sens: bid-dħul u l-ħruġ mit-triq publîka jisloħ mnejn jgħaddi; jisloħ ukoll bil-ħmieġ likwidu li jħalli; u jisloħ lil dik li tkun billi dejjem irid (jissuplîka). Din l-ambivalenza, jiġifieri r-rikkezza fl-*innuendo* b'Namriċ is-sellieħi, tħalli ftit dubju x'tista' tkun it-triq pubblika (jew użata minn kulħadd) li tagħti għall-għalqa b'anatomija femminili. Din l-għalqa tmiss maż-żokra minn fuq, ma' Valenzju Pesejsa u ma' għalqa ta' familja tas-suppożitorji mill-ġnub, u ma' Namriċ li kemm jaqsam it-triq pubblika għal ġo fiha minn isfel. L-istess l-anatomija tal-mara, li minn banda tirċievi l-organu sesswali maskili u mill-oħra s-suppożitorji, u li għandha ż-żokra fuq u t-toqba tas-selħ isfel. Dan hu l-aspett sesswali u skatoloġiku li l-Qarċilla kienet tnibbet fl-istħajjil tal-udjenza tagħha, mhux bl-istqarrija vulgari diretta daqskemm bil-mekkaniżmu tal-analoġija grotteska bejn l-għalqa fertili li tagħti l-għalla veġetali u l-bniedma fertili li tagħti l-għalla jew il-wild uman. F'din ix-xbieha grotteska, titneħħa wkoll id-distanza bejn l-organi tal-ġisem li jipprokreaw

(it-toqba u l-Pesejsa) u l-organi tal-ġisem li jarmu l-ħmieġ (in-naħa li tmiss ma' tas-servizzjali). L-istess iseħħ fil-kelma "sellieħi," li tgħaqqad l-att prokreattiv mal-ħmieġ.

Id-doppju sens, fil-fatt, mhuwiex sempliċiment il-ħila li tagħti żewġ sensi simultanji, iżda li tiġġenera għadd ta' konnessjonijiet grotteski li jixhdu l-paradossi ta' ħajja li trid titħammeġ biex tipprokrea (tirriġenera lilha nnifisha), kif jimplika bosta drabi Bakhtin. Id-daħka bil-grottesk hija din il-ħila tal-ispettatur li jara l-aspetti inkompatibbli ta' ħajtu jseħħu flimkien, f'għamla ta' kontinwità jew ta' superimpożizzjoni bejn dak li hu ripulsiv u dak li hu mixtieq. Il-mara u l-għalqa mwaħħdin f'dehra waħda jsiru xbieha bizzarra, iżda f'din id-dehra ibrida hemm ukoll il-verità paradossali ta' natura umana li tipprokrea billi tiddiġenera xi ftit, kemm moralment kif ukoll fiżikament. Bħalma ż-żarbuna tal-imġewwaħ ta' Chaplin tartikula kontinwità bejn l-art li jirfes fuqha, l-ikel li jikkonsma, u l-etikett li jitlob il-pranzu, hekk ukoll l-għalqa-mara tartikula kontinwità bejn l-għalqa fertili li se tingħata lill-għarus, il-prokreazzjoni (maħmuġa) umana, u l-manieriżmi tad-diskors nutarili li jippreċiża liema art se tingħata.

## Id-dotarju li ma jwiegħed xejn

Fid-dotarju tal-Qarċilla, inventarju satiriku tal-ġid li l-għarusa se tagħti lill-għarus maż-żwieġ, jiġu elenkati ħafna oġġetti li minnhom, madanakollu, jitneħħew il-kwalitajiet essenzjali, imqar jekk jibqa' jingħad li kull oġġett imniżżel fid-dotarju se jingħata bħala biċċa ta' valur. Mill-ġdid, l-estremitajiet tal-ħajja jispikkaw fil-kuntrast bejn l-oġġett mogħti b'wirja ta' abbundanza u l-partijiet nieqsa tiegħu msemmijin bħala xhieda ta' faqar. F'dan il-każ, l-inkongruwenza burleska bejn l-abbundanza u l-miżerja tinsinwa wkoll l-attitudnijiet umani opposti li jikkorrispondu magħhom: il-ġenerożità ta' min jiflaħ jagħti l-ġid u l-ingann neċessarju ta' min ma għandux x'joffri, jew ta' min irid jeħles minn oġġett bla siwi. Din l-irrazzjonalità aperta tad-dotarju – il-fatt ironiku li jikkontradixxi jew jiċħad kull għotja mwiegħda fih – teliċita d-daħk, bħalma l-figurin grottesk tax-xiħa tqila li osserva Bakhtin jinkorpora wkoll id-daħka. Iżda fiż-żewġ każi d-daħka hija kompromess emottiv bejn l-opposti inevitabbli tal-ħajja umana (il-faqar u l-ġid, il-mewt u l-ħajja, id-diġenerazzjoni u r-riġenerazzjoni) li ma jitpoġġewx kif ġieb u laħaq f'artikulazzjoni razzjonali, għad li jistgħu jiġu amalgamati fix-xbieha burleska.

Fis-silta li ġejja, il-ħmar miżerabbli, li se jingħata nofsu jew sieq waħda minnu lill-għarus, jeżemplifika s-sinteżi grotteska bejn il-ġenerożità u l-miżerja, jew il-mod karnivalesk u assurd kif il-popolin jartikula l-paradossi tal-eżistenza miskina tiegħu:

Itim ukill tagħtih nofs il-ħmar
u għad li kien artab kien il-ħajja tad-dar.
U għandu siequ l-quddemija
fiha n-nemmelija,
u tan-nofs bewwelija,
u l-għarus Lejpu tibqagħlu l-warranija.[7]

L-għotja inkonċepibbli ta' nofs ħmar, kif ukoll il-kuntrast punġenti bejn id-debbulizza tiegħu ("artab") u l-fatt li fuqu tiddependi l-ħajja sħiħa tad-dar, jirreċtaw il-qagħda ekonomikament ħażina tal-popolin permezz tal-assurditajiet insinwattivi tal-oġġett mogħti fid-dotarju raħli. Meta l-ħmar jinqasam fis-sieq ta' quddiem (maħsusa bin-nemmelija jew imtarrxa), f'sieq oħra bewwelija (b'allużjoni skatoloġika għall-membru tal-bhima), u f'oħra warranija li hija l-parti mogħtija lill-għarus, id-dehra tal-ħmar tkompli l-iskema ripetuta matul il-kuntratt tal-Qarċilla: l-għotja ta' oġġett li jiżżarma f'biċċiet sakemm jitneħħa minnu kull sens ta' entità waħda funzjonabbli. Apparti dawn l-inverżjonijiet ironiċi, madanakollu, l-ispettaklu assurd tal-ħmar debboli, skatoloġiku (bis-sieq bewwelija), u fframmentat jippreżenta wkoll il-limiti tanġibbli u patetiċi li fihom biss jista' jitkejjel il-ġid sħiħ tad-dar. Anki hawn, ir-ridikolaġni tal-ħmar mhix imbiegħda mill-għarfien ta' għajxien patetiku li jkollu jivvaluta l-ġid kollu tiegħu skont il-possessjonijiet skarsi u mħassra li għandu.

Fejn tingħata ġustifikazzjoni falza jew distorta għall-istat imkagħbar jew povru tal-oġġett li se jingħata fid-dotarju, il-kuntratt tal-Qarċilla jsaħħaħ l-element satiriku tiegħu bl-ingann. Dan il-qerq neċessarju f'miżerja estrema hu eżemplifikat, fis-silta li ġejja, bix-xorok li bħallikieku tneħħew mis-sodda mogħtija fid-dota minħabba l-biża' skadut mit-Torok:

Item ukill gorboġ u gallinar
biex jistrieħu f'nofsinhar.
U sodda ta' żewġ xorok
biex ma jsibux x'jieħdu xħin jiġu t-Torok.
U tagħtih żewġ imtieraħ
il-wieħed bla suf u l-ieħur fieragħ.[8]

Bħall-pleonażmu "bla suf" u "fieragħ" li jiddeskrivi l-istess stat vojt ta' żewġ imtieraħ, is-sodda mnaqqsa għal żewġ xorok bl-iskuża anakronistika tal-għadu Tork essenzjalment ma teżistix, għax il-parti essenzjali tagħha hija nieqsa. Forsi l-aktar xbihat kommoventi f'dan ir-rigward huma tas-senduq u tan-newl: wieħed gradwalment jonqsu l-ġnieb kollha tiegħu bl-ispjega li minn żmien in-nannu tal-għarusa diġà kien beda jiżżarma biex mill-injam tiegħu jissawru ħwejjeġ aktar bażiċi tad-dar; l-ieħor jingħaraf bil-mod il-mod bħala qadim, imkisser, nieqes, u mċekken minn żmien in-nanna, għad li fl-istess waqt jissejjaħ "ġdid":

Itim ukill tagħtih senduq
la fih qiegħ isfel u lanqas għata fuq
u bit-tavli tal-ġnieb
nannuha għamel l-ibwieb.
[...]
Item ukill tagħtih newl ġdid
li nannitha nisġet fih ftit.
Biċċa nieqes, u biċċa mkisser
kif inhu hawna mniżżel.
Jonqsu l-ewwel nett il-waqqafiet
li kien missierha għamilhom koxtbeniet.
U la fih l-ebda asta u lanqas, u la moxt,[9] u lanqas mekkuk
u la msierek,[10] u lanqas lembub,[11]
la mitwa[12] isfel u lanqas fuq.
U l-felqa[13] u ż-żerquna
saru koll biċċa daqs kemmuna.
U d-deff[14] u n-nir[15]
kollha miksurin.[16]

Is-senduq, il-kontenitur tradizzjonali tal-għana tad-dar (kif tixhed l-idjoma, "ta' fuqu senduqu," b'referenza għal bniedem fqir li ħwejġu jgħoddu l-ġid kollu li fadallu), safa huwa nnifsu nieqes għalkollox. Minflok jaħżen il-ġid żejjed tad-dar, dan is-senduq spiċċa jċedi l-partijiet intrinsiċi tiegħu għal ħtieġa bażika tal-ambjent domestiku, "l-ibwieb." Mill-ġdid, din ir-rappreżentazzjoni burleska ma toffrix biss il-paradoss ta' senduq mogħti mingħajr il-komponenti essenzjali tiegħu; id-dehra impossibbli ta' senduq mingħajr għata, qiegħ, u ġnieb isservi wkoll bħala mekkaniżmu grottesk li jgħaqqad flimkien l-idea ta' għana

maħżuna, jiġifieri ta' ġid aktar milli hemm bżonn jintuża, u l-idea opposta ta' skarsizza estrema, anki fl-oġġetti bażiċi tad-dar. Il-faqar tal-familja tal-għarusa, li kien ġiegħel lil nannuha jdur mhux biss għall-kontenut maħżun fis-senduq iżda wkoll għall-kontenitur innifsu, evidentement beda minn ġenerazzjonijiet qabel iż-żwieġ imminenti tagħha. L-istess tlaqqigħ burlesk bejn il-ġenerożità u l-faqar dejjiemi tal-familja tal-għarusa jidher fl-assurdità ta' newl "ġdid" deskritt bl-ewfemiżmu (il-mejosis) "li nannitha nisġet fih ftit," imnejn toħroġ l-implikazzjoni opposta li n-newl kien ta' nannet l-għarusa u wasal għandha bħala wirt imkagħbar u bla siwi. L-inventarju tipikament metikoluż tal-kuntratt ("kif inhu hawna mniżżel") ironikament jaqdi l-oppost tal-funzjoni tas-soltu tiegħu, għax jelenka l-partijiet neqsin jew imkissra tan-newl minflok il-partijiet funzjonabbli li għadhom jeżistu fih.

## Wiċċ l-għarusa ddeformat

Apparti d-dotarju, il-kuntratt *Żwieġ la Maltija* jinkludi wkoll serje ta' pattijiet, uħud minnhom dwar kif għandu jġib ruħu l-għarus wara ż-żwieġ, oħrajn bħala għamla ta' garanzija tax-xejriet estetiċi tal-għarusa li se jgawdi l-għarus. Fl-ewwel silta minn dawn li jsegwu, il-kuntratt jorbot lill-għarus biex ma jżewwiġx lil uliedu ma' Naxxarin, minħabba t-tkażbir li dawn urew lejn il-bandiera tar-raħal ġar tagħhom, Birkirkara. Il-karba esklamatorja kontra l-kefrija tal-karattru Naxxari mhix għajr gravità żuffjettuża bil-pika banali, iżda fanatika, bejn l-irħula fil-ħeġġa tagħhom biex jaffermaw identità raħlija indipendenti. Fit-tieni silta, il-paradoss, l-iperbole, il-mejosis (l-ewfemiżmu ironiku) bil-fiżjonomija tal-għarusa jirreplikaw b'mod verbali l-maskarun grottesk li kien ikun viżibilment għaddej mit-triq waqt ir-reċtar orali tal-Qarċilla:

> Item ukill tagħmillu patt illi l-għarus ma għandux iżewweġ 'l uliedu ma' Naxxarin, għaliex rifsu l-bandiera ta' Birkirkara, kinux nies kefrin[!][17]
> […]
> Item ukill tagħmillu patt illi l-għarusa hija tewmija
> u minn wara ftita ħotbija.
> Widnejha naqra qsar
> jixbhu 'l tal-ħmar;
> u ħalqha nitfa kbir
> geddumha bħal tal-ħanżir.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Imneħirha daqs l-Imdina
li f'wiċċha jagħmlilha żina.
U kull min jiġi jżurha toħroġ tilqgħu u ddaħħlu ġewwa l-kċina.
U għajnejha żina fuq il-ħaddejn
minn waħda għamja werċa, u mill-oħra ma tara xejn.[18]

Id-dehra tal-għarusa "ftita ħotbija," b'widnejn taparsi qsar li fil-verità huma bħal tal-ħmar, bl-ewfemiżmu l-ieħor dwar "ħalqha nitfa kbir," u bix-xebh iperboliku bejn geddumha u dak tal-ħanżir, diġà ssegwi b'mod estensiv il-prattika tal-grottesk, li sikwit tiddeforma, ixxebbah mal-annimal, jew tkabbar b'mod sproporzjonat il-fiżjonomija tal-vittma tagħha. Iżda l-impatt grottesk jitqawwa meta mnieħer l-għarusa jixxiebah mal-Imdina u fl-istess nifs jitqies bħala ġmiel jew dekorazzjoni għall-bqija ta' wiċċha ("f'wiċċha jagħmlilha żina"), bl-istess mod kif l-għajn "għamja werċa" u l-għajn għamja għalkollox tal-għarusa jżejnu lil ħaddejha.[19] Din il-karikatura pjuttost goffa fil-paradossi tagħha hija medjazzjoni artistika bejn it-tiżjin u d-deformità, bejn il-bniedma u l-bhima, bejn il-mankament ta' għarusa waħda ("ftita ħotbija") u t-tewmija tagħha li tirrappreżenta lill-oħrajn, saħansitra bejn il-purità assoċjata mal-għarusa u l-fatt li tilqa' lil kull min iżurha ġewwa l-kċina, bl-*innuendo* dwar il-ħajja moralment laxka li għexet. Jidhirli li Dun Feliċ Demarco ħakem sew ħafna l-proċediment tal-grottesk letterarju b'dan il-maskarun bikri li ħoloq fil-letteratura tagħna, karikatura li kienet kumpliment verbali lill-maskaruni tanġibbli tal-karnival għaddejjin waqt ir-reċtar pubbliku tal-Qarċilla.

## Konklużjoni

L-iskop soċjali ta' versi li jgħallmu lill-poplu jidħak kemm bil-figura tal-manifk kif ukoll bl-inganni, bil-piki, u bil-faqar tiegħu stess; ir-rima mbewsa jew alternata li ħafna drabi tagħlaq paradoss wieħed tal-Qarċilla f'unità sintattika li tgħaqqad l-aspetti inkongruwenti tal-ħajja; ir-reġistru li jikxef l-oġġetti tad-dar u tas-snajja' żarmati u armati mill-ġdid skont il-ħtiġiet l-aktar bażiċi tal-poplu; ix-xejriet tal-għarusa ddeformati sal-punt li s-sbuħija u l-kruha, is-safa u l-immoralità jitwaħħdu; u s-simbjożi bejn l-anatomija femminili u l-għalqa daqstant fertili li flimkien jassoċjaw il-prokreazzjoni mal-ħmieġ – dawn huma l-kwalitajiet li jagħmlu l-Qarċilla metodu ta' perċezzjoni li jiflaħ jassorbi, f'lemħa waħda, il-kuntrasti u l-paradossi normalment irrikonċiljabbli tal-ħajja.

Il-karnival li Bakhtin għaraf bħala medju rappreżentattiv li jġib flimkien l-aspetti normalment separati tan-natura umana (il-ħallata ballata bejn ix-xejriet vulgari u diċenti, maħmuġin u riġenerattivi, għoljin u baxxi tal-bniedem) kien u għadu l-okkażjoni xierqa għall-Qarċilla, li fir-reċtar burlesk tagħha hemm ukoll atteġġjament inklużiv lejn iċ-ċikli paradossali tal-ħajja. Imqar f'dak li rriċerka Conrad Fenech dwar l-imġiba tal-udjenza wara li tinqara l-Qarċilla – "Malli jinqara l-kuntratt, in-nies li kienet tkun qed tisimgħu kienet tinfexx tqatta' u tiekol mill-għarusa tal-għaġina"[20] – jixhed natura umana impulsiva, frenetika, u essenzjalment annimaleska li tikkonsma l-purità, il-verġinità, u s-sbuħija rrappreżentati fix-xbieha tal-għarusa. It-tqattigħ biċċiet u t-tekil tal-għarusa, bħat-*thanatos* fl-*eros* ta' Freud jew ir-ritwali antiki ta' Bakku, ipoġġu biswit xulxin l-istinti distruttivi u prokreattivi tal-bniedem. Kif josserva Craig J. Thompson f'artiklu dwar il-politika tal-konsum, il-karnival ta' Bakhtin hu ċelebrazzjoni Medjevali li kienet torbot

> l-ikel, ix-xorb, is-sess, u l-ħmieġ flimkien b'mod eżuberanti, f'kożmoloġija Pagana li ċċelebrat il-fertilità tad-Dinja u tal-ġisem matern, is-setgħa prokreattiva tas-sess, in-natura fertili tal-eskrementi, id-destin korporali ta' ritorn lejn il-materja organika tad-Dinja. Il-ġisem karnivalesk huwa kemm [sesswalment] kopulattiv kif ukoll ħammieġi, żieni u skatoloġiku, vivaċi u fi triqtu lejn trasformazzjoni f'materja organika li qiegħda tiddikomponi biex titma' lill-art. Għalhekk, il-karnivalesk jiddiċentralizza s-suġġettività u jidderieġi l-attenzjoni lejn nisġa ta' interkonnessjonijiet traspersonali u ekoloġiċi li jsostnu ċ-ċiklu perpetwu ta' diġenerazzjoni u riġenerazzjoni.[21]

L-ispettaklu karnivalesk jistħoqqlu atteġġjament riflessiv biswit id-daħka li jeliċita bħala rispons naturali. Huwa stedina biex il-poplu ma jisseparax l-aspetti diċenti u prokreattivi ta' ħajtu mill-proċessi indiċenti u diġenerattivi li jalternaw magħhom f'wirja usa' tal-istaġuni tal-ħajja. Il-maskarun grottesk – il-fenomenu komuni tal-karnival u tal-Qarċilla – jagħti lemħa komprensiva tal-eżuberanza u d-dikompożizzjoni li jiggarantixxu l-kontinwità bejn ġenerazzjonijiet umani differenti daqskemm relazzjoni fertili bejn il-bniedem u l-art. F'dan is-sens, jista' jingħad li l-maskarun grottesk mhux maskra, huwa spettaklu li jġegħilna ninżgħu dawk il-maskri l-oħra ta' matul is-sena li jagħtuna dehra esklużivament diċenti jew vivaċi.

Dan l-istudju nbena fuq taħdita li saret nhar it-30 ta' Ottubru, 2013, fl-okkażjoni tat-tnedija tal-ktieb ta' Conrad Fenech, *Dun Feliċ Demarco u l-Qarċilla fil-Karnival tal-1760*.

**Noti**

1 Conrad Fenech, *Dun Feliċ Demarco u l-Qarċilla fil-Karnival tal-1760* (Malta: Horizons, 2013) 96.

2 Fenech 97.

3 Mikhail Bakhtin, *Dialogic Imagination – Four Essays*. Ed. Michael Holquist. Trans. Caryl Emerson (Austin, TX: U of Texas P, 1983) 317.

4 Bakhtin 25-6.

5 Fenech 98.

6 Fenech 99.

7 Fenech 99.

8 Fenech 100.

9 Parti mid-deff li tifred iż-żewġ injamiet tiegħu b'ħafna vireg.

10 Kannol tal-qasba li fuqu jitkebbeb il-ħajt.

11 Minċott ikbar mill-imserka.

12 Zokk twil tond, ġeneralment fil-qiegħ tan-newl, li madwaru jitkebbu l-ħjut weqfin.

13 Xi parti li ddur jew tinqadef? "Fellek" tfisser iddawwar jew taqdef ħażin.

14 Il-qafas tan-newl.

15 Qafas ta' vireg li minnhom jgħaddu l-ħjut.

16 Fenech 100.

17 Fenech 103.

18 Fenech 105.

19 Ftit jiem wara li ġie ppreżentat dan l-istudju, Olvin Vella ġibidli l-attenzjoni lejn proverbju kkwotat minn Joseph Cassar Pullicino, fi *Studies in Maltese Folklore* (Malta: Malta U P, 1992) 204: "Imnieħer twil (kbir) kemm minn hawn u l-Imdina fil-wiċċ dejjem żina". L-udjenza tal-Qarċilla, għalhekk, semgħet diwi proverbjali dwar l-estetika tal-wiċċ bi mnieħer kbir fir-reċtar burlesk tal-kuntratt taż-żwieġ. Cassar Pullicino jsemmi għadd ta' proverbji analogi mill-kuntest Siro-Lebaniż, Franċiż, Taljan, u Sqalli, biex jikkonferma t-twemmin fis-sbuħija ta' mnieħer twil. Madanakollu, il-kuntest grottesk tal-bqija tal-Qarċilla, speċjalment ta' għajn werċa u oħra għamja li wkoll (bħal dak li qallu) jagħmlu żina fil-wiċċ, aktarx wettaq inverżjoni ironika tal-proverbju fil-karikatura tal-għarusa.

20 Fenech 11.

21 Craig J. Thompson, "A Carnivalesque Approach to the Politics of Consumption (or) Grotesque Realism and the Analytics of the Excretory Economy." *Annals of the American Academy of Political and Social Science* 611(2007) 114.

# Ħmieġ u laħam f'kopjun tas-seklu tmintax ta' qassis Kattoliku

Immanuel Mifsud

Is-suġġett ta' din it-taħdita huwa test miktub minn ċertu Feliċ Demarco (1713-1773), qassis Kattoliku mill-belt ta' Bormla (Malta) fl-1760. It-test kien kopjun għall-farsa tradizzjonali tal-karnival, magħrufa bħala l-*Qarċilla*, li sa ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kienet tinħadem minn atturi rġiel fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta u fi nħawi oħrajn rurali.[1] Minbarra referenzi sporadiċi f'kummentarji dwar il-Gżejjer Maltin, pereżempju fid-dizzjunarju tas-seklu tmintax ikkompilat minn Agius de Soldanis,[2] il-*Qarċilla* ġiet studjata biss minn żewġ antropologi Maltin, Ġużè Cassar Pullicino u aktar tard minn George Mifsud-Chircop, filwaqt li dan l-aħħar kienet studjata wkoll minn Conrad Fenech għat-teżina tiegħu għall-Baċellerat fl-Arti.[3] Dan ir-ritwal tal-karnival, magħruf ukoll bħala *Żwieġ la Maltija*, jippreżenta żewġ għarajjes żgħażagħ jiffirmaw il-kuntratt taż-żwieġ tagħhom quddiem nutar pubbliku. L-ispettaklu tat-triq kien jibda bi ġgajta ta' xalaturi li kienu jakkumpanjaw tliet atturi, tnejn li jaħdmuha tal-għarajjes u t-tielet fil-parti tan-nutar, flimkien ma' xi mużiċisti u raġel iġorr għarusa tal-ħelu fuq kejk. L-ispettaklu kien jispiċċa bit-tifrik ta' din l-għarusa tal-ħelu bl-għajjat u x-xalar tal-folla, ħafna drabi xurbana.

Kien l-antropologu Cassar Pullicino l-ewwel li ppubblika t-test fi studju li ħareġ fl-1954. Madankollu f'din il-pubblikazzjoni dan l-istudjuż innifsu ddeċieda li jiċċensura sewwa t-test.[4] Aktarx li dan għamlu għaliex fil-ġudizzju personali ta' Cassar Pullicino, it-test tqies vulgari wisq minħabba r-referenzi spissi għas-sesswalità, atti sesswali, iż-żoni eroġeniċi tal-ġisem uman, u

l-organi sesswali tal-annimali. It-test ta' Demarco, fil-fatt, kien kopjun burlesk li jiżżuffjetta bl-elit edukat, irrappreżentat min-nutar u, fl-istess waqt, kien jipprovdi divertiment lill-klassijiet inqas irfinati permezz ta' referenzi għall-gosti sesswali tagħhom. M'hemmx għalfejn jingħad li l-fatt li dan il-kopjun inkiteb minn qassis Kattoliku, serva ta' raġuni oħra biex Cassar Pullicino jħalli barra l-aktar siltiet oxxeni li kellhom jiġu ppubblikati żmien wara minn Mifsud-Chircop.[5]

It-test ta' Demarco mhuwiex l-unika verżjoni tal-*Qarċilla* li nstabet. Fil-fatt Cassar Pullicino jsemmi tliet verżjonijiet oħra tagħha, miktubin fl-1864, 1865 u 1889, filwaqt li Fenech jikteb dwar numru ta' verżjonijiet oħrajn kollha miktubin lejn tmiem is-seklu dsatax. Fenech josserva, iżda, li ebda waħda minn dawn il-verżjonijiet ma hija oxxena daqs dik ta' Dun Demarco.[6]

## L-Għarusa

In-nutar, li huwa l-persunaġġ li jmexxi r-reċta, jiftaħ billi jintroduċi lill-għarajjes. Lill-għarusa jintroduċiha billi jagħti deskrizzjoni qasira tal-fiżiku tagħha: jimmetaforizzaha bħala baqra biex jirreferi għas-sura korpulenti tagħha. Fil-Malti mitkellem il-baqra għadha użata ħafna sal-lum bħala xbieha għal nisa korpulenti. Xi drabi l-istess metafora tintuża wkoll għal nisa li għalkemm mhumiex ta' statura kbira għandhom sider kbir. Fit-test ta' Demarco l-baqra tindika mara ħoxna li "tixbah/ 'L ommha minn wara, / U minn quddiem fiha x'wieħed jara."[7] Il-ħxuna minn dejjem kienet kwistjoni ambigwa (minbarra kontroversjali) minħabba li, minn banda tiġbed fuqha r-rabja u ż-żuffjett tal-Ħarsa maskili,[8] waqt li minn banda oħra hija suġġett tax-xehwa sesswali. Ġaladarba l-għarusa "fiha x'wieħed jara", wieħed għandu jifhem li n-nutar huwa miġbud lejn is-sura tagħha u qiegħed ukoll jistieden lill-udjenza biex tgawdiha waqt li tixħet Ħarsitha lejha.

Fil-kopjun ta' Demarco, il-karatteristika ewlenija tal-għarusa l-ħoxna hija l-libido insazjabbli tagħha. Diversi studjużi josservaw li spiss in-nisa ħoxnin huma assoċjati ma' ħeġġa sesswali straordinarja. Din il-ħeġġa, ikomplu jippreżumu dawn l-istudjużi, hija marbuta mal-femminilità ppronunzjata ta' nisa b'sura kbira: is-sider, il-ġenbejn u l-warrani, (li huma l-partijiet esterni l-aktar 'femminili' tal-ġisem), li f'nisa kbar huma aktar prominenti milli huma f'nisa ta' sura iżgħar. L-istess jista' jingħad għall-għarusa ta' dan it-test, għalkemm wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li dan huwa test ta' farsa karnivaleska, u allura

hemm involut ukoll l-element tal-grottesk. L-iġsma ħoxnin, partikolarment dawk femminili, jissinifikaw il-grottesk, bħalma jidher mhux biss fil-festeġġamenti antiki bħall-karnival, imma wkoll fil-*freak shows* u, reċentement, fil-pornografija li turi iġsma ta' nisa bi statura kbira.[9] Ħafna drabi mara ħoxna hija ġġudikata bħala esaġerazzjoni, entità iperbolika, eċċessiva fid-dehra tagħha, li timxi id f'id mal-ħsieb Bakhtinjan tal-grottesk.[10] Terġa' u tgħid, il-ħxuna femminili spiss iġġorr magħha l-konnotazzjoni ta' voraċità u xehwa sesswali bla rażan. Dan huwa minnu fil-każ tal-għarusa fit-test ta' Demarco, li hija deskritta bħala mara b'libido qawwi u b'ġibda straordinarja għall-organu maskili l-aktar meta jkun kbir u erett: "ukill id-dukkar tagħha tridu minn dak il-kbir / Għaliex taqtgħu minnha filgħaxija mal-lejl jarġa' jsir."

L-ikel huwa użat bħala metafora oħra għall-organu sesswali maskili. Innutar jgħid lill-udjenza li l-għarusa jogħġobha ħafna l-ħjar u tiffanga fiz-zalzett. Is-simbolu falliku ta' dawn iż-żewġ oġġetti huwa pjuttost ovvju, imma huwa ta' sinifikat ikbar dan it-twaħħid tal-ikel u s-sess.[11] Il-ġisem oħxon jissenjalizza ikel żejjed kif ukoll sesswalità bla rażan: eċċessiv fid-daqs, fil-konsum tal-ikel u fix-xehwa sesswali. Fil-fatt, fi kważi kull referenza għall-għarusa s-sess jintrabat mal-ikel u viċiversa, bħalma jidher f'dawn is-siltiet:

> "ukill tagħmillu patt / Illi tagħmel trabi bir-risq / Għaliex tħobb tibla' zalzett frisk."
>
> "... tħobb tikolhom wisq il-kavati / Għaliex minn tagħha ftira tagħti."
>
> "U tinkaram wisq għall-ħjar / Għaliex tmut għan-nebula tal-majjal."

Il-'kavati' fit-test ta' Demarco (li huma speċjalità Maltija antika ta' ħelu miksi bl-għasel) ukoll huma simbolu falliku. L-għarusa tikkonsma l-ikel u s-sess b'voraċità liema bħalha mingħajr sens ta' rażan u dixxiplina, tant li lesta anke tikkonsma l-parti sesswali tal-annimali. Permezz tal-kitba taż-żwieġ hija trid tassigura ruħha li x-xewqat sesswali tagħha jiġu sodisfatti u, minħabba l-eċċess tagħha, mhijiex se tikkuntenta ruħha bil-membru kbir ta' żewġha, tant li trid ikollha x'taqsam sesswalment ma' kull min hu kapaċi jissodisfaha: "U kull min jiġi jżurha / Toħroġ tilqgħu u ddaħħlu ġewwa l-kċina."

Fl-istudju riċenti tiegħu dwar it-test ta' Demarco, Fenech[12] jinterpreta l-kċina, li fid-djar Maltin ġeneralment tkun fin-naħa ta' ġewwa, bħala referenza oħra għas-sess. Għaldaqstant, meta l-għarusa tieħu lil dak li jżurha ġewwa, fin-naħa l-aktar ġewwenija tad-dar, tkun qiegħda, metaforikament, tieħu lil dan it-tali ġo fiha. Fix-xbieha tal-kċina, l-ikel u s-sess jerġgħu jintrabtu flimkien u, għal darba oħra, l-aptit tal-għarusa, għall-ikel u s-sess, huwa voraċi.

Anki jekk in-nutar donnu jħajjar lill-udjenza tinġibed lejn ġisem l-għarusa, id-deskrizzjoni li jagħti tagħha mhijiex nieqsa mill-kontradizzjoni, għax filwaqt li jgħid li t-tfajla ħaqqha ħarsa sewwa minħabba l-korpulenza tagħha, f'partijiet diversi tal-farsa jagħti dettalji ta' ġisimha li xejn ma jħajru lil dak li jkun.

Minn wara ftita ħotbija
Widnejha naqra kbar
Jixbhu lil tal-ħmar.
U ħalqha nitfa kbir
U geddumha bħal tal-ħanżir.
Imneħirha daqs l-Imdina
Li f'wiċċha jagħmlilha żina,
[...]
U għajnejha żina fuq il-ħaddejn,
Minn waħda għamja werċa
U mill-oħra ma tara xejn.

Id-dehra grotteska ta' dan il-ġisem issir kompleta meta wieħed jinnota li kull parti ta' wiċċha hija eċċessiva u dan għaliex il-mara l-ħoxna, li ġisimha jindika r-redikolu, irid bilfors li jkollha fatturi oħrajn minbarra d-daqs li jirrenduha tad-daħq.

Fattur importanti ieħor li jirrigwarda l-karattru tal-għarusa huwa l-aġenzija. L-enerġija sesswali u l-ħniżrija tagħha qatt ma jonqsu, anzi, l-istinti bla rażan għas-sess u l-ikel mhux biss huma pronunzjati ħafna iżda jagħtuha awtorità fuq l-għarus. Il-kontenut sesswali tal-kopjun kważi dejjem huwa assoċjat mal-għarusa u f'dawk is-siltiet fejn huwa l-għarus li jidher assoċjat mas-sess dan jidher sottomess u servili lejn it-tfajla. Pereżempju waħda mill-wegħdiet li l-għarusa tagħmel lill-għarus hija li "f'dak iż-żmien illi tkun ħebla. / Il-għarus ma jistax jaħrat biha" u "ma jistax isuqha biex il-għarus jista' jitla' fuqha." Barra minn hekk "jekk ma jikkuntentahiex / Jieħu zokk tal-fiġel / u jmur jiddobba." Wieħed jista' jikkonkludi li dawn il-karatteristiċi huma tipiċi tat-topos tal-*mundus inversus* li, kif jikteb Paul A. Kruger, isib l-oriġini tiegħu fil-letteratura satirika u ċ-ċelebrazzjonijiet karnivaleski.[13] Rigward il-*mundus inversus*, Ralf Remshardt jargumenta li dan il-prinċipju jippreżenta l-loġika ta' ċerti prassi soċjali maqluba ta' taħt fuq u dan jidher l-aktar fir-relazzjonijiet bejn il-klassijiet soċjali u l-ġens.[14] Madankollu tajjeb li wieħed jinnota wkoll li l-mara awtorevoli ma tidhirx biss fil-farsa, iżda hemm sorsi oħrajn, li ma

jippreżentawx il-grottesk, li fihom il-mara tidher ta' sikwit bil-mazz f'idejha. Pereżempju dan huwa evidenti f'numru ta' għanjiet u taqbiliet tradizzjonali miġbura minn Bertha Ilg u Hans Stumme fil-bidu tas-seklu li għadda. Dawn huma ftit eżempji:

Kemm nixtieq insir dollieġħa
Fuq il-mejda tas-sinjuri,
Biex jaqsmuni felli felli,
W il-ġuvintur iduquni.

***

Ara żewġi u maħbubi
Mis-safar ġewni flimkien!
L-ewwel imħabbti għal maħbubi,
Għax għal żewġi għandi żmien![15]

F'numru ta' gazzetti satiriċi li tfaċċaw bejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, li fil-każ ta' ħafna minnhom ġew ippubblikati biss ftit ħarġiet, jinstabu psewdoartikli li 'jirrappurtaw' stejjer ta' nisa jkornu lil żwieġhom u jinvolvu ruħhom f'avventuri sesswali riskjużi.[16] Huwa f'waqtu li wieħed jinnota wkoll sorsi oħra ta' kitbiet ta' natura mhux letterarja, li wkoll taw xbihat prodiġi u perikolużi tal-Mara Maltija. Fl-1764, Camillo Spreti, uffiċjal għoli tal-Ordni ta' San Ġwann, ippubblika ktieb b'deskrizzjoni ta' Malta u parir lill-kavallieri żgħażagħ li fih josserva li:

*the fewer Maltese-speaking Households you frequent the better for you, for it is selling yourself into Slavery. For when once a Knight establishes familiar relations with a House, the Ladies of Malta insist that he come there at least two or three times a day and if ever one absents oneself for five or six days they will split your ears with a thousand questions, which they put, not with any desire to hear of your Health, but solely from avidity to hear about your affairs – if you are kind enough to reveal them – and from a desire frequently to be courted – a weakness common to all Women. You must know, since we are writing upon the subject of Women, that Malta is very close to the Torrid Zone (as you have read in the History of the said Island described by me) and therefore all the people and especially the Women are of a hot and Wanton Nature.*[17]

Sal-1957 vjaġġaturi barranin lejn Malta tħajru jikkummentaw, xi drabi b'ton kritiku, fuq id-dehra fiżika tan-nisa Maltin, u dejjem ġibdu l-attenzjoni tal-qarrejja tagħhom għad-daqs kbir tagħhom. Wieħed minn dawn il-vjaġġaturi, Christopher Kininmonth, jagħti din id-deskrizzjoni skjetta ta' grupp ta' nisa li ltaqa' magħhom f'raħal:

*their large stomach supporting the weight of vast breasts balanced precariously by great haunches behind – filled with admiration both for the height of those sharp, black, grinding heels and the buzz of frizzy hair, the terribly wedded, amoral air of ... of what? ... of nymphomania satisfied, and jewellery to show for it.*[18]

Hemm punt ieħor li nixtieq inqajjem f'dan ir-rigward. Diversi skulari osservaw li filwaqt li l-kultura Mediterranja Latina (predominantament l-Italja u Spanja) ippropagat il-kunċett tar-raġel *macho* li jġorr ir-rwol ta' aggressur u instigatur, il-kulturi Mediterranji Musulmani u tal-Lvant, għall-kuntrarju, ipperċepixxew ir-raġel bħala vittma innoċenti tal-mara tentatriċi kkaratterizzata b'sesswalità bla rażan li tikkorrompi u tiddistruġġi lir-raġel bis-saħħa tal-ħażen u ż-żina bla limiti tagħha. F'dawn in-naħat tal-Mediterran in-nisa kienu kkunsidrati bħala pervertiti laxki maħkuma minn xehwa sesswali annimaleska.[19]

Dan ifisser li r-rappreżentazzjoni tal-għarusa żienja u nieqsa mir-riedni fuq is-sesswalità qawwija tagħha taf ma tkunx sempliċiment inverżjoni tan-normi soċjali tipika tal-element grottesk tal-karnival, imma riflessjoni ta' perċezzjonijiet soċjali oħrajn li jmorru lil hinn mir-ritwali strettament karnivaleski jew grotteski.

## L-Għarus

Bażikament Demarco jikkaratterizza 'l-għarus bħala l-qaddej sesswali tal-għarusa. Id-deskrizzjoni fiżika tal-ġuvni tispeċifika li "għandu sieqe l-quddemnija / Fiha n-nemmilija, u tan-nofs bewwelija." L-enerġija sesswali tiegħu wkoll hi ppreżentata b'metafora bestjali: "Tul sena dari jġerrih għal dejjem ħa l-ewwel / Kemm-il sena ilu qabel għamnewwel". Dawn huma metafori falliċi li jissinifikaw is-saħħa sesswali, li tidher fis-suġġeriment dwar id-daqs kbir tal-organu sesswali. L-għarusa twiegħed "ukill fuqha mitraħ tas-suf tal-għelieqi / Biex fuqu l-għarus jagħmel il-kerċieħi" u b'hekk "dana l-mitraħ tagħtihulu / Biex fuqu jifraħ u jittieraħ."

Ġaladarba l-aġenzija ta' dan l-akkoppjament huwa tal-għarusa, il-kuntratt taż-żwieġ jistabbilixxi wkoll meta din il-koppja għandha tagħmel is-sess. Kif diġà ntwera l-għarusa mhijiex se taċċetta kuntatt sesswali waqt it-tqala, iżda l-kuntratt jistipula wkoll li l-għarusa titlob lill-għarus "illi m'għandux jagħtiha fastidju għar-ružarju / Qabel iġibilha xi ħaġa minn ġewwa l-armarju", metafora li Fenech jinterpretaha bħala referenza oħra għall-organu sesswali tal-għarus. Fuq kollox, bil-kitba taż-żwieġ l-għarusa qiegħda torbot lill-għarus li jassiguraha li hija "ma tbatix mill-aptit / Għaliex il-għarus iġibilha ftit", u dan għaliex l-enerġija sesswali tiegħu taħdem għall-benefiċċju tal-mara.

Il-kopjun ftit li xejn jelabora fuq l-għarus -- tendenza oħra tal-kitba popolari, li tiffoka l-aktar fuq il-mara – ħlief għal xi kummenti negattivi u derogatorji li, paradossalment, jesprimu dubju fuq il-maskulinità tiegħu minkejja li suppost immatura sesswalment. Pereżempju n-nutar iħabbar li l-ġuvni "għadu ma nfatamx mill-biżżula" u li għandu l-orifiċju anali mimli għanqbut, metafora li Mifsud-Chircop jaraha bħala referenza għall-mard venerju jew morliti.

Ir-ritratt ta' dan il-ġuvni raħli mhux biss huwa grottesk iżda, aktar minn hekk, huwa oxxen. Din l-oxxenità hija kwalità tipika tas-satira li kienet issir fil-konfront tar-raħħala. Kif josserva Eco fil-volum tiegħu dwar il-kruha, l-irġiel raħħala fl-Ewropa l-antika kienu ta' spiss jitpinġew b'kundizzjoni ta' prijapiżmu, b'ġenitali sfigurati u, konsegwentement, diżgustanti. Eco jemmen li aktar milli komiċità popolari, dan it-tip ta' satira:

> *was more an expression of the contempt and diffidence in which peasants were held by the feudal and ecclesiastical worlds, who took sadistic pleasure in the peasant's deformities and laughed* at *him rather than* with *him.*[20]

Il-kopjun ta' Demarco, fil-fatt, jiddeskrivi dan il-prijapiżmu tal-għarus li l-pene tiegħu jixbah lil dak ta' ħmar jew ta' ħanżir, tant li jikkwalifikah bħala t-tielet riġel. Wieħed ma jridx jinsa li l-kopjun, bl-oxxenitajiet kollha li fih, inkiteb minn membru tal-kleru. Għaldaqstant jidher li l-pożizzjoni li jieħu Eco toħloq tensjoni mat-teorija ta' Bakthin li permezz tal-ġisem grottesk u r-ritwal karnivalesk in-nies komuni kienu jirredikolaw anki lilhom infushom meta wieħed iqis l-affinità li kienu jħossu ma' dan it-tip ta' ġisem anki jekk, kif jitteorizzaw Holliday u Sanchez Taylor, "*making the grotesque the subject of laughter, one implicitly laughed at oneself.*"[21] Il-grottesk, li minnu nnifsu ma setax ikun sabiħ, mhux biss kien jiġbed l-attenzjoni tan-nies komuni, iżda kien ukoll jattira s-simpatija tagħhom.

Fl-aħħar mill-aħħar, in-nutar ipoġġi lilu nnifsu fil-kategorija tal-grottesk, b'serje ta' ċajtiet offensivi ħafna did-darba indirizzati lejn l-udjenza nfisha u jinkludi lil min kien qiegħed jara l-farsa fil-ġabra ta' iġsma koroh u diżgustanti. L-ewwel nett, l-ispettaturi huma mgħajra "bhejjem" u "bgħula tal-bliet", u aktar tard in-nutar jisħethom billi jitlob 'l Alla jixħet il-korla tiegħu fuqhom – "'K Alla jamar narakom imdendlin 'il barra l-bieb" – waqt li jiddikjara wkoll illi li kellu jara 'l xi ħadd minnhom mgħallaq ma kienx se jmur iħollu. L-aktar ċajt insolenti li n-nutar jindirizza lill-udjenza bih jagħmel referenzi speċjali għall-orifiċju anali, l-eskreta u fluwidi oħrajn tal-ġisem li ħafna drabi jsibu rwieħhom inklużi bi prominenza fil-ġeneru tal-grottesk u l-abbjett. In-nutar jinsulta lill-udjenza tiegħu billi jistqarrilhom li "fuqkom Sinjuri appena naħra" u "stennewni naqra sa ma mmur / Jiena f'wiċċkom naħra." Il-farsa tispiċċa b'referenza għall-ħmieġ anali, tant li l-folja li fuqha jinkiteb id-dokument taż-żwieġ tispiċċa "ssiġillata bil-ħara / Li kellu jiċċappas fuq kull min semagħna." Is-sors ta' diżgust li jikkaratterizza dawn l-insulti joħorġu minn rappreżentazzjonijiet ta' partijiet differenti tal-ġisem, partikolarment il-warrani li, flimkien mal-ġenitali, fix-xbihat grotteski huwa dejjem iperbolizzat. Kif tosserva Susan Stewart, il-ħmieġ anali, (l-istess bħall-awrina u d-demm menstruwali) jitqiesu b'tabù għaliex għandhom statura ambigwa u anomala, fis-sens li huma parti mill-ġisem, prodotti mill-ġisem imma mormija mill-ġisem innifsu, anzi mill-warrani u mill-ġenitali.[22] Barra minn dan, kif jitteorizza b'mod konvinċenti William Miller, il-ħmieġ huwa mgħobbi b'tifsiriet soċjali u kulturali aktar milli naturali.[23]

Il-kopjun ta' Demarco jista' jitqies bħala kampjun tat-tradizzjoni antika karnivaleska mhux biss bis-saħħa tal-wiri ta' iġsma grotteski li jattiraw daqskemm joffendu l-Ħarsa tal-ispettaturi, imma wkoll minħabba l-ispirtu ribelli tal-*mundus inversus* li jaqleb ta' taħt fuq in-normi soċjali u jisfida dak kollu li jittieħed b'tabù. Madankollu l-kopjun jagħti lok, aktarx b'mod aktar sottili, għal qari ieħor li jixħet dawl fuq kwistjonijiet kulturali Maltin oħrajn li jirrigwardaw il-ġisem, l-aktar id-daqs u s-sura tiegħu, kif ukoll l-aġenzija sesswali,[24] kwistjonijiet li jixhdu tensjonijiet soċjali miġjuba wkoll f'sorsi letterarji u kulturali oħrajn, inklużi dawk meqjusin ta' natura artistika 'ogħla'. F'dan is-sens, kif ippruvajt nuri fil-qosor ta' din it-taħdita, il-kuntratt taż-żwieġ ta' Dun Demarco, bl-irreverenzi u l-oxxenitajiet kollha tiegħu, jindirizza temi soċjali u kulturali misjubin f'kitbiet oħra, differenti ħafna, kemm bħala ġeneru u kemm bħala ton. Iż-żuffjett, għaldaqstant, huwa attitudni serja ħafna.

Dan l-artiklu huwa traduzzjoni għall-Malti ta' taħdita bit-titlu "Filth and Flesh in an 18th Century Maltese Catholic Priest's Playscript" ippreżentata waqt il-konferenza "Erotica, Pornography and the Obscene in Europe", fl-Università ta' Warwick (10-12 ta' April 2013). Il-qarrej għandu jżomm f'moħħu li din it-taħdita ġiet ippreżentata lil udjenza barranija u għaldaqstant ċerti dettalji ovvji kienu meħtieġa f'dak il-kuntest.

**Noti**

1 Joseph Cassar Pullicino, fi *Studies in Maltese Folklore* (1992) josserva li sas-seklu dsatax kienu għadhom qegħdin jinkitbu verżjonijiet differenti tal-*Qarċilla,* u jżid jgħid li "*subsequent editions with substantial additions and modifications continued to be printed up the 20th century*" (p 50). Vicki Ann Cremona f'"Carnival in Gozo: Waning Traditions and Thriving Celebrations", *Journal of Mediterranean Studies*, 5(1) 76 (1995) 68-95, tikteb sal-1991 fix-Xagħra (Għawdex) kienet għadha tinħadem reċta dwar kuntratt notarili għaż-żwieġ fil-jiem tal-karnival.

2 Gian Franġisk Agius de Soldanis, *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin maghmula mel Kanoniku Gianfrangesku Agius Sultana Ghauci*, Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, Libr. 143A.

3 Conrad Fenech, *Tagħrif Ġdid fuq il-Kitba* Izzueg la Maltia (1760) *u Analiżi Lingwistika Tagħha*, teżina ppreżentata għall-grad ta' Baċellerat fl-Arti (bl-Unuri) (l-Università ta' Malta, 2012). Minn mindu ngħatat din it-taħdita, l-istudju ta' Fenech jidher fil-ktieb *Dun Feliċ Demarco u l-Qarċilla fil-Karnival tal-1760* (Malta: Horizons, 2013).

4 Cassar Pullicino, "Il-Qarċilla: Bejn Drawwa u Drama f'Malta", *Il-Malti*, 30 (1954) 100-108.

5 George Mifsud-Chircop, "Past Carnival and New Year's Eve Drama in Malta", *Folk Drama Studies Today – International Traditional Drama Conference 2002* (2002) http://www.folkplay.info/Confs/Mifsud-Chircop2002.pdf (moqri f'Settembru 2012).

6 Dan il-kopjun mhuwiex l-uniku xogħol letterarju ta' Demarco. Huwa kiteb ukoll żewġ kotba reliġjużi bil-Latin, grammatika tal-Latin miktuba bit-Taljan, żewġ innijiet iddedikati lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija (ippubblikati fl-1766) u eleġija.

7 Is-siltiet mill-kopjun ta' Demarco ttieħdu mit-traskrizzjoni ta' Mifsud-Chircop, li wħud minnhom jidhru f'Mifsud-Chircop (2002). Fenech, li għall-istudju tiegħu reġa' ttraskriva l-kopjun ta' Demarco, mhux dejjem jaqbel mal-verżjoni ta' Mifsud-Chircop.

8 Għandha ssir differenza bejn 'ħarsa' u 'Ħarsa'. 'Ħarsa' tirreferi għall-ħars li ma jsirx b'mod aċċidentali; għall-kuntarju l-Ħarsa tingħata dejjem b'intenzjoni aktarx eġemonika li toħloq relazzjoni żbilanċjata ta' poter bejn min jixħet u min jirċievi l-Ħarsa.

9 Jana Evans Braziel, "Sex and Fat Chicks: Deterritorializing the Fat Female Body" f'Jana Evans Braziel u Kathleen LeBesco (edi) *Bodies Out Of Bounds: Fatness and Transgression* (California: California University Press, 2001) 231-254; p. 235. L-osservazzjoni ta' Evans Braziel hija riflessa fl-ispettakli li tagħti f'każini u fi ħwienet tax-xorb ċerta mara Maltija bi statura kbira li tuża l-psewdonimu 'L-Amerikana' jew 'Il-Messikana'. F'dawn l-ispettakli, li jinkludu ċajt oxxen u żfin suġġestiv, din il-mara tilbes ilbies żgħir ħafna, waqt li l-udjenza (ġeneralment irġiel) jiżżuffjettaw biha. Ara pereżempju http://www.youtube.com/watch?v=__1gkMju6YY (imniżżel Settembru 2012).

10 Mikhail Bakhtin, *Rabelais and His World*, trad. Helene Iswolsky (Indiana University Press, 1984) 303.

11 Dwar ir-rabta bejn l-ikel u s-sess ara Elspeth Probyn, *Carnal Appetites: FoodSexIdentities* (Londra: Routledge, 2000).

12 Fenech 111.

13 Paul A. Kruger, "A Woman will 'Encompass' a Man: On Gender Reversal in Jer 31, 22b", *Biblica*, vol. 89 (2008) 380-388, p. 382.

14 Ralf Remshardt, *Staging the Savage God: The Grotesque in Performance* (Southern Illinois University Press, 2004) 43.

15 Bertha Ilg u Hans Stumme, *Maltesische Volkslieder Im Urtext Mit Deutcher Übersetzung* (Liepzig: JC Hinrichs'sche Buchhandlung, 1909) 38, 72.

16 Ara pereżempju, *Il Sien Hazin*, *Il-Ghafrit*, *Il-Ghannei*, *Il-Felu*, u *L'Asp*.

17 Camillo Spreti, *Description of the Island of Malta and a Brief Treatise on Knightly Behaviour* (1764), trad. Averil Mackenzie Grieve, Londra: Library Committee, OSJJ, Historical Pamphlet: No 10 (1949) 37-38.

18 Christopher Kininmonth, *The Brass Dolphins: A Description of the Maltese Archipelago* (Londra: Secker & Warburg, 1957) 55.

19 J.P. Mason, "Sex and Symbol in the Treatment of Women: the Wedding Rite in a Libyan Oasis Community", *American Ethnologist* 2 (1975) 649-661, p. 650; David D Gilmore, "Sexual Ideology in Andalusian Oral Literature: A Comparative View of a Mediterranean Complex", *Ethnology* 22(3) (1983) 241-252. Tajjeb li wieħed jinnota, iżda, li x-xbieha tal-Mara bħala tentatriċi u forza korrotta fuq ir-Raġel, kienet diġà mxerrda ħafna fl-Ewropa Medjevali speċjalment fil-kitbiet reliġjużi. Il-prinċipju tal-Mara seduttriċi u l-kunċett tal-*femme fatale* jidher li jsib l-għeruq tiegħu fil-mit

tal-Medusa u l-qirda tagħha minn Perseus. Dwar dan ara x-xogħol ta' David Leeming, *Medusa in the Mirror of Time* (Londra: Reaktion Books, 2013) speċjalment 30-43.

20 Umberto Eco, *On Ugliness,* trad. Alastair McEwen (Londra: Harvill Secker, 2007) 137 (enfasi fl-oriġinal).

21 Ruth Holliday u Jacqueline Sanchez Taylor, "Aesthetic surgery as false beauty", *Feminist Theory*, 7(2) (2006) 179-195, p. 182.

22 Susan Stewart, *On Longing: Narratives of the Miniature, the Gigantic, the Souvenir, the Collection* (Duke University Press, 1993 [2005]) 104.

23 William Ian Miller, *The Anatomy of Disgust* (Cambridge MA: Harvard University Press, 1997) 8.

24 Ara, Immanuel Mifsud, *Studju Dwar il-Ġisem u Xbihat Korporali fil-Poeżija Maltija,* teżi mhux ippubblikata tal-Ph.D (l-Università ta' Malta, 2012) 29-70.

# Il-ħrafa orali u l-identità tal-mara Maltija

Ġorġ Mifsud-Chircop

Mal-ewwel daqqa ta' għajn it-tema ta' dan is-seminar donnha tiftiehem mill-ewwel. Imma wieħed irid joqgħod attent: kemm jista' jitkellem fuq "il-kultura" b'reqqa jekk jinqeda kif ġa smajna, għax m'hemmx mod ieħor, bid-dokumentazzjoni storika?

Nitkellmu nistgħu, imma fuq "waqtiet" kulturali magħżula u dan b'kawtela kbira għax neqsin għalkollox mid-dokumentazzjoni *sħiħa* tal-kuntestwalità. Irridu jew ma rridux ikollna nammettu li l-kultura, jekk tabilħaqq hi biċċa mill-bniedem, hi ħajja, u la ħajja tinbidel minn individwu għal ieħor, bħal-lingwa, fl-istess familja, minn familja għal oħra, minn komunità għal oħra anki fiċ-ċokon tagħna minn post għal ieħor u minn Malta għal Għawdex, minn Għawdex għal Malta, u minn Malta u Għawdex għal Kemmuna, u minn żmien għal ieħor.

Wisq aktar jekk imbagħad il-kelma "il-kultura" tikkwalifikaha bil-kelma "orali"!

F'pajjiżna ftit li xejn għadu sar stħarriġ bir-reqqa fuq il-kultura orali fid-diskursività tagħha, u dan jgħodd ukoll għall-kultura orali tal-lum. X'inhuma l-karatteristiċi ġenerali tagħha? Kemm hija kumplessa r-rabta tat-test mal-kuntest kulturali tiegħu u bejn il-karatteristiċi testwali u l-għażliet interpretattivi u l-istrateġiji involuti fl-interpretazzjoni? X'inhuma l-karatteristiċi individwali tan-narratur? Kif ivarja minn waqt għall-ieħor? Kif tinħoloq it-tifsira? X'sehem għandha l-improvviżazzjoni, anki f'sitwazzjonijiet meta l-eżekutur (*"performer"*) ikun ħejja u studja t-test tiegħu u/jew ta' ħaddieħor imqabbad jew mhux imqabbad minnu minn qabel, bħal fil-każ tal-għana tal-fatt? Min hi

l-udjenza? X'sehem għandhom mhux biss l-irġiel (subien, adulti, xjuħ) imma n-nisa (bniet, xebbiet, adulti)? U bosta mistoqsijiet oħra.

It-test hu sabiħ biex tanalizzah, imma ma nistgħux nibqgħu biss studjużi tat-test waħdu waħdu u nibqgħu kuntenti, anki jekk ma jaqgħalniex f'moħħna, li nippreżentawh mitruħ għax inwarrbulu minnu jew ninsewlu għalkollox il-kuntest fis-sens dejjaq u fis-sens wiesa' li seħħ fih, li tah il-ħajja u l-identità unika tiegħu ta' dak il-waqt u li f'waqt ieħor f'kuntest differenti jikseb ħajja ġdida, identità ġdida u implikazzjonijiet ġodda għax ikun hemm udjenza differenti, b'vuċijiet u b'reazzjonijiet differenti mill-udjenza kollettiva daqskemm minn individwi differenti, nisa u rġiel, qassisin u mhumiex, xebbiet u ġuvintur, bniet u subien. Wisq aktar imbagħad jekk nagħtu kas il-medjum imħaddem mhux biss illum imma anki fl-imgħoddi. U fejn tidħol il-kontinwità?

Għalhekk, ir-rakkont ma fihx narrazzjoni, imma r-rappreżentazzjoni tar-rakkont fiha u tagħtih id-dinjità tan-narrattiva tiegħu. Mela, biex insemmi eżempju wieħed mill-bosta teoriji u interpretazzjonijiet akkademiċi u interessanti fuq hekk, jagħmel sens il-mudell ta' bi tlieta ta' Gérard Genette: mal-*histoire* (l-istorja) hemm ir-*récit* (in-narrattiva) u n-*narration* (in-narrazzjoni).[1]

Fil-qosor ta' din it-taħdita ma nistax nidħol aktar fil-fond, imma nissuġġerilkom biex tħarsu lejn din it-tabella rappreżentattiva fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-paradimmi strutturalisti għan-narratoloġija u dawk il-ġodda li ġew wara, "il-postklassiċi" kif sejħilhom David Hermann fl-1999:[2]

| **In-Narratoloġija Strutturalista (il-Klassika)** | **In-Narratoloġiji l-Ġodda (il-Postklassiċi)** |
|---|---|
| • tiffoka fuq it-test | • orjentati favur il-kuntest |
| • l-iskop ewlieni: in-narrattiva (il-*langue* narrattiva) | • l-iskop ewlieni: in-narrattivi (il-*parole* narrattiva) |
| • tiffoka l-aktar fuq sistemi magħluqa u xogħlijiet statiċi | • tiffoka l-aktar fuq proċessi dinamiċi u miftuħa |
| • l-iskop ewlieni tal-istudju: "il-karatteristiċi" / il-kwalitajiet distintivi tat-test | • l-iskop ewlieni tal-istudju: id-dinamiċità ta' kif wieħed jaqra l-proċess (l-istrateġiji, l-għażliet interpretattivi, ir-regoli preferenzjali) |
| • l-analiżi minn isfel għal fuq | • is-sintesi minn fuq għal isfel |
| • preferenza bħall-binariżmi (reduttivi) | • preferenza għall-interpretazzjoni kulturali u ħolistika u "deskrizzjonijiet fil-fond" |
| • enfasi fuq it-teorija, fuq id-deskrizzjoni formalista u l-klassifika tat-tekniċi narrattivi | • enfasi fuq l-applikazzjoni, l-istħarriġ tematiku u l-evalwazzjonijiet skont l-ideoloġiji li jkun hemm |

| | |
|---|---|
| • twarrib ta' kwistjonijiet morali u tal-produzzjoni tat-tifsira | • jiffokaw fuq kwistjonijiet etiċi u kif ikun innegozjat id-djalogu bejn it-tifsiriet differenti |
| • tistabbilixxi grammatika tan-narrattiva u poetika tal-fittizju | • l-iskopijiet ewlenin jiffokaw dejjem fuq l-analiżi tal-interpretazzjoni |
| • paradimma deskrittivista u formalista | • paradimma evalwattiva u interpretattiva |
| • orjentazzjoni astorika u sinkronika | • orjentazzjoni storika u dijakronika |
| • tiffoka fuq karatteristiċi universali tan-narrattivi kollha | • tiffoka fuq forma waħda u fuq l-effetti ta' narrattivi partikulari |
| • dixxiplina (ftit jew wisq) unita | • proġett interdixxiplinarju bi trattamenti eteroġenei |

Tab. 1. *Il-karatteristiċi ewlenin tan-narratoloġija strutturalista/ Klassika kontra n-narratoloġiji l-ġodda/Postklassiċi, skont Nünning*[3]

## Germuda Żermuda jew Ċiklemfusa – ATU 510B[4]

It-tema taż-żwieġ għandha sehem speċjali fl-assjoloġija, is-semantika u s-sintagmatika tal-ħrejjef tas-seħer. "Germuda Żermuda" jew "Ċiklemfusa" jew "Ċaqlemfusa"[5] hija ħrafa fuq in-nisa. L-eroina hija attiva, tant li tgħammex lill-prinċep bi ġmielha u bi ħwejjiġha. Bħala l-eroina li trid tirbaħ lill-prinċep tidher b'dehra pożittiva, tant li n-narratriċi[6] tiddeskriviha li hi sabiħa wisq.

## "Ta' ġewwa" u "ta' barra"

Hija biċċa xogħol "realistika" għalkemm ippreżentata fil-fantasija: trid tirnexxi f'qagħdiet mhux realistiċi li s-soltu ma jiġrux fil-ħajja ta' kuljum tal-komunità. Madankollu, iż-żwieġ bl-ipergamija huwa l-qofol tal-aħħar episodju, il-final u l-klajmaks fl-iżvilupp tat-tema u r-riżoluzzjoni tagħha. Il-qabża "mirakoluża" mill-grupp "ta' ġewwa" għall-grupp "ta' barra" hija normali għax toqgħod man-normi tal-esogamija f'Malta.

Din il-ħrafa metaforikament tinterpreta t-taqtigħa mtawla bejn "ta' ġewwa" u "ta' barra" ta' żagħżugħa li trid tħabbatha ma' nisa oħra li moħħhom ukoll qiegħed fil-prinċep, fosthom ommu stess, u din, fl-aħħar ikollha ċċedi kontra qalbha l-parti tagħha li tieħu ħsiebu allavolja suppost li għandu l-età tiegħu, li kiber u hu indipendenti. L-imħabba romantika għandha sehem ewlieni fin-namur. Lir-raġel u lill-mara tgħinhom biex jegħlbu l-biża' u d-differenzi ta'

bejniethom. L-eroina talterna bejn iż-żewġ qagħdiet tal-ġmiel u l-kruha, imma tant tasserixxi ruħha li tolqtu lir-raġel li għad irid jiżżewwiġha. Tirnexxi bħala eroina "attiva": dejjem tkun hi li tieħu l-inizjattiva, mimlija tattika u diskrezzjoni[7] billi tmur għat-tliet ballijiet u tiddeċiedi kif jidhrilha hi (Testi 2a, 2b), ġmielha jisboq lil tan-nisa l-oħra – "Oh! Din xebba sabiħa! Magħha niżfen!" –, tant li l-prinċep magħha jiżfen, u fit-tielet ballu jsaqsiha bl-edukazzjoni kollha l-mistoqsija personali "['K] jogħġbok, għidli fejn toqgħod!" B'hekk jimplika x-xewqa kbira tiegħu li tkun il-maħbuba tiegħu. Anzi fit-tieni lejla n-narratriċi tgħid li "meta raha ... dieħla, iġġennen bil-ferħ, għax reġgħet ġiet." Id-djamant li jagħtiha dakinhar fih l-aqwa xhieda ta' mħabbtu lejha u għandu l-funzjoni (mal-biskuttini) tar-rabta waħdanija bejniethom biex imbagħad jagħrafha u r-relazzjoni tagħhom twassal għaż-żwieġ. L-ironija tas-sitwazzjoni qiegħda li bla ma jaf hu stess jistqarrilha mħabbtu għax ma jafx li Germuda Żermuda u dik ix-xebba huma l-istess bniedma:

> Hu u dieħel, mar fil-bieb tal-kantina u qallha: "Reġgħet ġiet dik il-ġuvna kemm [hi] sabiħa! Tajtha dak id-djamant li kelli f'sebgħe, għax irrid noħodha b'għarusa tiegħi!"

Test 1. *L-identità moħbija tal-eroina.*

Fit-tliet lejliet tkun hi wkoll li tiddeċiedi fejn u xħin se titlaq. Ngħidu aħna fl-ewwel lejla:

> Metta[8] kien baqa' ftit, biex jispiċċa l-ballu, ħaditlu b'idu u qaltlu: "Jena sejra, għax il-papà ïgħajjat miegħi!"

Test 2a. *L-eroina tfassal hi stess triqitha.*

U fit-tieni lejla:

> Xħen kien baqagħlu xi kwarta, biex [j]ispiċċa l-ballu, qaltlu: "Jena sejra."

Test 2b. *L-eroina tfassal hi stess triqitha.*

**Id-Diskursività**
***L-ispazju u ż-żmien***

It-tliet livelli f'din il-ħrafa huma l-meraviljuż, l-uman u l-ispazju ta' bejniethom. L-eroina hija nuffara antropomorfika, il-"pupa taċ-ċraret", li jkollha tbati biex tgħix il-ħajja reali ta' kuljum. Biex tidħol fid-dinja tal-meraviljuż fejn hemm fost l-oħrajn id-dar tal-prinċep, ikollha taċċetta li hu u ommu jiżżuffjettaw biha – kif tgħidlu ommu, "'Tiha daqqa ta' sieq u gerbibha ġol-kantina!" Is-soltu ħadd ma jitħalla jidħol fil-palazz, wisq aktar tant 'il ġewwa fejn jitkellmu bejniethom bl-akbar intimità l-prinċep u ommu. Imma l-eroina għandha karatteristika importanti: il-persistenza u d-determinazzjoni tal-mara. Sa mill-bidu tan-narrattiva hi tgħannilu lill-prinċep: "Jen għad neżżewweġ bin is-sultan!" U minkejja kemm jinkiha hu, Germuda Żermuda tgħidlu kull darba "Ma jimpoltani!" U meta kull darba t-tnax-il raġel jiġru warajha biex isiru jafu fejn toqgħod, hi twaqqafhom, l-ewwel bl-aljenazzjoni tal-flus, u t-tieni u t-tielet darba tidher aggressiva għax titfgħalhom it-tabakk u l-bżar f'għajnejhom. Saħansitra fl-aħħar waqtiet delikati tal-ħrafa, meta Germuda Żermuda tkun kważi waslet biex tingħaraf l-identità tagħha, xorta tibqa' l-persekuzzjoni qawwija kontriha: omm il-prinċep malli tisimgħu jgħajjat minn fuq tissuspetta fiha li kienet ħalliet xi xagħra taqgħalha fit-taħlita tal-biskuttini:

> Ħa wieħed [mill-biskuttini] u qasmu w isib iċ-ċurkett ta[d-]djamant fih. "Mamà! Mamà!"
> Il-mamà m'nn isfel: "Eh!"
> Qaltilha [lil Germuda Żermuda]: "X'waħeda din? Sab xi xagħra!"
> Talgħet, qaltlu: "Xi trid, ibni?"

Test 3. *Il-persekuzzjoni kontra Germuda Żermuda tibqa' għaddejja sal-aħħar*

Kif ġa wrejt fl-istudju tiegħi "Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (ATU 408),"[9] in-narrattiva fuq l-eroina hija aktar importanti minn tal-prinċep. Imma kontra "Ix-Xebba tat-Tronġiet," Germuda Żermuda tbatiha l-persekuzzjoni, imma taf tipprotesta bl-istil tagħha kontra l-persekuzzjoni tal-prinċep tant li tasal biex teħles lilha nfisha bil-ħażen ta' moħħha.

Il-ġrajjiet tal-ħrafa jibdew fid-dinja umana bil-ħajja msejkna tal-eroina li tidher bħala nuffara li dendilha wieħed raġel ta' għalqa tal-qamħ: "[g]ħamel pupa taċ-ċraret u dendilha fis-siġra, biex bir-riħ titbandal w il-għasafar jibżgħow". Imma l-ħrafa tiżviluppa u tagħlaq fid-dinja tal-meraviljuż bil-palazz tal-prinċep

u bis-sala tal-ballijiet. L-awtorità, miġbura fil-figuri tal-prinċep u ta' ommu, titħaddem fil-palazz (il-kamra tal-prinċep, il-kċina u l-kantina). L-għeġubijiet jixbhu l-affarijiet u l-annimali reali. Hawn ħafna oġġetti fid-dinja meraviljuża u fid-dinja umana tal-ħrafa, imma fl-ewwel dinja xorta jintużaw bħal fid-dinja realistika, bħall-ġewża, il-lewża u l-ġellewża tas-seħer, l-ilbiesi, il-karozza b'erbat iżwiemel, il-bieb tal-kantina, il-boroż tal-flus, id-djamant, it-tabakk, il-bżar, is-sodda tal-prinċep, il-biskuttini u t-taħlita tagħhom, il-kċina, il-forn u l-furnara. Imma l-ġewża (għal darbtejn), il-lewża u l-ġellewża qegħdin fix-xifer tad-dinja umana u l-irġiel tal-prinċep u l-prinċep stess kapaċi jirraġunaw (Fig. 1).




Fig. 1. *Eżempju tat-temporalizzazzjoni u tal-ispazjalizzazzjoni f' "Germuda Żermuda"*

Il-mikronarrattiva tagħna fiha żewġ kwalitajiet ta' żmien: l-uman u l-meraviljuż. Fil-bidu tal-ħrafa l-eroina tgħix fid-dinja tal-bniedem bħala

nuffara u fiha l-ħin miexi bir-ritmu tas-soltu. Imma malli jaraha l-prinċep u tibda tgħannilu u hu stess jeħodha fil-palazz tiegħu, il-ħin isir kollu meraviljuż. L-eroina għandha l-età tagħha bħalu biex tiżżewweġ kif jidher minn kliemha u minn għemilha bl-imħabba kbira li għandha għalih.

**Is-Semantika Diskursiva**

***It-tematizzazzjoni***

In-narratriċi tiffoka fuq id-deċiżjoni tal-eroina li tibdel il-qagħda tagħha fis-soċjetà bis-saħħa ta' ħilitha stess. Ġmielha ma tqisux bħala parti essenzjali u intrinsika minn ħajjitha – issir sabiħa meta tilbes l-ilbiesi tas-seħer. Madankollu, fil-livell tematiku-narrattiv l-oġġetti tas-seħer li jgħinuha, bħall-ilbiesi, il-karozzi u ż-żwiemel huma pożittivi, għalkollox kontra r-rigali negattivi tat-tagħjir, tal-umiljazzjoni u tar-ripressjoni mill-prinċep u minn ommu. Għandha wkoll il-funzjoni implikata tal-medjatriċi fakultattiva: hi trid tkun biex toħloq il-pont bejn il-prinċep li għadu ma mmaturax għax baqa' t-tifel t'ommu li malli jinqala' l-intopp jidħol fis-sodda u saħansitra jibki u hu mxennaq għall-fsied t'ommu, u l-prinċep li jwarrab il-ħakma t'ommu minn fuqu u lil Germuda Żermuda jistqarrilha mħabbtu u jiżżewwiġha.[10]

Germuda Żermuda tasal għal livell soċjali ogħla bis-saħħa ta' sottoprogramm narrattiv li fih twarrab il-qagħda baxxa tagħha. L-enfasi fuq l-erba' lbiesi u fuq il-mezzi tat-trasport jixhdu l-/fama/ u s-/sinjurija/ tagħha: il-postijiet li jissemmew direttament huma minn banda l-palazz tal-prinċep u s-sala tal-ballu, li mill-banda l-oħra jikkuntrastaw mas-siġra fejn kienet imdendla u l-kantina fejn imbagħad bdiet toqgħod wara. Dawn l-ispazji jaqblu mal-livell soċjali tal-atturi fil-ħrafa, il-prinċep u Germuda Żermuda. Figurattivament dawn jixhdu l-oppożizzjoni bejn l-/umiljazzjoni/ vs. l-/istima/ u l-/faqar/ vs. s-/sinjurija/ li tingħeleb bis-saħħa tar-rabta taż-żwieġ.

**Il-figurattivazzjoni**

Il-mara u r-raġel għaddejjin mill-uġigħ u d-dubji tal-imħabba. It-tensjoni u l-konfrontazzjoni jiżviluppaw fin-narrattiva meta l-eroina ($S_1$) taħbi ġmielha għax hi trid li l-prinċep ($S_2$) jaraha kif u meta tiddeċiedi hi, u hu jimrad bid-dwejjaq kbar li għandu fih u li juru d-dikotomija li qed iġarrab bejn il-passjonijiet tal-istennija għall-imħabba u l-passjonijiet tan-nostalġija għal imħabbitha – ma

jistax isib (u jiżżewweġ) il-mara li jħobb. Moħħu jhewden li hu ta' min ikun hemm xi mara li tħobbu – dan figurattivament huwa rrappreżentat bl-isforzi tiegħu li jagħmilha man-nisa sbieħ u mhux koroh bħal Germuda Żermuda. Għalhekk jgħajjarha għal darba darbtejn li "Ma niħdokx miegħi, għax inti kerha!" U fil-lejla tat-tielet ballu jgħidilha b'insistenza: "Sejjer, ma tiġix miegħi!" L-ekwilibriju tiegħu jinbidel mill-ewforja meta joqgħod jitgħaxxaq biha l-ħin kollu u jmissha huma u jiżfnu fit-tlitt iljieli u meta qabel ma titlaq jieħdu b'idejn xulxin, għad-disforja (l-iskumdità mentali) malli jagħraf li ma sabx fejn tgħammar l-eroina. Il-passjoni qalila li kellu għaliha ġġibu fejn xtaqet hi sa mill-bidu: l-ammirazzjoni li kellu għaliha u l-mard li waqa' fih:

> ... [M]ar id-dar, xtaħet ġos-sodda, jibki u jiddispjaċih, għax ma raqhax iżjed u ma jafx fej' daħlet. Il-mamà tiegħow qiegħda maġenbu u tgħidlu: "Xi ġralek, ebni? ... Għidli x'għandek! M'intix qegħed tiekol?"
> Qallha: "Xejn, mamà, ma għandi; għax la għandi ma tneħħihulix."

Test 4. *Il-prinċep fil-proċess tad-disforja.*

Dan kollu jwasslu biex iqabbilha mal-bqija tan-nisa kollha li kien jaf li kellhom grazzja miegħu u mbagħad biex jiddeċiedi li jew lilha jew lil ħadd ma jiżżewweġ. Mis-superlattiv relattiv ta' qabel saret għalih is-superlattiv assolut. Fil-perspettiva tiegħu l-karattru tagħha u mġibitha fit-tliet ballijiet għamluha l-mara li tixraqlu.

Madankollu, in-narratriċi qiegħda tkun ironika fuq il-passjonijiet tal-possessività u tad-divertiment fil-prinċep. Bħala Germuda Żermuda jridha biss għax-xogħol u biex jgħajjarha; imma fil-ballijiet ikollu jbati biex jasal u joħloq ir-rabta eterna magħha fiż-żwieġ. Man-nuqqas ta' stima lejha, maż-żuffjett ripetittiv tiegħu fuqha ("Ma neħdokx miegħi, għax inti kerha!"), mat-tqabbil tiegħu magħha tax-"xebba sabiħa li żfent" jew ta' "dik il-ġuvna ... sabiħa" u mad-djamant li kellu f'sebgħu u li jtihulha bħala rigal f'kuntrast mat-tagħjir li jfajrilha fil-palazz tiegħu, hemm bħala parallel kemm l-ostinazzjoni u l-krudeltà persistenti tagħha li tibqa' tqarraq bih u ma turihx l-identità tagħha, daqskemm iż-żuffjett kiefer tagħha bih meta twieġbu b'mod enimmatiku fejn toqgħod bil-formula popolari "Għatba fl-art u bieb mal-ħajt!" – u dan bl-implikazzjoni semantika li għadha qawwija sal-lum ta' "ma rridx ngħidlek u tistaqsinix aktar!" B'hekk kull darba qiegħda tħarraxlu fih l-imħabba u l-għatx tal-passjoni li kellu għaliha. In-narratriċi qed timplika wkoll li meta jimrad il-prinċep ikun qiegħed jistqarr b'mod drammatiku li sar jiddependi għalkollox minn Germuda

Żermuda tal-ballu u dan mingħajr ma l-eroina tintrabat li hi wkoll tiddependi fuqu! Ir-rebħa tagħha hija kbira għax jirnexxilha ġġib taħt idejha prinċep kburi u li jippretendiha u li bla ma jaf hu stess kemm-il darba kienet regħxitu. Bir-raġun li meta fl-aħħar isib id-djamant fil-biskuttin u titla' fuq ħdejh, jgħidilha:

> "Eh!" "Kif kont se toqtonni bil-għali tiegħak! Ejja 'l hawn! Ħalli ngħannqek u nbusek, għax enti l-għarusa tiegħi!"
>
> Test 5. *Fiex waslet l-ostinazzjoni u l-krudeltà tal-eroina.*

Din l-istqarrija (Test 5) Germuda Żermuda kienet ilha tafha f'moħħha u f'qalbha.

Għalkemm hi tibqa' ħafna żżomm lura milli turih imħabbitha, juriha għal tliet darbiet il-ġibda tiegħu lejha, u mal-ġibda jitnissel il-ħsieb u l-inkwiet fuqha. Kull qagħda fit-traġettorja tiegħu qabel ma jsib id-djamant tagħti għamla differenti lill-ġibda li għandu lejha: l-ewwel jafdaha ("Oh! Din xebba sabiħa! Magħha niżfen!"), imbagħad il-ġibda jħossha delikata ("Germuda Żermuda, dik xebba sabiħa li żfent magħha l-ballu!"), imbagħad il-fiduċja ssir possessjoni għax jagħtiha ċ-ċurkett ("iġġennen bil-ferħ, għax reġgħet ġiet. Qala' d-djamant minn sebgħow, u taqhulha") u jiddeċiedi darba għal dejjem li jiżżewwiġha ("... għax irrid noħodha b'għarusa tiegħi!"). Tant hu hekk li meta reġgħet ġiet l-għada u lemaħha mar jiġri jeħdilha b'idha, u fl-aħħar iġarrab sfiduċja sħiħa bil-possibiltà li xi darba sseħħ ir-rabta tiegħu magħha, jimtela ansjetà, jibda jibki, jiddispjaċih għal li ġralu u jimrad. Bl-imħabba ffrustrata tiegħu jimtela wkoll bl-indeċiżjoni u jħossu mxebba' – żewġ passjonijiet li jdumu sewwa fih u jwassluh biex ibati aktar. Anki l-antroponimi "il-prinċep" u "Germuda Żermuda" jew "Ċiklemfusa"[11] maħsubin biex joħolqu xi kwalità ta' realtà storika ta' bejniethom. Ir-ripressjoni tagħha tidher fil-figura anormali tagħha ta' "pupa taċ-ċraret" li timplika d-dgħufija, in-nuqqas ta' identità, in-nuqqas ta' sigurtà u l-irmixk.

It-tlitt ilbiesi tas-seħer u l-karozza/karozzella b'erbat iżwiemel metonimikament qegħdin għal min jużahom biex in-narratriċi tipprojetta / livell soċjali għoli/. Għalhekk, l-ilbiesi jridu joħolqu l-illużjoni referenzjali: libsa minn lewn is-sema bil-kwiekeb, libsa minn lewn il-baħar b'ħutu, u libsa minn lewn il-kampanja bil-ħdura. Il-karozza għandha funzjoni doppja biex turi l-livell soċjali għoli tal-eroina daqskemm bħala mezz tat-trasport għaliha. Il-ballu mimli b'ħafna implikazzjonijiet soċjali u b'intimità reċiproka li xxaqleb sew lejn il-ġibda sesswali. Kif ġa għedt fi studju ieħor tiegħi,

> L-eroina u l-prinċep jiltaqgħu ... il-ballu skont it-tradizzjoni Ewropea, u dan jirrifletti d-drawwa Ewropea tat-taħlit soċjali u ħieles taż-żewġ sessi. Il-ballu huwa l-motif ċentrali tal-ħrafa .... Ir-ripetizzjoni għal tliet darbiet taż-żjajjar tal-eroina jagħtu d-dimensjonijiet epiċi lit-tema.[12]

In-narratriċi, bħan-narraturi kollha, tista' tiftaħ jew tagħlaq il-konfigurazzjonijiet tagħha mingħajr ma tagħmel ħsara lill-istruttura narrattiva tal-ħrafa. Il-mikrounivers tagħna jwarrab għalkollox il-prova preliminarja, li skont Eleazar Meletinsky, "hi tabilħaqq karatteristika tal-ħrejjef tas-seħer tant li ... tasal għall-kisba tal-protettur jew tal-mezz maġiku biex [l-eroj] jirnexxi żgur fil-prova bażika."[13] Ma nafux kif l-eroina kisbet il-ġewża, il-lewża u l-ġellewża tas-seħer[14] – huma dawn li jwassluha fit-triq tagħha. Fil-ħrafa tagħna hawn korrelazzjoni artifiċjali biss bejn l-ilbiesi u l-erba' laqgħat (*"conjunctions"*) spazjali bejn l-eroina u l-prinċep, bl-aħħar waħda magħluqa għall-palazz (mill-kċina ⟶ il-kamra tal-prinċep). L-identità inkonjita u l-għarfien tagħha huma korrelatati, għax din tiddependi mill-oħra. L-eroina assoċjata mill-qrib mat-temi li għandhom x'jaqsmu ma' /l-art/, /il-baħar/ u /l-fertilità/ – l-ilbiesi mifqugħa b'simboliżmu qawwi Mediterranju għax għandhom lewn is-sema bil-kwiekeb, lewn il-baħar b'ħutu, u lewn il-kampanja bil-ħdura u mill-ġdid lewn is-sema bil-kwiekeb u kollha jaħdmu fil-proċess maħsub minnha għas-seduzzjoni u ... iż-żwieġ.

**Tip 510 B**
/is-seduzzjoni/
(il-laqgħa amoruża)
↓
"il-ballu"
(il-laqgħa spazjali)
↓
"il-libsa"
↓
"il-ġewża/il-lewża/il-ġellewża"
(= ir-rigal moħbi)

Tab. 2. *Is-seduzzjoni fil-livell sintattiku ta' "Germuda Żermuda"*

Madankollu, il-kisba temporanja tal-prestiġju soċjali (bis-saħħa tal-ilbiesi fini u l-karozzi biż-żwiemel) ma tagħtihiex ekonomikament il-jedd li tiżżewġu

lill-prinċep. Li tiltaqa' inkonjita miegħu fit-tliet ballijiet (fl-anonimità, bl-ilbiesi, bil-karozzi bħala l-ajjutanti attanzjali tagħha) fl-aħħar mill-aħħar għandu funzjoni waħda: il-prinċep jinbena bil-volontà li jiżżewwiġha, u dan jiqliel iżjed fih bl-oppożizzjoni apparenti tagħha meta taħrablu kull darba, bid-devjazzjoni persistenti u bi ħsieb magħmul għall-irġiel tiegħu, u fuq kollox fit-tielet lejl meta ma ttihx wiċċ b'mod arroganti. Iż-żwieġ f'"Germuda Żermuda" mhu xejn ħlief ir-realizzazzjoni riflessiva tad-deċiżjoni tagħha fil-bidu u li ttennihielu lill-prinċep fl-aħħar fl-istrateġija tagħha biex togħla 'l fuq mill-qagħda soċjali baxxa tagħha. Imma xorta jkollha tistennieh għax fl-aħħar mill-aħħar iż-żwieġ hu frott id-deċiżjoni tal-prinċep biss. Mhux hekk jiġri lill-eroj fil-ħrafa tas-seħer "Is-Serp tas-Sebat Irjus"[15] li fiha ż-żwieġ fil-familja rjali jrid isir bilfors biex l-eroj jibda jieħu ħsieb hu tal-pajjiż. Għalhekk, Germuda Żermuda tibqa' tgħix u tistennieh bi mħabbitha moħbija għalih sakemm hu jaqtagħha darba għal dejjem.

Fil-livell figurattiv id-deskrizzjonijiet tal-ilbiesi tas-seħer fil-ġewża, fil-lewża u fil-ġellewża, tematikament lil Germuda Żermuda jwaħħduha fl-istess ħin mal-livell iżotopiku ta' /l-art/ u /il-fertilità/. Biżżejjed wieħed isemmi li fil-qasam soċjokulturali Malti minn banda hawn bosta assoċjazzjonijiet fil-livell semiku bejn "mara", "sesswalità," "fertilità", il-psikoloġija tal-mara, u "qamar" (implikat fis-sema bil-kwiekeb),[16] u "ġewża/lewża/ġellewża," "biskuttini," "ċurkett," "sesswalità," "il-fertilità tar-raġel," "il-ġibda sigrieta tal-imħabba moħbija minn kulħadd," "is-sesswalità bejn ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ u l-fidi fl-imħabba konjugali" u l-psikoloġija tar-raġel mill-banda l-oħra.[17] U dan għadu ħadd ma stħarrġu. Wieħed ma jistagħġibx għalhekk meta jsir jaf li fil-ħrafa ta' Germuda Żermuda/Ċiklemfusa (bħal fi ħrejjef oħra Maltin tas-seħer) il-qarrejja żgħar tal-lum għadhom isibu l-paradimmi kulturali għalihom,[18] dik li Holbek isejħilha "l-udjenza sekondarja".[19] L-iżbilanċ tal-bidu jissewwa bit-trasformazzjoni fir-relazzjonijiet soċjali tagħha. Germuda Żermuda hija iżolata fil-familja tal-prinċep mingħajr l-iċken protezzjoni tal-livell soċjali tagħha – l-eroina m'għandha ebda rabta mal-familja tagħha, hi mifruda għalkollox minnha, hi mifruda wkoll mill-postijiet li hi midħla tagħhom, u kull meta titħarrek biex tagħmel xi ħaġa, dejjem tkun fl-iżolament tagħha. Għand il-prinċep qiegħda tkun dejjem sfruttata bħala qaddejja – kif tgħid fuqha ommu, Germuda Żermuda għaliha hi "waħeda tifla, taħdem għandna."

Il-qagħda tissewwa bl-inizjattiva tagħha biex tibni familja ġdida biż-żwieġ mal-prinċep. It-tranżizzjoni tal-eroina mill-qagħda tal-bidu għall-qagħda tal-aħħar fiha messaġġ kuraġġuż fuq il-mobbiltà soċjali tagħha. Kontra ħafna

varjanti ta' Germuda Żermuda/Ċiklemfusa f'kulturi oħra,[20] l-eroina Maltija mhix mistħija jew passiva jew sottomesssa jew dgħajfa. Għalkemm m'għandha xejn x'jgħinha ħlief il-kuraġġ tagħha, hi *ma temminx* fin-normi stabbiliti tal-logħba soċjali[21] jew f'xi ħrafa tal-kbar li wieħed jista' jitla' 'l fuq fil-qagħda soċjali tiegħu basta jżomm il-paċenzja u l-kwiet, u ma jitlob xejn. Mhix kuntenta bi ġmielha u daqshekk. Il-ġustizzja fiha teżisti, imma tħoss li għandu jkun dmirha li tieħu l-inizjattiva u tattakka, tisħaq u tiġġieled sal-aħħar. L-inizjattiva u l-ħila aktar milli ż-żwieġ u l-bidla soċjali jidhru bħala l-mezzi biex wieħed joħroġ mill-qagħda soċjali inferjuri li jkun fiha.[22] Hawn korrelazzjoni qawwija bejn il-ġewża, il-lewża u l-ġellewża li *hi* tużahom meta tkun fil-bżonn, u l-mobbiltà tagħha: l-eroini fil-ħrejjef tas-seħer ma jiġġildux bix-xwabel bħall-irġiel (ara, "Is-Serp tas-Sebat Irjus" (ATU 301)[23] u "Balmies" (ATU 314),[24] imma bl-armi li huma tipiċi tan-nisa, f'dan il-każ, il-ġmiel, l-ilbies sabiħ, u l-kelma. Fl-aħħar Germuda Żermuda tinża' l-ambivalenza tagħha u lill-prinċep turih tabilħaqq hi min hi.

Madankollu, hi mara tal-bidu tas-seklu għoxrin, u għalhekk ma tistax tibdilha għal dejjem il-qagħda tagħha fis-soċjetà. Il-prinċep huwa raġel u l-liġijiet soċjali jisħqu li hu bħala raġel hu kapaċi jibdel il-qagħda għalkollox. Sehmu fl-aħħar tal-ħrafa hu li jqum min-nagħsa tiegħu, jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ġibda tiegħu mimlija fiduċja fil-bidu, u bis-saħħa tad-djamant tiegħu mqiegħed fil-biskuttini tagħha mill-eroina stess (hawn simboliżmu aħjar tar-relazzjoni mixtieqa?) jiskopri lill-eroina fl-istima u l-ħeġġa għal xulxin. U b'hekk jirranġa l-iżbilanċ soċjali li ħoloq din it-tensjoni drammatika fil-ħrafa.

## Appendiċi

### GERMUDA ŻERMUDA[25]

Darba jkun hemm raġel, għandu għalqa bil-qamħ, u kuljum imur jittendi,[26] għax il-għasafar imorru jikluhulu. Għamel pupa taċ-ċraret u dendilha fis-siġra, biex bir-riħ titbandal w il-għasafar jibżgħow. [*sic*]

Ġurnata waħda jkun għaddej bin is-sultan, qed idur għall-kaċċa. Qal: "Dik x'inhi, li hemm fis-siġra?"

Resaq lejha, isibha pupa ta[ċ-]ċraret. Għannietlu: "Jen [*sic*] għad neżżewweġ [*sic*] bin is-sultan!"

Qal: "Din ta[ċ-]ċraret titkellem?"

Qabadha u qatagħha mis-siġra, u għamilha ġol-but tal-ġlekk. U mar ed-dar [*sic*] t'ommu o ħariġha mill-but. Qallha: "Mamà, ara x'ġebtlek!" [*sic*]

Qaltlu: "Din x'inhi? Ċarruta?"

Qallha: "Dik kienet qiegħda tgħanni u tgħid, li trid tieħo[27] bin is-sultan!"

"O, mur!"[28] qaltlu. "'Tiha daqqa ta' sieq u gerbibha ġol-kantina!" U qegħedha ġol-kantina.

Kull felgħodu, [*sic*] metta jqom is-sultan,[29] imur fil-bieb tal-kantina, igħidilha:[30] "Germuda Żermuda! Sejjir[31] il-ballu. Ma neħdokx miegħi, għax inti kerha!"

Hi tgħid: "Ma jimpoltanix!"[32]

U mar.

U Germuda Żermuda kisret ġewża; ħarġet karrozza b'erba' żwiemel u libsa mill lewn[33] is-sema bil-kwiekeb; libsitha u marret il-ballu.

Metta raqha[34] s-sultan, qal: "Oh! Din xebba sabiħa! Magħha niżfen!"

Metta kien baqa' ftit, biex jispiċċa l-ballu, ħaditlu[35] b'idu u qaltlu: "Jena sejra, għax il-papà ïgħajjat[36] miegħi!"

Is-sultan qabad tnax-il raġel, biex imorru wara l-karrozza, jaraw fejn tidħol. [Germuda Żermuda] xaħtetilhom żawġ boroż[37] bil-flus, u qagħdu jiġbruhom; ma rawx fej' daħlet. Is-sultan qallhom: "Għandkom raġun? Ma rajtux fej' daħlet, għax qgħadtu tiġbru bil-flus!"[38]

Germuda Żermuda reġgħet marret ġol-kantina.

Ġe[39] s-sultan mill-ballu, mar ġol-kantina, qallha: "Germuda Żermuda, dik xebba sabiħa li żfent magħha l-ballu!"

Qaltlu: "Ma jimpoltanix!"

L-għada mar is-sultan, raġa' qallha: "Germuda Żermuda, sejjir il-ballu! Ma neħdokx miegħi, għax inti kerha!"

"Ma jimpoltanix!" qaltlu.

Kisret lewża; ħarġet karrozza b'erba' żwiemel u libsa mill [*sic*] lewn il-baħar b'ħutu. Libsitha u marret il-ballu.

Metta raqha [*sic*] s-sultan deħla,[40] iġġennen bil-ferħ, għax reġgħet ġiet. Qala' d-djamant minn sebgħow, u taqhulha.[41] Reġgħow qabdu jiżfnu flimkien.

Xħen[42] kien baqagħlu xi kwarta, biex [j]ispiċċa l-ballu, qaltlu: "Jena sejra."

Mar, ġieb tnax-il raġel, biex imorru jaraw fej' tidħol. Xeħtetilhom ħafna tabakk ġa [*sic*] għajnejhom, u kollha b'idejhom fuq għajnejhom jibku, għax ma kienu jaraw xejn. Marru għand is-sultan: "Ara x'għamletinna![43] X'għajnejn għandna!"

Ġie s-sultan id-dar.

Hu u dieħel, mar fil-bieb tal-kantina u qallha: "Reġgħet ġiet dik il-ġuvna[44] kemm [hi]

sabiħa! Tajtha dak id-djamant li kelli f'sebgħe,[45] għax irrid noħodha b'għarusa tiegħi!"

Qaltlu: "Ma jimpoltanix!"

Reġa' l-għada, mar il-ballu, qallha: "Sejjer, ma tiġix miegħi!"

Qaltlu: "Ma jimpoltanix!"

Kisret ġellewża; ħarġet karrozza b'erba' żwiemel u libsa mill [*sic*] lewn il-kampanja bil-ħdura. Libsitha u daħlet il-ballu. Xħar raha[46] s-sultan, ġie jiġri u ħadilha b'idha[47] u qabdu jiżfnu flimkien. Qallha: "['K] jogħġbok,[48] għidli fejn toqgħod!"

Qaltlu: "Għatba fl-art u bieb fil-ħajt!"

Qallha: "Fej' naf, liema bieb!"

Ħarġet mill-ballu; u bagħat tnax-il raġel warajha, biex jaraw, fej' tidħol. Xeħtetilhom ħafna bżar f'għajnejhom. Bdew jegħattu fuq wiċċhom:[49] "Għamietna! Għamietna!"

Marru għand is-sultan: "Ara x'għamletinna! Għamietna, biex ma narawx fej' tidħol!"

Ħareġ u mar id-dar, xtaħet[50] ġos-sodda, jibki u jiddispjaċih, għax ma raqhax[51] iżjed u ma jafx fej' daħlet. Il-mamà tiegħow qiegħda maġenbu u tgħidlu: "Xi ġralek, ebni? [*sic*] Għidli x'għandek! M'intix qegħed[52] tiekol?"

Qallha: "Xejn, mamà, ma għandi; għax la[53] għandi ma tneħħihulix."

Qaltlu: "Ebni, se nagħmillek ftit biskuttini; forsi tikolhom."

Qallha: "Kif eogħġbok!"[54]

Niżlet isfel, qiegħda tagħmel il-biskuttini. Daħlet Germuda Żermuda l-kċina. "Ersaq 'el hemm!"[55] Qalt[i]lha: "Mur minn hawn, li ma twaqqagħlix xi xagħra! Hu jitqażżeż tant!"

Hi ħatfetilha biċċa[56] Żermuda Germuda u għamlet erba' biskottini; f'wieħed daħħlet iċ-ċurkett ta[d-]djamant li taqha. [*sic*]

Il-mamà lestiet il-biskuttini, qaltilha: "Ejja, Ċaqlemfusa!"[57] U ġiet. Qaltilha: "Mur! Ħodhomli[58] l-biskuttini l-forn!"

Qaltilha: "Jen għamilt erbgħa!"

Qaltilha: "Dawn mnejn ġibthom?"

Qaltilha: "Sraqtlek biċċa."

"Ara, ma tħallathomx ma' tiegħi, għax, mur ara, kemm huma maħmuġin!"

U ħadithom u marret bihom il-forn. Qaltilha, 'il-furnara: "Tas-sinjura aħraqhomlha u tiegħi agħmilhom sbeħ!"[59] Qaltilha: "Sejra!"

Qabżet il-furnara, qalt[i]lha: "Le! Tmurx! Oqgħo' stenniehom!"[60]

Ħarġethomlha mill-forn: tas-sinjura nħarqu, u ta' Germuda Żermuda ġew sbeħ. U qabdithom u marret bihom.

Is-sinjura qaltilha: "Ej! Kif ħarqethom tiegħi, u tiegħak kemm ġow[61] sbeħ!"

U qaltilha: "Nona,[62] 'tih tiegħi!"

Qaltilha: "Le! Forsi fihom xi xagħra!"

"Le, Nuna, [*sic*] ma fihomx!"

U qaltilha: "Ġibhom! Imm'ma ngħidlux li minn tiegħak!"

U marret bihom ommu. Qaltlu: "Ibni, isa qum! Ara x'għamiltlek! Kemm huma tajbin!"

Ħa wieħed u qasmu w isib iċ-ċurkett ta[d-]djamant fih. "Mamà! Mamà!"

Il-mamà m'nn isfel: "Eh!"

Qaltilha [lil Germuda Żermuda]: "X'waħeda[63] din? Sab xi xagħra!"

Talgħet,[64] qaltlu: "Xi trid, ibni?"

Qallha: "Għidli, dawn il-biskottini min għamilhom?"

Qaltlu: "Jen!"

"Le!"

Qallha: "Mhux tassew li inti! Għidli dil-waqt,[65] min għamelhom!"

Qaltlu: "La tridni ngħidlek, sejra ngħidlek. Għamlithom waħeda [*sic*] tifla, taħdem għandna."[66]

"Mur!" qallha. "Għidilha tiġi!"

Germuda Żermuda kisret ġewża, libset tant sabiħ, saret ġuvna sabiħa u telgħet fu'[67] ħdejh. "Eh!" qallha. "Kif kont se toqtonni[68] bil-għali tiegħak! Ejja 'l hawn! Ħalli ngħannqek u nbusek, għax enti l-għarusa tiegħi!"

Qaltlu: "Rajtx, metta kont imdendla fis-siġra, qiegħda ngħanni, li jen għad nieħu bin is-sultan?"

(*Djalett imħallat*)

## Noti

1 Gérald Genette, *Narrative Discourse: An Essay in method,* trad. J. E. Lewin (Ithaca: Cornell UP, 1980 [1972]).

2 David Hermann, "Introduction: Narratologies," *Narratologies: New Perspectives on Narrative Analysis,* ed. D. Hermann (Columbus: Ohio State UP, 1999) 1-30.

3 Ansgar Nünning, "Narratology or Narratologies? Taking Stock of Recent Developments, Critique, and Modest Proposals for Future Usages of the Term," *What is Narratology. Questions and Answers Regarding the Status of a Theory,* ed. T. Kindt u H. Harald Müller (Berlin u New York: Walter de Gruyter, 2003) 243-244.

4 Għall-istħarriġ tal-varjanti Maltin, ara, Ġorġ Mifsud-Chircop, "The Dress of Stars, of Sea and of Earth (ATU 510B) – An Analysis of the Maltese Cinderella Märchen within the Mediterranean Tradition Area" (Malta, 1981). Fuq dan l-istudju l-folklorista Amerikan Alan Dundes (miet fl-2005) kiteb: "*A brief but technical discussion of the motifs contained in three Maltese texts within the framework*

*found in Rooth's* The Cinderella Cycle." Ara, A. Dundes, ed., *Cinderella. A Case Book* (Londra: The University of Wisconsen Press, 1988) 312.

Għat-taqsira AT li issa saret ATU, ara Ġorġ Mifsud-Chircop, "Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (AT 408)," *Symposia Melitensia* I (2004) 43, nota 1.

5 Ara nota 11 hawn isfel.

6 Ara nota 1 hawn fuq.

7 Ara, Mifsud-Chircop, ed. krit., *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna* (Malta: Publishers Enterprises Group, 1994) 509-510.

8 Meta.

9 Mifsud-Chircop, "Il-Ħrafa Maltija 'Is-Seba' Tronġiet Mewwija' (ATU 408)," 43-58.

10 Kif jgħidu Algirdas J. Greimas u Joseph Courtés, *Semiotics and Language: An Analytical Dictionary*, trad. Ingliża, Larry Crist, Daniel Patte, *et alii* (Bloomington: Indiana University Press, 1983 [1979]) 72, hawn "kuntratt impliċitu u għandu x'jaqsam, fil-livell figurattiv, mad-don tal-kompetenza li tmexxi r-relazzjonijiet bejn il-mandatarju u r-riċevitur ... proċedura tat-transfer tal-kompetenza li waqt li turi liema huma l-modalitajiet involuti (ngħidu aħna, li-tkun-taf-tagħmel jew tkun-kapaċi-tagħmel), tagħti lis-suġġett fil-biċċa ċertu limitu ta' awtonomija għall-eżekuzzjoni." (Fl-oriġinal: *"an implicit contract and is related, on the figurative level, to the gift of competence which governs the relations between sender and receiver ... a procedure of transfer of competence which while specifying the modalities involved (knowing- or being-able-to-do, for instance), confers on the subject concerned a certain margin of autonomy for the performance."*)

11 Il-kelmiet "Germuda Żermuda" jew aktar 'il quddiem fil-ħrafa "Żermuda Germuda," imnisslin mill-verb "germed," li, kif intqal fil-ħrafa miġbura minn Hans Stumme stess "Il-Għasfur le Jgħanni u Jnaqqas Sena mill-Għomor," *Maltesische Studien: eine sammlung prosaischer und poetischer Texte in Maltesischer Sprache* (Leipzig: J. C. Hinrichs'sche Buchhandlung, 1904) (n. 12), imdellek u/jew imċappas bil-faħam, bil-ħmieġ, bin-nugrufum, u fil-każ ta' din il-ħrafa, imġemmda bil-ġmied u l-ħmieġ tal-kċina, u mill-kelma li tirrima magħha "Żermuda". Miż-żewġ lessikografi ewlenin Serracino-Inglott biss, *Il-Miklem Malti*, vol. 3 (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1976) 92, isemmi l-ewwel kelma minn isem l-eroina ta' din il-ħrafa fix-xogħol tiegħu. Imma Stumme, kien ilu 'l fuq minn sebgħin sena li fisser sewwa li isimha huwa vvintat u li t-tieni waħda miż-żewġ kelmiet qiegħda biex tirrima magħha: "mgèrmet: gèrmed ... *'schwarz- od. Russigmachen'. Hiervon denn auch der Phantasiename* Germuda-Zermuda (Z[ermuda] *ist die Reimform zu* G[ermuda])."

"Ċiklemfusa" huwa laqam ieħor tal-istess eroina u li Stumme, *Maltesische Studien* 116, jipprova jissuġġerixxi n-nisel tiegħu. Il-laqam jidher f'varjanti oħra tal-ħrafa. Ara, Mifsud-Chircop, *Type Index of the Maltese Folktale in the Mediterranean Tradition Area*, Malta, teżi tal-M.A. (l-Università ta' Malta, 1978) 143-148, "The

Dress of Stars, of Sea and of Earth (AT 510B)" 48-55, *Ċiklemfusa* (Malta: Gulf Ltd, 1982), *Ġaħan u Ħrejjef Oħra* (Malta: Publishers Enterprises Group, 1992) 95-115, u *Manwel Magri. Ħrejjef Missirijietna* 509-510.

12 Mifsud-Chircop, "The Dress of Stars, of Sea and of Earth (ATU 510B)" 53: "*Heroine and prince meet obviously at the ball in the European tradition, reflecting the European custom of the free social intercourse of both sexes. The ball constitutes the central motif of the folktale .... The threefold repetition of the heroine's visits supplies the epic dimensions of the theme.*"

13 Eleazar Meletinsky, "Problem of the Historical Morphology of the Folktale," trad. Monique Layton, Eleazar Meletinsky *et alii*, *Soviet Structural Folkloristics*, ed. Pierre Maranda, 1 (The Hague-Paris: Mouton, 1974) 57: "*[it] is extremely characteristic of fairytales that ... [i]t ends in the acquisition of a protector or magic means insuring his success in the basic test.*"

14 Ara, Mifsud-Chircop, "The Dress of Stars, of Sea and of Earth (ATU 510B)" 52.

15 Ara, Mifsud-Chircop, *Il-Folklor Malti – I*, Kullana Kulturali 56 (Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2003) 92-95.

16 Bosta jemmnu li t-tnissil tat-tfal aktar hemm ċans li jirnexxi meta l-att sesswali jsir billejl f'qamar sħiħ. Ara wkoll dawn il-proverbji bit-tifsir kuntestwali kif smajtu jien fir-riċerka tiegħi: "Il-qamar jimla meta l-qalb tkun ħimla" (għax il-qamar sħiħ iħeġġeġ il-passjoni tal-imħabba); "Il-qamar jekk tfittxu jfittxek; jekk ma tfittxux ma jfittxekx" (il-qamar iqanqal l-aptit sesswali tal-mara, imma jekk toqgħod moħħha f'affarijiet oħra ma jagħmel xejn fuqha l-qamar); u "Il-qamar mimli imma le jsellimli" (f'dan hawn il-kuntrast bejn il-qamar sħiħ u t-tnissil li ma jsirx).

17 F'Malta u Għawdex hi ħaġa magħrufa li l-"ġewża/iet", il-"ġellewż/a", il-"lewża/iet", u l-"qastna/iet" (f'varjanti oħra tal-istess ħrafa) għandhom ħafna konnotazzjonijiet sesswali għall-fertilità daqskemm u l-aktar għall-partijiet sesswali tar-raġel (*lit.* "bajd," iffigurattivati fi "msielet"). Dawn il-proverbji bit-tifsir kuntestwali mir-riċerka tiegħi joqogħdu tajjeb f'dan il-kuntest: "Il-bews bħal-lewż/bħall-ġellewż", għax bħal meta jiekol il-lewż/il-ġellewż, wieħed ikun irid aktar, l-istess meta wieħed ibus 'il xi ħadd darba jkun irid ibusu aktar; "In-nejja reġgħet ġiet, u l-fawwara għoddha mtliet" (*lit.* il-qastan nej reġa' qiegħed għall-bejgħ u r-rebbiegħa kważi fl-aqwa tagħha), jiġifieri sakemm il-qastan jerġa' jinbiegħ (figurattivament, ir-raġel jilħaq l-età tiegħu tal-maturità sesswali), l-istaġun tax-xita (fig. in-namur) ikun ġa beda; u "Meta l-bajd isir imsielet, rasu għan-namur tkun mielet", jiġifieri, fil-pubertà ż-żagħżugħ jibda jħoss il-ġibda għas-sess l-ieħor.

18 Il-varjanti letterarja tiegħi ppubblikata għall-ewwel darba fl-1981 reġgħet inħarġet għal kemm-il darba u nbiegħet bl-eluf – dan rekord f'pajjiżna fejn għandhom x'jaqsmu l-kotba tat-tfal.

19 Bengt Holbek, "The Many Abodes of Fata Morgana or the Quest for Meaning in Fairytales," *Plenary Papers. The 8th Congress for the International Society for Folk Narrative Research*, Bergen, June 12th-17th 1984, ed. Reimund Kvideland and Torunn Selberg (Bergen, 1984) 13.

20 Ara, N. Belmont, "Texture mythique du conte merveilleux," *Da spazi e tempi lontani* (Napli: Guida Editori, 1991) 167-168. Ara wkoll, Linda Dégh, *Narratives in Society: A Performer-Centred Study of Narration* (Ħelsinki, FFC, 1995) 66-67.

21 Meletinsky, *et alii*, "Problems of the Structural Analysis of Fairytales," *Soviet Structural Folkloristics*, ed. P. Maranda 75.

22 Din il-perspettiva Maltija ma toqgħodx mad-definizzjoni ċara li Aili Nenola-Kallio tagħmel tal-karattri nisa fil-ħrejjef, speċjalment fejn "anki fil-parti tal-eroina l-mara trid tkun irrappreżentata li mhix kapaċi biex teħles lilha nfisha": "Il-karattri nisa fil-ħrejjef jirriflettu sewwa l-partijiet tan-nisa fis-soċjetà tal-antik: jekk inti żagħżugħa, inti tkun l-*ieħor*, il-vittma, ikkaratterizzata bil-ġmiel, it-tjubija, il-passività, is-sabar, u kultant ikollok xi ftit tal-intelliġenza. Jekk tkun xiħa biżżejjed, tista' tkun attiva, taħdem għall-interessi tiegħek, imma jaħasra, l-interessi tiegħek ikunu dejjem ftit jew wisq negattivi mill-perspettiva tal-kuntentizza tal-oħrajn, tal-komunità żgħira, il-familja, ir-raħal, u l-aktar ikunu diżastrużi mill-perspettiva tal-eroina sabiħa u żagħżugħa." (Fl-oriġinal: *"... even in a hero's role a woman must be represented as not competent to save herself": "... [T]he female dramatis personae in folktales reflect the roles of women in old society very nicely: if you are young, you are* the other, *the victim, characterised by beauty, virtue, passiveness, patience, sometimes you are allowed a little cleverness. Only if you are old enough may you be active, pursue your own interests, but, alas, your interests are always more or less negative from the point of view of the happiness of others, of the little community, family, village, and in particular they are disastrous from the point of view of the young and beautiful heroine."*) Ara, A. Nenola-Kallio, "Feminine Identity and Collective Representations," *Plenary Papers. The 8th Congress for the International Society for Folk-Narrative Research*, Bergen, June 12-17 1984, 68, 65-66 (l-enfasi fl-oriġinal).

23 Ara, Mifsud-Chircop, *Type-Index of the Maltese Folktale* 33-41.

24 Mifsud-Chircop, *Type-Index of the Maltese Folktale* 68-74.

25 Minn H. Stumme, *Maltesische Studien: eine sammlung prosaischer und poetischer Texte in Maltesischer Sprache* (Leipzig, 1904) 33-35. Miġbura mingħand seftura ta' bla skola ta' erbgħin sena li ddur ma' Malta u Għawdex (x'aktarx minħabba x-xogħol tagħha). Tirrakkontahielu bid-"djalett imħallat" *(Mischdialekt)*, billi, kif jiddefiniha hu, p. 2, mhix marbuta ma' djalett lokali wieħed imma b'lingwaġġ li jużaw in-nies li jkunu ġejjin mill-kampanja u li jitilgħu għax-xogħol il-Belt.

Fit-traskrizzjoni tat-test żammejt kemm stajt mas-sistema ta' Stumme.

26 jgħasses, jara b'għajnejh x'inhu jiġri, joqgħod għassa.

27 tieħu.

28 U, mur!

29 meta jqum is-sultan. Minn hawn 'il quddiem in-narratriċi tinsa li hu prinċep u ssejjaħlu "sultan," għalkemm Germuda Żermuda ssemmi 'l bin is-sultan u hu wkoll jgħidilha hekk lil ommu!

30 jgħidilha.

31 Sejjer.

32 Ma jimportanix!

33 minn lewn.

34 Meta raha.

35 Fl-oriġinal "ħadittu".

36 jgħajjat.

37 xeħtitilhom żewġ boroż.

38 tiġbru l-flus.

39 Ġie.

40 dieħla.

41 tahulha.

42 Xħin.

43 x'għamlitilna.

44 xebba.

45 sebgħi.

46 xħin raha.

47 Fl-oriġinal miktubin "a ħaditha." Jista' jkun żball tan-narratriċi.

48 Fl-oriġinal, "eogħġbok".

49 jgħattu wiċċhom. Il-kelma "fuq" tidher li hija żejda, imma jista' jkun li n-narratriċi qalet "jgħattu u jagħtu fuq wiċċhom" u dan joqgħod ħafna mal-iżvilupp tan-narrattiva s'issa.

50 xteħet.

51 ma rahiex.

52 qiegħed.

53 li.

54 jogħġbok.

55 'il hemm.

56 mit-taħlita tal-biskottini.

57 Dan il-laqam ta' Germuda Żermuda jidher f'varjanti oħra tal-ħrafa.

58 Ħudhomli.

59 sbieħ.

60 Oqgħod stenniehom.

61 ġew.

62 "Nona/Nuna" li hija l-kelma tat-tfal meta kienu jkellmu b'sens ta' rispett lil xi barrani, jew xiħ, jew qassis, jew sinjur.

63 x'waħda.

64 Telgħet.

65 dan il-waqt, dan il-mument, issa.

66 magħna, f'dan il-post.

67 fuq.

68 toqtolni.

# Il-Malti fil-gazzetti tal-Maltin tal-Eġittu u Tuneż

Joseph Vella

Mhuwiex żgħir l-għadd ta' ġurnali maħruġa matul iż-żminijiet mill-emigranti Maltin f'pajjiżi differenti, u joktor kemm-il darba jingħaddu magħhom il-gazzetti stampati f'Malta intiżi għall-Maltin li jgħammru 'l hemm minn xtut art twelidhom.[1]

Hawnhekk sejra tingħata titwila lejn l-artikli jew ittri dwar l-ilsien Malti li nġiebu fil-gazzetti tal-emigranti Maltin fl-Eġittu u Tuneż biss, fuq medda ta' madwar sebgħin sena.[2] U minħabba l-għadd ġmielu ta' dawn it-tip ta' kontribuzzjonijiet ġurnalistiċi u t-tul relattivament qasir ta' din il-ktiba, l-enfasi se tkun fuq dawk l-aktar rappreżentattivi u rivelattivi fosthom b'risq l-ilsien Malti.

Ta' min isemmi li l-għadd ta' emigranti Maltin imferrxa ma' xtut il-Mediterran ma kienx wieħed kostanti, imma daqqa jiżdied, u daqqa jonqos. Iżda jekk inħarsu, ngħidu aħna, lejn tmiem is-seklu dsatax, insibu li kien hemm aktar minn 50,000 Malti u Maltija mferrxin madwar xtut il-Mediterran. Allura l-ħsieb ta' ħruġ ta' ġurnali u gazzetti li jilħqu lil għadd ġmielu ta' qarrejja b'interessi pjuttost komuni, inkella mqar kuntrastanti, kien jagħmel sens tassew. Fl-Alġerija, Tuneż, Tripli u l-Eġittu, dak iż-żmien kont issib il-kolonji l-aktar importanti ta' emigranti Maltin, iżda kien hemm ukoll komunitajiet imdaqqsa oħra fi Żmirna, Kostantinopli, Ġibiltà, Sqallija u l-Gżejjer Joniċi. Xi tentattivi biex il-Maltin jgħammru fl-Indji tal-Punent kienu fallew u ftit Maltin biss waslu sal-Amerka ta' Fuq u l-Awstralja.[3]

Il-gazzetti analizzati jħaddnu l-ilħna ta' Maltin li għalkemm bogħod minn art twelidhom, baqgħu jħossu ġibda lejha u lejn ilsienha. U skont uħud

minnhom stess, propju minħabba f'hekk, tqanqlu polemiċi fosthom li wasslu għal bosta sagrifiċċji.

L-użu frekwenti ta' ismijiet tal-pinna aktarx jixhed biża' minn atti retributorji. Dan il-fattur ixejjen l-identifikazzjoni ta' għadd ġmielu ta' kontributuri fil-ġurnali, li kienu ħerqana fl-interess tagħhom fl-ilsien Malti u li fis-sew ma jixirqilhomx jintilfu fl-anonimità.

Din il-ktiba se żżomm qrib kemm jista' jkun tax-xogħlijiet ġurnalistiċi tal-emigranti l-aktar biex jintwera l-fil patrijottiku u tinħass il-ħeġġa li kellhom dawn il-Maltin lejn ilsienhom nattiv; u biex kemm jista' jkun tiġi evokata l-espressjoni mqanqla tagħhom.

Siltiet li jixhdu li l-fehmiet dwar il-Malti kienu jiddiverġu qegħdin jinġiebu wkoll għal stampa kemm jista' jkun komprensiva tal-qagħda li kienu fiha l-emigranti Maltin, b'mod speċjali fi żmien il-Kwistjoni tal-Lingwa f'Malta, kwistjoni li fi żmienha skoppjat ukoll fost il-Maltin emigranti msemmija.[4]

Ħarsa lejn il-ġurnali analizzati tikxef il-fatt illi ma kinux ftit il-Maltin li baqgħu jitkellmu l-Malti u li ssieħbu f'għaqdiet u soċjetajiet li l-għan tagħhom kien li jippreservaw il-Malti fosthom.

Xi wħud mill-kwotazzjonijiet qegħdin jitħallew bl-ortografija oriġinali u arbitrarja tagħhom biex jagħtu ħjiel tat-tip ta' kitba li tidher fil-gazzetti analizzati, b'mod speċjali dawk bikrija.

### L-Attitudnijiet favur u kontra l-Ilsien Malti

Fil-gazzetti tal-Maltin emigranti tal-Eġittu nsibu bosta kitbiet li jixhdu attitudni favorevoli lejn l-użanzi u d-drawwiet Maltin, l-Istorja ta' Malta, l-Ilsien Malti u t-tixrid tal-kitba Maltija. Kien hemm saħansitra proposti għall-ħolqien ta' Għaqdiet jew Soċjetajiet b'risq il-patrimonju Malti.

Mill-banda l-oħra, ma jonqsux dawk l-elementi b'attitudni kuntrarja, ta' diżinteress u indifferenza, li kienu jistħu li huma Maltin u li saħansitra xi drabi jixhdu ostilità.

### Id-Diżinteress u l-Indifferenza lejn dak li hu Malti

Jidher li xi emigranti Maltin ma kinux jitkellmu bil-Malti minħabba li l-ġenituri tagħhom ma għaddewhulhomx, filwaqt li oħrajn kienu ċaħduh minn jeddhom.

*Malti ta' Malta* f'artiklu bl-isem "Il-Maltin ta' Barra" jammetti li ħaġa li sewditlu qalbu meta ltaqa' mal-Maltin tal-Eġittu kienet li għadd kbir fosthom kellmuh bi lsien ieħor: min għax ma kienx jaf ilsien art twelidu u min għax ried jitkessaħ. *Malti ta' Malta* jistqarr li qabel telaq lejn l-Eġittu qalulu li hemm kien se jħossu qisu Malta iżda dan ma seħħx għalkollox għal din ir-raġuni.[5]

## Jistħu li huma Maltin

Jidher li ċerti Maltin għal xi raġuni jew oħra ġieli ħassew ruħhom inferjuri fost persuni ta' nazzjonalità differenti. Mill-banda l-oħra, emigranti Maltin oħra ħassew id-dmir li jikkritikaw u jippruvaw jikkoreġu lil dawn il-Maltin ħuthom, u faħħru l-patrimonju Malti bi tpattija għan-nuqqasijiet tal-oħrajn.

Fl-1897 ġewwa l-Kajr ġiet stampata bi prova gazzetta bl-isem *Eġittu, Ġurnal Malti-Eġizzjan*. Dan il-ġurnal ma jidhirx li kompla jiġi stampat, iżda fl-editorjal imsejjaħ "Maltin" jintqal li wara li Malta kienet magħrufa mad-dinja kollha fi żminijiet meta niesha kienu nieqsa minn għadd ta' ħwejjeġ li kull pajjiż ċivilizzat kien ikollu, issa li Malta kienet kisbet ħafna libertà u drittijiet, il-Maltin kienu qegħdin "jistħu u kważi donnhom jibżgħu jgħidu li huma Maltin." Dan kien qiegħed iwassal biex il-Maltin jitqiesu bħala "nies injuranti u boloh, u nies li mhuma kapaċi għal xejn" u allura ma jingħatawx impjiegi.[6]

Minkejja li, kif jidher, uħud mill-Maltin ħassew li kienu inqas minn ħaddieħor, dawk li kienu jħeġġu lill-emigranti Maltin ħuthom biex iżommu l-identità tagħhom u jkunu kburin biha ma naqsux. Suġġerimenti biex il-Maltin jagħmlu ħwejjeġ li rnexxielhom jagħmlu pajjiżi akbar minn Malta dehru fil-gazzetti Maltin tal-Eġittu ripetutament. Kien hemm min saħansitra sostna li mhux talli l-Malti qatt m'għandu jistħi minn nazzjonijiet oħra għax f'xejn mhu anqas minnhom, iżda li fil-lingwa huwa aktarx superjuri għal ħaddieħor.

Fredu Nicholas, li għal ħafna żmien kiteb bl-isem tal-pinna *Seneca*, jgħid li kellu x-xorti jżur bosta pajjiżi oħra barra mill-Eġittu, "pajjiżi li fihom il-Maltin huma kkunsidrati l-aktar onesti u ħaddiema fost kolonji oħra." *Seneca* jistqarr ukoll li Malti għandu jkellem Malti ieħor bil-Malti għax jekk ma jkunx jaf jagħmel dan, iħossu jistħi.

F'korrispondenza oħra tiegħu intitolata "Il-Lingwa Maltija", *Seneca* jirringrazzja lil dawk li kienu jifhmuha bħalu u kienu jgħinuh rigward l-ilsien Malti. Huwa jgħid li ma kien imissu hemm l-ebda argument għala wieħed kellu

ma jxandarx ilsien pajjiżu. Jgħid li ġieli sema' barranin jgħidu: "Għaliex il-Maltin ma jitħaddtux bejniethom bil-Malti, mela jistħu juru li huma Maltin?"[7]

Dan il-kumment juri li l-fenomenu li xi Maltin jevitaw li jużaw ilsienhom kien jiġi nnutat saħansitra mill-barranin li kienu jgħammru qribhom u dawn kienu jqisu din l-imġiba tal-Maltin bħala xhieda li dawn jistħu juru min huma.

## L-Antinazzjonaliżmu

Skont ma jinkiteb fil-gazzetti analizzati, kienu jeżistu każijiet fejn xi Maltin kienu saħansitra jbaxxu lill-Maltin bħalhom biex jingħoġbu mal-barranin. B'hekk, kif jidher mis-silta li ġejja, ġieli ġara li l-emigranti mill-klassi tal-ħaddiema ġew imxekkla minkejja l-onestà tagħhom.

Fl-editorjal imsejjaħ "Maltin", li deher fl-*Eġittu, Ġurnal Malti-Eġizzjan*, jingħad li l-emigranti Maltin stabbiliti kienu jimpjegaw ħaddiema barranin u jixtru mingħand negozjanti barranin ukoll. Dan kollu bi ħsara għall-ħaddiem emigrant Malti. Fil-fatt, l-Editur itemm l-artiklu billi jgħid li l-ġurnal kellu l-għan li jiġbed is-simpatija favur it-tneħħija ta' problemi u diffikultajiet bħal dawn.[8]

Kontribut ta' Fredu Nicholas bl-isem "L-Ilsien Malti", jappella lill-Maltin biex iżommu lsienhom u jxerrduh bejniethom u fost il-barranin, biex jgħallmuh 'l uliedhom, u biex isaħħuh. Isemmi li fl-imgħoddi l-bruda ta' wħud li kienu jbaxxu l-Malti kienet se twassal biex l-ilsien nazzjonali jintemm. Nicholas jistaqsi jekk kienx b'ħażen, egoiżmu jew injoranza li seħħ dan; u jkompli:

> Kien li kien aħna Maltin ta' Barra ftit jew xejn ma konna nsibu min iqawwilna qalbna biex nistmaw l-ilsien nazzjonali, anzi, f'kull okkażjoni konna naqraw fil-ġurnali ta' Malta li dan mhux ħlief djalett inutli u li lsienna kien ieħor li mhux magħruf minn disgħa u disgħin fil-mija tal-poplu Malti![9]

"L-Ilsien Malti u l-Ġens Malti" huwa kontribut ta' Ivo Muscat Azzopardi li fih jagħti eżempji tal-patrimonju Malti, fosthom l-Ilsien Malti. Huwa jgħid li l-Malti ġie mżeblaħ, "mhux għax kien jistħoqqlu imma biss għax jappartjeni lil ġens ċkejken fl-għadd." Huwa jżid li "kull ilsien fid-dinja trabba u ddakkar minn xi ilsna oħra" u li:

> Kull ilsien huwa magħdur u jista' bla biża' ta' xejn jissellef u jixtri mingħand ta' maġenbu, imma malli l-Malti jieħu xi kelma mingħand ħaddieħor, ukoll jekk dan il-ħaddieħor ikun ħadha bil-moħbi mingħandna stess (p.e. il-kelma

*tarzna* tidher ġejja mill-kelma Taljana *darsena* meħuda minn *dar is-sengħa*), l-għedewwa jduru għalina qatta bla ħabel.

Muscat Azzopardi jżid li lil dawn l-għedewwa kien biżżejjed li wieħed ifakkarhom li Malta għaddiet minn taħt bosta ħakkiema setgħana u li ħadd minnhom ma rnexxielu jeqred l-ilsien Malti.[10]

Artiklu bl-isem "Il-Gżira ta' Malta, l-Ilsien Malti u l-Maltin tal-Eġittu" jappella biex l-emigranti Maltin, speċjalment iż-żgħażagħ, ma jinsewx lil Malta u l-kultura tagħha u biex il-ġenituri jkellmu 'l uliedhom bil-Malti u mhux bil-Franċiż jew bit-Taljan.[11]

L-artiklu jsemmi li f'Malta l-Gvern ħaseb li kien ta' bżonn kbir li jdaħħal l-ilsien Malti fl-iskejjel tal-Gvern, fil-Qrati u Amministrazzjonijiet oħra bħala lsien uffiċjali u li bosta nies magħrufa Maltin ħadu l-interess li jirranġaw tagħlim fuq il-kitba Maltija għaliex inħass il-bżonn għat-tagħlim tat-tfal u ż-żgħażagħ. L-artiklu jintemm billi jħeġġeġ liż-żgħażagħ emigranti Maltin biex jixtru kotba bil-Malti u jagħrfu l-istorja ta' dan l-ilsien biex ma jibqax magħruf mill-barranin u minsi mill-Maltin.

Jidher li s-sentiment 'antinazzjonali' kien xi ħaġa li kienet tagħti ġewwa lil dawk li kellhom għal qalbhom il-patrimonju Malti. Dan jixhdu l-fatt li f'*Il-Ħabbar Malti* (qabel il-*Bullettin tal-Komunità tal-Kajr*) inġiebet poeżija ta' Ġużè Chetcuti bl-isem "Dmirek":

Dmirek li tħobb lil Malta, art twelidek,
għax minnha taf ir-ruħ li twaħħdet miegħek,
Imma kif tista' tħobbha meta lsienha
Int ċħadt u bdilt ma' lsien li mhuwiex tiegħek?[12]

## L-Indifferenza għall-Ilsien tat-Twelid

Kien hemm emigranti Maltin li kienu indifferenti għan-nazzjonalità nattiva tagħhom u li b'hekk ċaħdu lsien art twelidhom. F'artiklu intitolat "Il-Lingwa Maltija", *Seneca* jsemmi li kien hemm "mikrobu" fost l-emigranti Maltin tal-Eġittu u jkompli:

Dan il-mikrobu huwa "n-nuqqas tal-lingwa Maltija fil-Kolonja tagħna". Bin-nuqqas tal-lingwa Maltija rrid infisser dawk il-Maltin (u n-numru tagħhom

mhux żgħir) li ma jafux, jew biex ngħid aħjar, ma jridux jitħaddtu bil-Malti, bi lsien ta' missirijiethom, bi lsien li għamilhom nies liberi, bi lsien li għamilhom Nazzjon![13]

## Il-Malti Mwarrab bħala Djalett bla Siwi

Bħalma ġieli ġara matul iż-żminijiet fl-Istorja ta' Malta, anke fost l-emigranti Maltin kien hemm min ħares b'mod negattiv lejn il-wirt Malti u l-istess xorti messet ukoll lill-ilsien Malti. Il-Malti ġieli ġie meqjus bħala djalett ta' lsien akbar minnu (l-Għarbi) u mhux bħala lsien integru bil-kwalitajiet u l-karatteristiċi neċessarji li jagħmluh ilsien għalih. Mill-banda l-oħra kien hemm min għaraf u saħaq li l-Malti seta' jitqies bħala lsien għalih.

L-argumenti kontra dak li hu Malti u kontra l-ilsien Malti kienu jvarjaw. Xi ħadd bl-isem tal-pinna *Xammiena* jikteb artiklu msejjaħ "Kerha Daqsxejn", fejn isemmi li wħud mhux talli ma kinux jafu jaqraw bil-Malti iżda lanqas riedu jitgħallmuh għax qalu li kien djalett u ma jservi għal xejn. Jgħid li messhom jistħu jagħmlu dan għax Malta kienet bħal pajjiżi oħra u kellha wkoll il-bandiera tagħha "mingħajr tebgħa."[14]

*A.N.* jikkontribwixxi artiklu bl-isem "Lingwa jew Djalett?" fejn jgħid li kien favur il-"Lingwa Mista" u mhux tal-fehma li jitneħħa kliem Latin mill-Malti u jiddaħħal kliem Semitiku biex il-Malti jkun "safi". *A.N.* jgħid li dan kien ikun ta' ħsara għall-progress għax il-Malti bil-Latin fi ħdanu kien iservi ta' muftieħ għat-tagħlim ta' ilsna oħra, u jkun immodernizzat. Iżid ukoll li l-lingwi kienu lkoll frak u fdal ta' ilsna oħra eqdem minnhom, u li tħalltu ma' xulxin. Għalhekk isostni li kien "delitt" li wieħed isejjaħ ċerti ilsna "djaletti" għax allura l-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż u l-Ispanjol isiru djaletti tal-ilsna li minnhom tnisslu.[15]

Din il-kitba ta' *A.N.* turi li dan mhux talli kien interessat fl-ilsien Malti, iżda wkoll infurmat tajjeb dwar x'inhi lingwa u x'inhu djalett, kif ukoll kif wieħed għandu jħares lejn l-iżviluppi li jseħħu fi lsien. Hawn jidhru ideat progressivi għaż-żmien li fih kien qiegħed jinkiteb dan l-artiklu, żmien li fih bosta Maltin kienu favur il-Puriżmu u l-'Malti safi'.

*A.N.* jgħid ukoll li t-tifsira ta' djalett skont id-dizzjunarju tgħid li dan huwa "[*a*] *peculiar or local form of speech*." Huwa jikkonkludi illi "kieku l-Malti kien djalett, kieku l-Maltin tad-dinja kollha kienu jitkellmuh l-istess". Jgħid li l-'*peculiar*', jew '*local form of speech*', ma nistgħux niġġeneralizzawha

għal-lingwa Maltija kollha, iżda nistgħu nispeċifikawha għal ċerti distretti ta' Malta u xi ftit għall-Maltin ta' barra. Imbagħad jgħaddi biex isemmi lokalitajiet f'Malta fejn jinsabu djaletti li jvarjaw wieħed mill-ieħor. *A.N.* jikkonkludi li:

> Il-Maltin għandhom lingwa ġenerali u li minn din joħorġu bosta djaletti; dan għandna nsibuh fil-lingwi kollha, iżda billi aħna ma addattajniex u ma żviluppajniex wieħed minn dawn id-djaletti u ħtarnieh bħala lingwa miktuba tal-Maltin bqajna (jew xi wħud baqgħu) tal-fehma li aħna nitkellmu bi djalett magħmul mill-kbar ilsna ta' wlied Sem u Lazio, fil-ħin li jien ninsisti li tagħna hija lingwa li xorbot minn dawn iż-żewġ għejun tant għonja fix-xjenza lingwistika u kieku rridu, bi studju serju, nagħmluha lingwa li bl-akbar ħeffa tagħti letteratura sabiħa.

Imbagħad iġib silta miktuba b'diversi lingwi, fosthom il-Malti wkoll, biex juri x-xebh li jeżisti bejniethom u li allura l-Malti kien lingwa bħalhom u mhux djalett.

L-istess artiklu jsemmi li minkejja li l-ilsien Malti sab lil min ried jeqirdu, kien hemm bosta oħrajn li kienu ħbiebu u li ħadmu favuru, fosthom il-Kanonku Agius Sultana, Annibale Preca, Ant. Emm. Caruana, il-Prof. Napuljun Tagliaferro, Patri Manwel Magri S.J. u l-Kav. Muscat Azzopardi. Imbagħad jagħlaq b'appell għall-għajnuna biex il-Malti jinġieb 'il quddiem, appell li jafferma li kien ċert li se jintlaqa'.

## Il-Malti Mistkerrah għax Qarib l-Għarbi

Jidher li xi Maltin emigranti kienu jistħu jużaw il-Malti minħabba l-qrubija tiegħu lejn l-Għarbi.

"Ma Ndaħħkux Nies Bina" huwa artiklu miktub minn xi ħadd bl-isem tal-pinna *Mannarinu*, fejn jgħid li ma setax jifhem għala wħud jistħu jużaw il-Malti filwaqt li oħrajn jgħidu: "Il-Malti jixbah lill-Għarbi" u oħrajn: "Il-Malti lingwa pastaża!!" Dawn *Mannarinu* jsejħilhom "bluhat" u jgħid li lil min jgħid kliem bħal dan ma jqisux Malti. Iżid li kien unur li l-Malti jixbah lill-Għarbi li hu jsejjaħlu: "l-isbaħ u l-ogħna (l-iżjed rikk) ilsien tad-dinja" u li "meta naraw li l-Malti jixbah lill-Għarbi, imissna nitkabbru, għaliex ħafna għorrief, Franċiżi, Ingliżi, Ġermaniżi, Taljani, eċċ. jistqarru li l-ilsien Għarbi hu wieħed mill-isbaħ." Imbagħad jikkwota lil Savary biex isaħħaħ kliemu. *Mannarinu* jgħid ukoll li min ikun pastaż, pastaż jibqa', irrispettivament mill-ilsien li juża.[16]

Minn dan it-tip ta' diskors jidher li fil-kolonja Maltija kien hemm min ħass li għandu jiddefendi wkoll lill-ilsien Għarbi minħabba li l-Malti tnissel minnu. Hawnhekk jinħass illi l-Malti kien jitqies bħala lingwa baxxa għax ġej mill-Għarbi u li dan tal-aħħar kien assoċjat ma' kultura inferjuri. Għalhekk jidher li kien hemm ċertu 'snobiżmu' fost il-Maltin.

Għal xi Maltin, jidher li l-qrubija bejn il-Malti u l-Għarbi kienet realtà skomda għax kienu jħossu li b'xi mod tikkontradixxi s-sentimenti Kattoliċi u Ewropej tal-komunità Maltija. Hekk hi l-fehma ta' Geoffrey Hull:

> *Chi conosce la mentalità coloniale dei franco-maltesi non può fare a meno di constatare nel fenomeno una reazione psicologica contro una realtà che doveva imbarazzare profondamente una comunità fieramente cattolica e occidentale, e cioè l'evidente somiglianza della loro parlata nativa all'arabo. Riconoscere nonchè praticare la tradizionale semiticità linguistica era equivalente dunque per tanti a un avvicinamento spirituale alla maggioranza musulmana con cui sentivano di condividere nient'altro che la convivenza.*[17]

## L-Attitudnijiet favur il-Malti

Bil-maqlub ta' dawk li kienu jistħu juru li huma Maltin, u kontra dawk li kienu jiċħdu l-identità tagħhom, kien hemm dawk li mhux biss kienu jsostnu li kienu Maltin, iżda kienu kburin b'dan. Dawn fittxew il-mezzi biex dak li kienu jħossu jesprimuh u jwassluh lil ħaddieħor, sabiex idakkruh ħalli jħoss bħalhom. Jidher li dawn kienu jħossu li fit-twettiq ta' dawn l-għemejjel, kienu qegħdin jaqdu dmirhom u jżommu l-lealtà tagħhom lejn il-patrija.

L-ilsien Malti bosta kienu jqisuh indispensabbli bħala l-element distintiv ewlieni tal-identità tal-emigranti Maltin. Fil-fatt min ma riedx juri li kien Malti ma kienx jitkellmu. Għaldaqstant, il-lingwa jidher li kienet titqies il-mera tan-nazzjonalità fost l-emigranti.

Għadd kbir ferm ta' artikli juru dan il-kunċett rigward l-ilsien Malti. Ċertu S. Stephen Farrugya jikkontribwixxi artiklu bl-isem "Il-Lingwa Maltija" u fih isemmi u jikkwota barranin li faħħru l-ilsien Malti matul l-Istorja fosthom lil Louis Boisgelin, Kavallier ta' Malta, lil James [*sic*] Hookham Frere u lil Frederick W. Ryan.[18]

Xi ħadd bl-isem tal-pinna *Yes* jikteb ittra intitolata "Nazzjonaliżmu Lingwistiku" fejn isemmi li l-Gvern Faxxista ġewwa l-Italja kien jimmulta ċerta somma ta' flus lil min juża kliem mhux ta' nisel Taljan fuq tabelli pubbliċi. Huwa jissuġġerixxi illi s-soċjetajiet tal-Komunità tal-Kajr u oħrajn jagħmlu l-istess billi jimmultaw lil min ma jużax il-Malti fil-laqgħat tal-Maltin. B'hekk, skont *Yes*, kien jintwera l-interess tal-Maltin fi lsienhom u fl-istess ħin jinġabru l-fondi.[19]

Ittra minn ċertu Giuseppe Vella, bl-indirizz: "6, Sda. Conservatorio, Cospicua – Malta", inġiebet taħt it-titlu "Il-Malti". Fiha Vella faħħar lil Alfons Maria Galea li xerred minn butu għadd ta' kotba fejjieda bl-isem *Il-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* u lil Ġużè Muscat Azzopardi. Huwa semma wkoll għadd ta' Maltin li ma stħawx jiktbu bil-Malti u nies barranin li interessaw ruħhom jitgħallmuh. Fost dawn isemmi lill-Kardinal Mezzofonte, lill-Kanonku Amato, lill-Kardinal Wiseman u lill-Kardinal Howard.[20]

Alfred Nicholas isemmi li l-Gvern kellu tgħinu lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti permezz tal-grammatka u l-ortografija tagħha. Isemmi wkoll li din l-Għaqda "tagħmel minn kollox biex tgħolli lsien in-Nazzjon: fiha huma mdaħħlin l-aħjar kittieba ta' Malta u dan l-aħħar, saħansitra, ħadet sehem fil-Kungress tal-Orjentalisti li sar f'Oxford fejn inqrat karta magħmula apposta biex tfisser x'inhu l-ilsien Malti."[21]

F'Diċembru tal-1928 bdiet tidher sensiela ta' artikli bl-isem "Għaliex Għandna Nħobbu l-Ilsien Malti" li fihom intweriet it-tama li jitfassal Alfabett li jwassal għall-uniformità fil-kitba; intwera s-sodisfazzjon bix-xogħol tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u l-kotba dejjem jiżdiedu bil-Malti; ingħatat l-istorja ta' nisel il-Malti fid-dettall kif ukoll turija li mingħajr ilsienha, Malta ma kinitx tkun ġens għaliha.[22]

Artiklu bl-isem "Id-Dmirijiet ta' Ħbieb l-Ilsien Malti" juri l-għanijiet ta' Għaqda li kellha titwaqqaf u ġġib l-istess isem. Min kien jidħol membru kellu jippromwovi ġmiel Malta u l-Istorja tagħha, u jgħin biex jitwaqqaf Kumitat żgħir għat-tixrid tal-Malti kull fejn kien hemm il-Maltin (kumitat li kellu jkun magħqud mal-"Kumitat il-Kbir" li kellu jkun ibbażat f'Malta). Barra minn hekk kellha titwaqqaf biblijoteka ta' xogħlijiet Maltin fid-dar tal-Għaqda.[23]

Artiklu ieħor bl-isem "Il-Proġett tal-Għaqda Fost il-Maltin Kollha - Ħbieb l-Ilsien Malti" jesprimi li l-proġett kien intlaqa' tajjeb u jirriproduċi artikli oħra li dehru f'*Leħen il-Malti*, f'*Il-Berqa*, fil-*Malta Chronicle* f'Malta, u fil-*Bullettin tal-Guides u Scouts Maltin* tal-Kajr.[24]

"Id-Dmirijiet ta' Ħbieb l-Ilsien Malti" huwa artiklu ieħor li fih jintqal li kien ikun xieraq li jingħata bidu għall-Għaqda minn Malta u mhux minn xi pajjiż ieħor. L-artiklu jissokta li setgħet tintalab l-għajnuna tal-akbar kolonji ta' Maltin li kienu: "Il-Kajr, Lixandra, Port-Said u Swejz; Tuneż; l-Alġier; New York, Detroit u f'xi bliet oħra tal-Awstralja."[25]

"Madwarna" hija r-ras ta' artiklu li fih tingħata ħarsa lejn xogħol kontemporanju ta' fejda favur l-ilsien Malti: id-dħul tal-ilsien Malti fl-oqsma importanti kollha tal-ħajja Maltija; il-ħruġ ta' ktieb tan-novelli ta' Sir Temi Zammit; u dak bl-isem *Dun Bosco Qaddis* ta' Alfons Marija Galea u silta mill-kitba ta' Toni Said ta' Port-Said, il-mexxej tal-*Qari Malti*, li jsemmi li lsien u nazzjon kien għoddhom saru ħaġa waħda.[26]

F'artiklu ieħor imsejjaħ "Inħobbu l-Ilsien Malti" miktub minn xi ħadd bl-isem tal-pinna *Sawt*, jintqal li min twieled Malti kellu "jitqanna" bit-tajjeb u l-ħażin tal-Maltin, u allura bi lsienhom ukoll. Jgħid li ma kienx veru li f'Malta mhux kulħadd kien jaf bil-Malti u li l-ilsien ta' Malta kien it-Taljan. Din, ikompli, kienet propaganda qarrieqa. Huwa jżid li meta Ingliż, Taljan, jew Franċiż jiżżewweġ lil xi ħadd ta' nazzjonalità differenti, uliedu jitgħallmu ż-żewġ ilsna u bħalhom kellhom jagħmlu l-Maltin tal-Eġittu. Huwa jagħlaq l-artiklu billi jgħid li kien jaf ħafna nies li tgħallmu l-Malti meta kibru għax stħaw li kienu Maltin u ma kinux jafu bil-Malti. Skont ma jsostni *Sawt*, Malti kellu jkellem lil Malti ieħor bil-Malti.[27]

Artikolett intitolat "Ħolma Mwettqa" jinkludi din is-silta:

> Meta wieħed irid joqtol lingwa, ikun qiegħed jagħmel ħsara kbira lill-ħajja soċjali ta' pajjiż; mietet il-lingwa, it-tradizzjonijiet jintilfu, il-fehma titbiddel; bil-mod il-mod ir-ruħ ta' pajjiż tintefa; pajjiż ma jmutx, jekk ikun fih irġiel, qlub li jingħaqdu biex jitħabtu mal-mewt.

Imbagħad l-artiklu jsemmi li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ħabirket ferm favur l-ilsien Malti u kien ħaqqha rikonoxximent ta' dan.[28]

## Azzjoni favur il-Malti

Il-gazzetti tal-emigranti jħaddnu tentattivi biex iżommu l-idjoma Maltija ħajja. Fihom ħafna drabi jinġiebu qwiel u proverbji Maltin:

Bla imfietah ma tiftahx buieb.
B'demm il fkir katt gid ma isir.
Bil flus taghmel trik fil bahar.
Bis-sabar u biz-zmien, collox jasal fit-tmiem.
Bajda tas-Sultan tithallas b'dundian.
Bgheid mil ghajn, bgheid mil kalb.
Bil chelma it-tajba tohrog il far mit tkajba.
Il bajda chiecu chella uiednejn, chiecu jerfuha tnejn.[29]

Xi drabi jingħataw ukoll listi ta' kliem Malti bit-tifsir tiegħu. Xi kliem minn lista minnhom huwa:

| | |
|---|---|
| TENNIJA | Replika. "Qegħdin nistennew it-tennija tal-ġlieda tal-bieraħ". |
| TEWBA | Penitenza. Mingħalija b'TEWB nistgħu nfissru *penitentiary*; jiġifieri lok fejn jiġu mibgħuta ż-żgħażagħ li ma jkunux ta' bixla tajba. Riformatorju. |
| TFERKIX | Meta wieħed iċaqlaq subgħajh bil-għaġla jkun "iferkex". |
| TĦATTIM | Siġillar. (Minn ħatem, siġill): "ħattem dik l-ittra qabel ma tibgħatha". |
| THEŻŻIŻ L-ART | Terremot. Naħseb li nistgħu niktbu kelma waħda bħalma hemm f'ilsna oħra: theżżiżlart, *earthquake*.[30] |

Fil-*Qari Malti* saħansitra tidher lista ta' 'Sinonimi' li tinħass li hija tentattiv minn xi ħadd favur il-'Malti Safi' biex jibda jintuża kliem imnissel mill-element Semitiku flok ieħor ta' nisel Rumanz. Fost il-kliem elenkat hemm:

| | |
|---|---|
| *abitanti* | għammara |
| *abitudni* | għada, drawwa |
| *adottazzjoni* | twebbin |
| *akkuża* | xilja |
| *akkwatika* | ilmija |
| *arretrat* | lura, imwarri, mitwaħħar |
| *avvelenatur* | semmiem |
| *ċestin* | ċfejfa[31] |
| *ċittadella* | blejta |
| *disprezz* | żebliħ, ħqir, tkażbir |
| *estremità* | tarfien[32] |

B'risq it-tixrid tal-kitba Maltija, fil-ġurnali analizzati jinġiebu xogħlijiet letterarji kemm ta' Maltin minn Malta kif ukoll ta' emigranti Maltin. Fost l-oħrajn jiġu stampati poeżiji ta' Maltin residenti tal-Eġittu:

**Lil Mahbuba Ommi Malta**

O mahbuba Malta tighi
Chemm nitaxxak insemmic,
hares lejja halli incellmec
Ghax imhabbti rrid nuric.

La tharesx lejja bil-hniena
Haun jen issa kighed hdejc,
nitolboc l'inti tismani
F'gieh l'imhabba li ghandi lejc.

O xi gmiel chemm int sabieha!
Chemm hi helua il kghada tighec!
Int fortizza f'nofs ta bahar
Hatt ma seta jikaf mighec.

Cullhatt lejc kighed ihares
Sahansitra il barranin,
Jixtieku l'Inti tcun tahhom
Ghal gmielec collha ghajjurin.

Hares harsa lejn uliedec
Il lum collha ferhanin,
L'isem tighec stampat f'kalbhom
Mighec biss daun marbutin.

Xejn tahseb l'inseuc uliedec
Collha hdejc ghall'ghassa tighec
Biex jecc l'ghadu lejc ihares
Bhal sajjetta itiru ghal mighec.

Collha b'vuci uahda ighajtu
"Viva Malta art curaggiusa!
Tasseu l'inti Gzira cchejcna
Imma cbira ghax vittoriusa...

Ghad li l'ghadu mighec thabat
Biex taht idu taka irsira;
Izda dlonc dan ragia lura
M'gharafx sahtec chemm hi cbira.

Ghalhecc lilec jen infahhar
U ifahhruc il barranin,
Ghax jafu li uliedec collha
Dejjem chienu kalbienin.

Chif katt nista lilec ninsa
O kalbiena Malta tighi?!
Ismec scolpit geuua sidri
Fil kabar jindifen mighi.

Katt temmen li jen bghod minnec,
Jena dejjem mohhi fic,
nahliflec kuddiem is-sema
li dejjem nakbes ghalic.

Incun vili jecc lilek ninsa
Ghax int biss l'ghaziza tighi,
Jecc incun fl'ahhar tad-dinja
Gio' kieh kalbi ingiorroc mighi.

Ibnec
E. Zammit
Lixandra"[33]

F'xi ġurnali jinsabu wkoll Kolonni Letterarji li jġibu xogħlijiet letterarji mibgħuta minn Malta. Waħda minnhom hi l-poeżija "*E-Boats*" ta' Dun Karm Psaila, li tiġi introdotta kif ġej:

> Din il-poeżija tal-kbir poeta Malti Dun Karm Psaila giet miktuba minnu, bhala tifkira li ma tintesa qatt, tat-telfa harxa li kellhom it-Taljani meta, ghall-ewwel darba, marru jahbtu ghal Malta bin-Navy taghhom.

Fl-istess ħarġa tinġieb ukoll il-poeżija "Il-Bandiera Maltija" ta' Ġorġ Pisani bl-introduzzjoni qabilha:

> Dil-poezija hija mehuda mill-ewwel ktieb ta' "Gabra ta' Ward" minn E.B. Vella stampat ghall-skejjel mill-Gvern ta' Malta. Kull familja jmissha zzomma: mela aqtghuha mill-Bullettin u qeghduha f'inkwatru fejn tidher sewwa u ghalmuha lill-uliedkom.[34]

L-ispirtu patrijottiku ta' din il-poeżija jidher li laqat lid-Direzzjoni tal-gazzetta tant li mhux biss ippubblikatha, iżda ssuġġeriet ukoll lill-qarrejja biex iżommuha u jqegħduha f'post prominenti f'darhom u jgħallmuha 'l uliedhom. Hawnhekk ta' min isemmi illi bosta drabi l-kitbiet li jinġiebu fil-gazzetti analizzati huma ta' xeħta Romantika u patrijottika, intiżi li jqawwu l-imħabba tal-emigrant lejn art twelidu.

Jingħataw ukoll listi ta' pubblikazzjonijiet u kotba bil-Malti li kienu jinsabu għall-bejgħ fl-Eġittu stess:

> Lista ta' kotba bil-Malti li jinsabu għall-bejgħ fid-Direzzjoni ta' dan il-ġurnal bil-prezz ta' P.T. 2, posta franka:
>
> Aïda, Amleto, Ballu in Mascra, Is-Sonnambula, Lohengrin, Il-Guarany, Il-Barbier ta' Siviglia, Mignon, L'Africana, Dinorah, Il-Puritani, Iż-Żewġ Surġenti, Norma, Il-Merkant ta' Venezja, Il-Ħajja tal-Papa Leone XIII, Storja tar-Reġina Vittorja, Giorg Nerr, Silviu Montfei, Pawlu il-Marixxal, Osman Sahib.[35]

Il-fatt li jinġiebu listi tal-kotba bil-Malti għall-bejgħ u li dawn setgħu jinxtraw mingħand id-Direzzjoni tal-ġurnal juri għal darb'oħra l-isforzi li kienu jsiru biex jitqanqal l-interess fl-ilsien Malti fost il-membri tal-komunità.

Bl-istess għan tingħata wkoll informazzjoni dwar rivisti ġodda. Hekk jinsab artiklu dwar rivista ġdida ġewwa Malta bl-isem *Iż-Żerniq*:

Waslilna l-ewwel għadd ta' dir-Rivista li l-Editur tagħha hu l-ħabib u korrispondent tagħna ta' Malta, is-Sur Walter Zahra. Din ir-rivista hija mimlija tagħlim u tagħrif u stampata fuq karta u b'tipi mill-itjeb. Aħna żguri li din il-pubblikazzjoni se żżidilna ġebla oħra fil-bini ta' lsienna u tissokta ssaħħaħ u twettaq lill-ġurnaliżmu Malti. Nifirħu liż-żagħżugħ seħibna, li l-ħeġġa u l-ħrara tiegħu ntgħarfu fil-ftit żmien li dam fostna, għall-ħarġa ta' dir-rivista kif ukoll għall-għażla tiegħu b'rappreżentant tal-Qawmien Malti fl-Assemblea Nazzjonali.[36]

Uħud mill-gazzetti saħansitra jġibu rumanzi (xi drabi traduzzjonijiet ta' xogħlijiet barranin) fil-forma ta' faxxikli.

Jidher illi l-Maltin li kienu jgħammru 'l hemm mix-xtut Maltin minkejja d-distanza kienu aġġornati sew ma' dak li kien ikun għaddej fil-qasam letterarju f'Malta. Dan jidher li kien riżultat ta' korrispondenza kemm ma' Maltin mhumiex emigranti kif ukoll ma' Maltin li fiż-żmien kienu emigranti iżda li reġgħu lura Malta bla ma qatgħu l-kuntatti li kellhom barra minnha.

## L-Imħabba għall-Malti bħala Dmir tal-Emigrant

Fost l-emigranti Maltin kien hemm min tant xtaq jara l-ilsien Malti jitħaddem u ma jiġix miċħud illi appella għall-użu tiegħu bħala dmir ta' kull min kien ta' nisel Malti.

L-artiklu "In-Nazzjonaliżmu f'Malta (Mingħand il-Korrispondent Tagħna)", miktub minn Robert Bencini, isemmi li filwaqt li pajjiżi barranin bħall-Irlanda u l-Indja kienu jużaw il-veru lsienhom kullimkien, f'Malta ma kienx jiġri dan. Huwa jgħid li nazzjonalisti veri kienu dawk biss li jridu l-Malti maġenb l-Ingliż u t-Taljan. Huwa jsostni li ma kellu xejn kontra t-Taljan u l-Ingliż iżda li kien id-dmir tal-Maltin li jsalvaw ilsienhom. Bencini jżid li l-Maltin li ħarġu *L-Istandard tal-Maltin* ġewwa l-Kajr u *Il-Malti Amerikan* ġewwa Detroit l-Amerka kienu qegħdin juru lid-dinja li l-veru lsien pajjiżhom kien il-Malti.[37]

Fredu Nicholas jikteb artiklu bl-isem "Dmirijiet u Jeddijiet" li fih jgħid li t-tagħlim tal-lingwa Maltija kien neċessità għax ulied l-emigranti Maltin setgħu jiġu bżonn jgħammru xi mkien ieħor barra l-Eġittu, forsi wkoll lura Malta. Jgħid li Malta ma baqgħetx bħal fl-imgħoddi u l-Malti ma baqax jintuża biss għall-komunikazzjoni iżda sar l-ilsien uffiċjali. Barra minn hekk "li tkun taf ilsienek, mela, huwa meħtieġ għalik innifsek u għal pajjiżek," jikteb Nicholas.[38]

L-istess artiklu jsemmi li bid-dħul tal-liġi li l-kotba tan-negozji kollha għandhom jinżammu bl-Għarbi u li l-kitba kollha mal-Gvern Eġizzjan ma tistax tkun miktuba ħlief bl-Għarbi, it-tagħlim tal-Malti kien jinħtieġ dejjem aktar. Nicholas jgħid: "Dan juri biżżejjed kemm jiswielna li nkunu nafu bi lsien il-pajjiż." Jistqarr li kienet ħaġa kerha li tiffirma dokumenti li ma tafx x'jgħidu u li l-Maltin kellhom il-vantaġġ li "bi ftit rieda tajba" jitgħallmu l-ilsien Għarbi "wisq aktar bil-ħeffa minn ġnus oħra, għax barra milli lsienna hu msensel mal-Għarbi bin-nisel tiegħu, il-grammatika tagħna taqbel ħafna ma' tiegħu." L-artiklu jappella biex jintgħallem il-Malti u jgħid li, jirnexxi jew ma jirnexxix dan il-għan, tal-anqas wieħed ma kienx jista' jgħid li ma kienx għamel kulma seta', u ħadd ma jkun jista' jlumu.

Artiklu ieħor isemmi li l-Maltin emigranti kienu ta' nisel wieħed u li min imaqdar lil dan ikun imaqdar lilu nnifsu. Jissokta li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex il-Malti ma jitgħallmux kulħadd fi żmien meta kien qiegħed jintgħallem "lil aktar minn tletin elf wild fl-iskejjel kollha ta' gżiritna."

L-istess artiklu jżid:

> Bosta Maltin tal-Eġittu bagħtu 'l uliedhom jissoktaw l-istudji tagħhom Malta, u għadd wisq akbar ta' missirijiet qegħdin jistennew il-gwerra tieqaf biex jibagħtu lil tagħhom ukoll. Fl-eżamijiet kollha jidħol il-Malti, għalhekk jeħtieġ li nderru minn kmieni lil uliedna jitħaddtu bil-Malti biex inħaffulhom it-tagħlim.

Huwa jkompli li min jgħix Malta aktarx ma jagħżilx bejn Malti li ma jafx bi lsienu u barrani għalkollox, għax mat-tnejn ikollu jitħaddet bi lsien li mhux tiegħu. Fi kliem ieħor, l-ilsien huwa għelm tan-nazzjonalità.

## L-Ilsien Malti jagħti l-Identità

Il-Malti, bil-karatteristiċi partikolari tiegħu, inżamm mill-emigranti Maltin bħala mezz ta' identifikazzjoni u bħala l-element li l-aktar jagħżel lill-Maltin fost il-komunitajiet l-oħra barranin.

"Ilsienna", artiklu ffirmat minn xi ħadd bl-isem tal-pinna *Malti* jsemmi li l-poplu Malti żgħir iżda distint permezz ta' lsienu. Jgħid li l-Maltin-Eġizzjani mill-ewwel fehmuh dan u użaw il-Malti biex "jibqgħu dejjem katina waħda." Jgħid li l-frott ta' ħidma li ħadet is-snin kien beda jidher iżda kien għad baqa' wisq xi jsir u li min kien f'pożizzjoni għolja kellu jgħin u ma kienx hemm triq tan-nofs; kulħadd kellu jagħti sehmu. L-artiklu jagħlaq:

> Kieku t-taqbida tal-ilsna f'Malta baqgħet f'Malta biss, il-biża' ma kienx jinħass daqshekk, iżda llum din it-taqbida qiegħda tiddawwar f'għamla li xejn ma taqbel lilna. Ma nservu mill-koxxa lil ħadd! Il-Malti hu lsienna u aħna biss għandna l-jedd nitkellmu fuqu. Ma nħallux min iqarraq bina. Inkunu Maltin TASSEW.[39]

Spiss ġie mistoqsi l-għala ma kellux ikun hemm ġurnal bil-Malti bħalma kellhom l-emigranti l-oħra kważi kollha. Fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta *L-Istandard tal-Maltin* taħt it-titlu "Ġurnal Malti" ffirmat minn xi ħadd bl-isem tal-pinna *AnaMalti*, jingħad: "Ftakru ħuti Maltin li: 'Nazzjon imut meta jmut ilsienu'" u li "ġurnal bil-Malti jiswa, għalina l-Maltin aktar minn elf b'ilsna oħra."[40]

Għalkemm dan kunċett żbaljat – li "Nazzjon imut meta jmut ilsienu" – tħaddan minn min xtaq jara l-ilsien Malti jinżamm ħaj.

Kontributur ieħor isostni wkoll li ma tistax tħoss li int Malti jekk ma tafx ilsienek u li dak l-emigrant li jmur lura Malta bla ma jaf ilsienha jħossu barrani u drawwietha jidhrulu strambi konsegwenza ta' dan.

Kien hemm min wera li l-aġir ta' min ma kienx juża l-ilsien Malti kien ta' ħsara u umiljazzjoni għall-Maltin-Eġizzjani u jlum lill-ġenituri ta' dawn it-talin għal dan in-nuqqas.

Diversi drabi ngħad li kolonji oħra kienu jgħallmu lsienhom l-ewwel 'l uliedhom. *Seneca* jafferma li l-ilsna l-oħra t-tfal setgħu jitgħallmuhom fl-iskejjel għax kif jgħid il-Malti: "l-ewwel tgħallem irrispetta lilek innifsek, jekk minn ħaddieħor trid li tkun irrispettat." *Seneca* jistqarr li fost il-Maltin-Eġizzjani kien hemm bosta li kienu jafu għadd ta' lingwi oħra barra l-Malti u li dawk li kienu qegħdin jiċħdu l-Malti kienu qegħdin iħaffru l-qabar tan-Nazzjonalità Maltija fl-art tal-Fargħuni.

"In-Nazzjonalità Maltija u l-Ilsien Malti", kontribut ta' xi ħadd bl-isem tal-pinna *Anġ.* jagħti ħarsa ħafifa lejn l-Istorja ta' Malta bil-ħakmiet varji li kellha u juri kif ilsien Semitiku ltaqa' ma' bosta oħrajn Latini u Rumanzi sakemm sar l-ilsien Malti. Skont ma jgħid, dan "huwa lsien għalih waħdu u bid-dritt kollu nsejħulu Lsien Nazzjonali, il-għaliex bih la jitkellmu l-Latini u anqas jitħaddtu s-Semiti; iżda jitkellmuh biss il-Maltin." Wara dan *Anġ.* jikkonkludi illi l-Maltin kellhom għaliex ikunu kburin bi lsienhom għax kienu aħjar mill-Amerikani li ma għandhomx ilsien "maqtugħ għalih waħdu" bħalma hu l-Malti.[41]

**Il-Malti bħala Lsien Qadim**

Il-qdumija tal-ilsien Malti tintwera bħala kwalità li tagħmlu prezzjuż, hekk li għandu jinżamm b'għożża u mhux jitwarrab; u titqies ta' preġju kbir fil-qasam lingwistiku għax tista' tixħet dawl anke fuq ilsna oħrajn.

*Seneca* jerġa' jisħaq li l-Malti għandu jkun jaf ilsienu u l-qwiel tiegħu u li kien hemm uħud fl-Eġittu li mhux talli m'għamlux dan, iżda lanqas ma riedu juru li kienu Maltin. *Seneca* jgħid li kulħadd jaf li l-Malti kien fost l-eqdem ilsna u li huwa lsien Semitiku għalkemm "illum huwa mżewwaq b'bosta kliem minn ilsna oħra." Jgħid li minkejja dan, il-Malti żamm l-identità tiegħu u baqa' jissejjaħ 'Malti'. Dan minkejja l-fatt li "missirijietna ħtiġilhom jiktbu kommerċjalment bl-ilsna tax-Xanagħmin[42] [*sic*], tal-Kartaġiniżi, Griegi, Latini, Għarab u Spanjoli u issa bil-lingwi Ingliżi u Taljani." *Seneca* jasserixxi li wara l-istorja twila tal-ilsien Malti, missirijietna ma warrbuhx bħalma kienu qegħdin jagħmlu xi wħud fost il-Maltin-Eġizzjani li jindirizza.

L-artiklu jsemmi li ħafna drabi kienu l-Maltin stess li maqdru lil min ħadem favur il-Malti. Jingħataw siltiet minn Ċiċerun biex tintwera l-importanza tal-qedem tal-ilsien Malti minkejja li "llum li l-ilsien Malti daħal fih xi taħlit, għandu wkoll kliem safi li huwa mnissel mill-ibgħad żminijiet." *Seneca* jsostni li l-Malti kien ilsien qawwi għax żamm fih kliem li jmur lura sa minn qabel iż-żminijiet li fihom l-Ewropa kienet għadha fid-dlam, u jkompli li l-Istorja ta' Malta turi illi l-ilsien Malti sab ruħu f'bosta tiġrib iżda żamm sħiħ.[43]

Artiklu bl-isem "Inkellmu 'l Uliedna bil-Malti" jgħid li l-ilsien hu l-aqwa għelm tal-ġnus u allura għandu jiġi mgħoddi lill-ulied. L-artiklu jgħid li ma kienx hemm għajb fl-użu tal-ilsien Malti għax kien imnissel:

> mill-eqdem ilsna tal-ħolqien u, Sidna Ġesù Kristu meta ġie fid-dinja, jekk ma tkellimx bil-Malti, tkellem bi lsien ta' ġebbieda waħda, li hu msensel bis-sħiħ ma' tagħna. Bosta mill-Appostli tkellmu bi lsien li għandu wkoll x'jaqsam mal-Malti. Il-għala mela għandna nkażbru wirt hekk qadim? Ma ninsewx li meta Malta kellha lsien tagħha xi ilsna tal-lum kien għadhom ma twildux.[44]

Hawnhekk il-qdumija tal-Malti tintwera wkoll bħala element pożittiv għax tieħu lura saż-żminijiet tal-Kristjanità bikrija. Fi kliem ieħor, aktar ma l-Malti huwa qadim, aktar iqarreb lejn il-forom tat-taħdit użati minn Kristu. Hawn allura tinħass ukoll assoċjazzjoni reliġjuża fl-użu tal-ilsien. Flok jiġi miċħud għax jixbah lill-ilsna tal-Misilmin, il-Malti kellu jintuża għax jixbah lill-ilsna użati mill-ewwel Insara.

**Il-Malti bħala Muftieħ għal Ilsna Oħra**

Minħabba l-bażi Semitika tiegħu, l-ilsien Malti bosta drabi ġie meqjus bħala ta' għajnuna għall-akkwist tal-Għarbi mitkellem ġewwa l-Eġittu.

Ċertu *Sphinx* jikteb li l-Malti fis-sura li kien ħa sa żmienu seta' jservi ta' muftieħ għat-tagħlim ta' ilsna oħra u jtemm l-artiklu billi jappella għall-għajnuna biex tissewwa l-ħsara fil-Kolonji Maltin rigward il-lingwa Maltija. Jistqarr li l-Malti kien "lingwa li tista' sservi b'muftieħ għal-lingwi kollha (dan ma ngħidux jiena; filologi tal-akbar fama huma ta' din il-fehma, fosthom insemmi lil Dr. Julius Grosser, Ġermaniż li ħa interess kbir fuq il-lingwa Maltija."

Jintqal ukoll:

> Min jitgħallem il-grammatika Maltija fuq it-'Tagħrif' tal-Għaqda jkollu t-triq imwittija għal meta jiġi biex jitgħallem bl-Għarbi. U dawk li diġà jafu b'dan l-ilsien ma tantx għandhom għalfejn jitħabtu wisq biex jidraw jiktbu sewwa bil-Malti. Ma hemmx għalfejn ngħidu kemm huwa meħtieġ illum fl-Eġittu li wieħed ikun jaf jaqra u jikteb bl-Għarbi.[45]

**Għeluq**

Il-gazzetti analizzati jixhdu li bosta emigranti Maltin tal-Eġittu u Tuneż kienu konxji mill-patrimonju Malti tagħhom u minn ilsienhom b'mod partikolari. Anke jekk jeżistu xi għeltijiet fl-argumenti ta' xi wħud, bla dubju ta' xejn l-ilsien Malti kien jinteressahom mill-aktar. L-għadd imdaqqas ta' gazzetti ppubblikati bil-Malti lil hemm mix-xtut Maltin, u l-medda ta' żmien li matulha jinfirxu huma aktar xhieda ta' dan.

Ċerti siltiet fil-gazzetti analizzati jindikaw li l-ilsien Malti fost l-emigranti Maltin kellu ħafna x'jhedded l-eżistenza tiegħu. Waħda mill-akbar theddidiet kienet bla dubju l-Kwistjoni tal-Lingwa li kienet tixbah ferm lil dik kontemporanja għaliha f'Malta, bid-differenza li fil-każ tal-emigranti Maltin id-difensuri tal-Malti kienu qegħdin jagħmlu dan 'l hemm minn art twelidhom u allura l-ħtieġa għal dan setgħet inħasset anqas qawwija.

L-artikli fil-gazzetti jiżvelaw id-differenzi u f'xi każi saħansitra firdiet fost il-Maltin emigranti. Mill-banda l-oħra huma numerużi l-appelli għall-għaqda u s-solidarjetà li fost l-emigranti huma importanti ħafna bħala appoġġ tal-aħwa Maltin mal-individwi fil-bżonn.

Hawnhekk jidher ukoll li l-ilsien Malti kien meqjus fost l-aktar mezzi ewlenin għall-għaqda fost l-emigranti Maltin. Il-ħidma biex l-ilsien Malti jkun effettiv f'dan il-qasam hi notevoli u frekwenti kif jidher mid-diversi artikli fil-gazzetti analizzati.

Ir-raġunijiet li jinġiebu favur iż-żamma ħajja tal-ilsien Malti huma bosta u varji. Iżda l-aktar li jispikkaw huma r-raġunijiet li huwa d-dmir tal-emigrant li jżomm ilsien art twelidu; li l-ilsien jagħtih l-identità u l-għaqda; li l-qdumija tal-ilsien Malti tagħmlu importanti u ta' min jgħożżu u jżommu ħaj; kif ukoll li l-ilsien Malti jista' jservi ta' muftieħ għat-tagħlim ta' ilsna oħra.

Madankollu kien hemm ukoll min kellu fehmiet differenti dwar dan u kien iqis l-ilsien Malti bħala djalett bla siwi, u kien hemm min kien indifferenti quddiem it-theddid għall-ilsien Malti fost l-emigranti. Ma naqasx ukoll min warrab il-Malti minħabba r-rabta tiegħu mal-ilsien Għarbi.

Bil-għan li l-ilsien Malti jinżamm ħaj kien hemm min offra l-għajnuna tiegħu biex jgħallmu, oħrajn ikkontribwew artikli fil-gazzetti li jagħtu għajnuniet għat-tagħlim tal-Malti, filwaqt li oħrajn ħabirku biex jinfetħu skejjel u jitwaqqfu għaqdiet għall-istess għan.

L-aktar funzjonijiet importanti tal-Malti kienu li jservi bħala mezz ta' komunikazzjoni fit-taħdit ta' kuljum, f'diskorsi formali waqt xi laqgħat; kif ukoll fil-kitba. Kien propju bil-għan li l-Malti jintuża wkoll fil-kitba li bdew jinħarġu gazzetti u rivisti bil-Malti, bil-ħsieb li anke l-emigranti jissieħbu fl-iżvilupp ta' letteratura Maltija, u jkunu aġġornati ma' dak li qiegħed jinkiteb minn ħuthom Maltin f'Malta.

Ċerti emigranti kienu aġġornati anke dwar il-formazzjoni tal-Malti bħala sistema lingwistika tal-kitba, u l-argumenti fil-gazzetti dwar l-alfabett Malti u l-ortografija ma jonqsux. Dan seħħ l-aktar billi wħud mill-korrispondenti l-iżjed assidwi kienu wkoll attivi ħafna fl-ambjenti letterarji Maltin jew fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. B'hekk l-alfabett Malti u l-Ortografija l-ġdida "tal-Għaqda" twasslu malajr lill-emigranti qarrejja biex dawn jiffamiljarizzaw ruħhom mal-karattri Maltin u biex tintlaħaq l-uniformità mixtieqa fil-kitba.

Fid-dawl ta' dan kollu, huwa xieraq li wieħed jagħraf il-ħidma ħabrieka ta' dawn il-Maltin emigranti li ħabbew ilsien art twelidhom u xtaquh jinżamm ħaj fosthom.

## Appendiċi

### Gazzetti Maltin-Eġizzjani

| | |
|---|---|
| **AGEM** | *Africa*; *Giornaletto dell' Emigrazione maltese*; (1878 – ?) |
| **AM** | *Afrique Maltais*; (1889-1890) |
| **AMCEN** | *Association of the Maltese Communities of Egypt Newsletter*; (ca. 1960) |
| **BKMK** | *Bullettin tal-Komunità Maltija tal-Kajr*; (1938-1953); mill-għadd 36 datat 1.1.43 'l hemm, *Il-Ħabbar Malti fl-Eġittu* |
| **EĠME** | *Eġittu*, *Ġurnal Malti-Eġizzjan*; (1897) |
| **FĦT** | *Friend*, *il-Ħabib ta' Tuneż;* (1916? – ?) |
| **ĦME** | *Il-Ħabbar Malti fl-Eġittu*; (cf. **BKMK**) |
| **KM** | *Kurrier Malti*; (1912? – ?) |
| **MGLA** | *Melita*, *Gazzetta Letterarja u ta' Aħbarijiet*; (1915? – ?) |
| **MOMI** | *Melita*, *Organe Maltaise d'Information*; (1937 – ?) |
| **QM** | *Qari Malti*; (1928 – ?) |
| **SM** | *Standard tal-Maltin*, *Eku tal-Orjent Malti*; (1921 – ?) |
| **VVME** | *Valletta*, *il-Vuċi tal-Malti Eġizzjan*; (1923 – ?) |
| **WM** | *Weekly Melita*: (1916 – ?) |

**Noti**

1 Għal-lista sħiħa ta' dawn il-ġurnali u gazzetti maħruġa fi żminijiet u matul perjodi varji, ara l-Appendiċi għal din il-ktiba.

2 Uħud mill-gazzetti mhux magħruf eżattament meta bdew jiġu ppubblikati. L-istess problema teżisti wkoll dwar meta wħud minnhom ma baqgħux jiġu stampati. L-eqdem gazzetta maħruġa mill-emigranti msemmija jidher li kienet l-ewwel ħarġa tal-*Africa; Giornaletto dell' Emigrazione maltese* (1878) [=*AGEM*] u l-aħħar waħda dik ta' *Il-Ħabbar Malti fl-Eġittu* fl-1953 [=*ĦME*] (għal aktar tagħrif dwar din il-gazzetta ara wkoll nota 5).

3 Brian Blouet, *The Story of Malta* (London: Faber and Faber, 1972) 178.

4 Għal espożizzjoni aktar wiesgħa dwar kulma jingħad f'din il-ktiba, flimkien mal-isfond storiku għall-emigrazzjoni lejn l-Afrika ta' Fuq, kif ukoll għal trattament aktar fit-tul dwar l-eku tal-Kwistjoni tal-Lingwa fost l-emigranti tal-Eġittu, ara Joseph Vella, *L-Ilsien Malti fil-Gazzetti tal-Maltin tal-Eġittu*, teżi tal-B.A. (bl-Unuri) (l-Università ta' Malta, 1993).

5 *Bullettin tal-Komunità Maltija tal-Kajr* [=*BKMK*], għadd 35, 1 ta' April 1943. Din il-gazzetta nħarġet fil-perjodu bejn l-1938 u l-1953. Mill-għadd 36 'l hemm, ingħatat l-isem *Il-Ħabbar Malti fl-Eġittu*.

6 *Eġittu, Ġurnal Malti Eġizzjan* [=*EĠME*], Prova, 4 ta' Settembru 1897.

7 *Standard tal-Maltin, Eku tal-Orjent Malti* [=*SM*], għadd 9, 14 ta' Jannar 1922.

8 *EĠME*, Prova, 4 ta' Settembru 1897.

9 *Qari Malti* [=*QM*], għadd 4, 15 ta' Ottubru–15 ta' Novembru 1928.

10 *Melita, Organe Maltaise d'Information* [=*MOMI*], għadd 17, 20 ta' Ottubru 1937.

11 *BKMK*, għadd 15, Lulju 1939.

12 *ĦME*, għadd 50, 24 ta' Frar 1945.

13 *SM*, għadd 2, 8 ta' Ottubru 1921.

14 *Kurrier Malti* [=*KM*], għadd 11, 18 ta' Awwissu 1912.

15 *SM*, għadd 79, 15 ta' Marzu 1924.

16 *SM*, għadd 32, 2 ta' Diċembru 1922.

17 Geoffrey Hull, "Vicende e Caratteristiche del Maltese Parlato in Egitto," *Journal of Maltese Studies* (Università ta' Malta, 1987-88) 88.

18 *SM*, għadd 6, 3 ta' Diċembru 1921.

19 *SM*, għadd 53, 15 ta' Settembru 1923.

20 *SM*, għadd 64, 1 ta' Diċembru 1923.

21 *QM*, għadd 4, 15 ta' Ottubru-15 ta' Novembru 1928.

22 *QM*, għadd 5, Diċembru 1928; *QM*, għadd 6, Jannar 1929; *QM*, għadd 7, Frar-Marzu 1929; *QM*, għadd 8, Marzu-April 1929; *QM*, għadd 10, Jannar 1930.

23 *QM*, għadd 11, Jannar 1935.

24 *QM*, għadd 11, Jannar 1935.

25 *QM*, għadd 12, April 1935.

26 *QM*, għadd 12, April 1935.

27 *BKMK*, għadd 30, 1 ta' Ottubru 1942.

28 *MOMI*, għadd 10, 20 ta' Mejju 1937.

29 *SM*, għadd 8, 31 ta' Diċembru 1921.

30 *QM*, għadd 32, Frar 1945.

31 *sic* - aktarx żball tat-tipa fejn riedet tinkiteb 'cfejfa' għal 'qfejfa'.

32 *QM*, għadd 35, Mejju 1945.

33 *SM*, għadd 52, 8 ta' Settembru 1923.

34 *BKMK*, għadd 28, 10 ta' Ottubru 1942.

35 *SM*, għadd 32, 2 ta' Diċembru 1922.

36 *ĦME*, għadd 51, 31 ta' Marzu 1945. Hawn ta' min jgħid li l-imsemmi Walter Zahra kien missier l-awtur prolifiku Malti Trevor Zahra, u li fuq informazzjoni li ġentilment

għaddieli dan tal-aħħar, kien beda joħroġ (jeditja, jiffinanzja u jistampa fi stamperija żgħira li kellu) ir-rivista msemmija *Iż-Żerniq*. L-ewwel edizzjoni ħariġha f'Jannar/Frar 1945, wara ftit li ġie lura Malta wara erba' snin l-Eġittu. B'kollox ippubblika ħdax-il ħarġa. L-aħħar waħda ħarġet fl-1946. Fiha kienu jiktbu awturi bħal Dun Karm Psaila, Karmenu Vassallo, Ġorġ Pisani, Ġużè Chetcuti, u oħrajn.

37 *SM*, għadd 19, 3 ta' Ġunju 1922.

38 *ĦME*, għadd 36, 1 ta' Mejju 1943.

39 *QM*, għadd 11, Jannar 1935.

40 *SM*, għadd 0, 7 ta' Settembru 1921.

41 *SM*, għadd 67, 22 ta' Diċembru 1923.

42 Aktarx qed jirreferi għall-Kangħanin.

43 *SM*, għadd 3, 22 ta' Ottubru 1921.

44 *QM*, għadd 11, Jannar 1935.

45 *Valletta, il-Vuċi tal-Malti Eġizzjan* [=*VVME*], għadd 5, 23 ta' Lulju 1923.

# De Soldanis u l-Kapuċċini ta' Għawdex

Winston L. Zammit

L-istoriku Għawdxi l-Kanonku Dun Franġisk Agius Sultana (1712-1770) jidher li kellu rabta kbira mal-Patrijiet Kapuċċini ta' Għawdex. Dan joħroġ ċar mill-ittra twila li huwa kiteb fl-1752 lil Ignazio Saverio Mifsud, li fiha tah deskrizzjoni dettaljata tal-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex.[1]

Iżda minbarra l-fatt fuq imsemmi, insibu żewġ avvenimenti oħra b'rabta ma' de Soldanis u l-Kapuċċini f'Għawdex.

Fl-1738, l-Ordni Franġiskan Kapuċċin kellu żewġ beati ġodda, Fra Feliċ minn Sigmaringen, u Fra Ġużepp minn Leonessa. F'din l-okkażjoni saret festa fil-Knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat ta' Għawdex, u waħda mill-prietki saret mill-Kanonku Dun Franġisk Agius Sultana.[2]

Fl-istess żmien il-Kapuċċini Maltin kienu qegħdin jirsistu biex jinqatgħu mill-Provinċja ta' Sirakuża u jsiru Kustodja għalihom. Fost dawk li appoġġaw it-talba tal-Kapuċċini nsibu l-Kapitlu tal-Matriċi tar-Rabat, Għawdex. Fil-fatt fl-14 ta' Marzu 1740, l-imsemmi Kapitlu għamel dikjarazzjoni biex jappoġġja t-talba tal-Kapuċċini Maltin. Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-Kanonku Arċipriet Dun Adeodato Formosa, u tnax-il kanonku, u fost il-firem tal-kanonċi nsibu dik tal-Kanonku Dun Franġisk Agius Sultana.[3]

Dan it-tagħrif għandu jitqies bħala żieda żgħira għall-bijografija interessanti miktuba mill-Mons. Joseph Bezzina, "Canon Francesco Agius - the erudite priest from Gozo" fil-ktieb kommemorattiv *De Soldanis – an eighteenth century intellectual* (Malta, 2012) billi bi żball kont insejt ngħaddihulu.

**Noti**

1 L. Schiavone, "Il-Kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex", *The Gozo Primary School Magazine*, no. 9, 25-28.

2 Arkivju Provinċjali Patrijiet Kapuċċini, il-Furjana, *Cronica delli RR PP Minori Capuccini di Malta* miġbur minn Patri Pelaġju, 332-333.

3 *Cronica delli RR PP Minori Capuccini di Malta* 388-389.

# L-Akkademja tal-Malti matul is-snin… (2004-2009)

Joseph P. Borg
Segretarju tal-Akkademja

**Il-kunsill *ad interim* (Ottubru 2004 – Settembru 2005)**

Wara perjodu mqalleb u ta' diżgwid fl-Akkademja tal-Malti, intlaħaq kompromess bl-għajnuna u l-medjazzjoni tal-President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici li fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tas-Sibt, 16 ta' Ottubru 2004 talab għas-sospensjoni tar-regolamenti tal-Akkademja biex jinħatar kunsill *ad interim* ta' sena bil-għan li jwitti t-triq billi jfassal statut ġdid li bih jintlaħaq kunsens.

Il-kunsill *ad interim* kien magħmul minn Dr Bernard Micallef (President); Lina Brockdorff (Viċi President); George Farrugia (Segretarju); Oreste Calleja (Teżorier); Trevor Żahra (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi); Joseph P. Borg (Assistent Segretarju); Anthony Sammut (Arkivista); Dr Josette Attard, l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici u Rev. Victor Xuereb. Il-kunsill *ad interim* iltaqa' 33 darba u l-membri attendew b'mod regolari.

**L-istatut il-ġdid**

Il-ħidma ewlenija li kellu l-kunsill *ad interim* kienet it-tfassil ta' statut ġdid, li jaqbel aktar mal-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tal-Malti ta' żminijietna. Fit-tfassil ta' dan ix-xogħol il-membri tal-kunsill ħadu inkonsiderazzjoni x-xogħol li kien diġà sar mill-kunsill ta' qabel fuq l-istatut. Ix-xogħol fuq l-abbozz ta'

statut ġdid tlesta f'Marzu 2005 wara 24 laqgħa li kienu kkaratterizzati minn sforz kontinwu biex jintlaħaq kompromess bejn l-ideat differenti tal-membri tal-kunsill. Kopja tal-abbozz tal-istatut intbagħtet lill-membri bil-posta qabel issejħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Flimkien mal-abbozz tal-istatut intbagħtu wkoll l-emendi proposti u ittra mill-President b'informazzjoni fuq il-kontenut tal-abbozz u fuq il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li fiha kien se jiġi diskuss l-istess statut.

**In-nomini għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Fil-laqgħa tal-Ħamis 28 ta' Ottubru, il-kunsill iddiskuta n-nomina ta' persuni li minnhom il-Prim Ministru seta' jaħtar il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Il-kunsill ippropona numru ta' persuni għal din il-kariga. Fl-istess laqgħa l-membri ħatru lil George Farrugia bħala r-rappreżentant tal-Akkademja fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**Il-pubblikazzjonijiet**

Prijorità tal-kunsill *ad interim* kienet li jibqa' f'kuntatt mal-membri biex iżommhom aġġornati u jkun trasparenti fit-tmexxija tiegħu. Il-kunsill bagħat tliet ċirkularijiet lill-membri, f'Diċembru 2004, f'Marzu 2005 u f'Awwissu 2005. Minbarra dawn iċ-ċirkularijiet, il-kunsill bagħat ukoll bil-posta abbozz tal-istatut il-ġdid u żewġ ħarġiet f'daqqa ta' *Il-Malti*.

**Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja**

Nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 2005 ssejħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja fis-Sala Robert Samut, il-Furjana, biex fiha jkun diskuss l-abbozz tal-istatut il-ġdid. Ġew diskussi d-disgħa u tletin emenda mressqa mill-membri. Fost il-membri li attendew kien hemm il-President Emeritu, il-Prof. Guido de Marco. Fi tmiem il-laqgħa saret votazzjoni fuq l-abbozz sħiħ tal-istatut biex ikun jista' jgħaddi bit-tibdil li kien sar fih wara l-votazzjonijiet li kienu saru. Il-membri kollha vvutaw u l-istatut il-ġdid tal-Akkademja ġie approvat unanimament. F'Awwissu 2005 l-kunsill ippubblika l-istatut u ntbagħtet kopja tiegħu bil-posta lill-membri kollha tal-Akkademja.

## Il-Fond għall-Kittieba tal-Malti

Il-Fond għall-Kittieba tal-Malti kien fdat f'idejn Dr Josette Attard flimkien ma' Mario Cassar, Immanuel Mifsud u Ġorġ Borg. Ix-xogħol ta' dan is-sottokumitat kien li janalizza u joħroġ rapport ta' rakkomandazzjoni dwar kull manuskritt li jgħaddilu l-Bank APS, bil-ħsieb li jkun ippubblikat.

Il-Bank ġedded il-kuntratt u fil-21 ta' Diċembru 2004 rrakkomanda li l-kittieba żgħażagħ jingħataw aktar ċans, ikun hemm kontroll fuq l-ortografija u jingħataw aktar importanza l-kitbiet oriġinali milli x-xogħlijiet tradotti minn lingwi barranin.

Fi Frar 2005 l-President tal-Akkademja, Dr Bernard Micallef, iffirma l-kuntratt flimkien ma' Edward Cachia f'isem il-Bank APS Ltd.

## Il-perjodiku *Il-Malti*

Il-Bord Editorjali kien kompost minn Dr Bernard Micallef bħala Editur, Oreste Calleja bħala Teżorier, u Joseph Borg u Dr Adrian Grima bħala membri. Il-Bord Editorjali kellu sfida li jsib soluzzjoni prattika li biha jpatti għan-numri ta' *Il-Malti* li ma kinux ħarġu.

Saret sejħa għal xogħlijiet ta' livell akkademiku jew kreattiv u ġie deċiż li l-perjodiku *Il-Malti* jingħata format ta' rivista oħra internazzjonali, u għal dan il-għan ir-referenzi u l-aspetti l-oħra tal-preżentazzjoni ta' *Il-Malti* nqalbu għall-istil tal-MLA (Modern Language Association).

Deċiżjoni oħra tal-Bord Editorjali kienet li l-qoxra ta' quddiem ta' *Il-Malti* jkollha dettall minn xogħol ta' artist Malti. Għall-aħħar ta' Awwissu 2005 tlesta x-xogħol tal-istampar tal-ħarġa 76 (b'xogħlijiet letterarji) u tal-ħarġa 77 (b'xogħlijiet akkademiċi) ta' *Il-Malti*.

## Il-parteċipazzjoni tal-Akkademja f'attivitajiet diversi

Joseph Borg irrappreżenta lill-Akkademja fil-korteo f'ġieħ Dun Karm li sar fis-27 ta' Ottubru 2004 u fil-korteo f'ġieħ Mikiel Anton Vassalli li sar fit-12 ta' Jannar 2005. F'Novembru tal-2004 Lina Brockdorff, il-Viċi President tal-Akkademja, attendiet is-serata tal-Premju Letterarju 2003 mniedi mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Il-President tal-Akkademja, Dr Bernard Micallef, għamel

diskors tal-okkażjoni fit-tifkira f'ġieħ Karmen Mikallef Buħaġar li saret fit-23 ta' Frar 2005 fis-Sala Robert Samut, il-Furjana. Fit-13 ta' April 2005, Dr Ġorġ Mifsud-Chircop għamel diskors f'isem l-Akkademja f'serata li l-Ministeru tal-Edukazzjoni organizza f'ġieħ Ġużè Cassar Pullicino.

### L-aġġornament tal-lista tal-membri

Il-kunsill ħa ħsieb jorganizza b'mod professjonali l-lista kollha tal-membri. Maċ-ċirkulari ta' Diċembru 2005 l-kunsill bagħat formola lill-membri kollha biex jaġġornaw id-dettalji personali tagħhom u d-dettalji tal-membri nġabru fil-bank elettroniku tal-Akkademja.

### Dar l-Akkademja tal-Malti

Matul dawn ix-xhur il-kunsill tal-Akkademja baqa' jitħabat u jagħmel kuntatti mal-awtoritajiet biex l-Akkademja takkwista dar xierqa biex isservi bħala s-sede uffiċjali tagħha. Kien hemm is-suġġeriment ta' Frans Galea (l-editur tal-paġna letterarja ta' *It-Torċa*) biex l-appartament li kienet tgħix fih il-poetessa Doreen Micallef jgħaddi għand l-Akkademja tal-Malti.

### Is-sit elettroniku tal-Akkademja

Sa mill-ewwel laqgħa tiegħu, il-kunsill *ad interim* iddeċieda li minnufih jibda x-xogħol sabiex l-Akkademja jkollha s-sit elettroniku tagħha. Il-kunsill xtaq li dan ix-xogħol ikun fdat f'idejn kumpanija professjonali u wara li nġabru l-kwotazzjonijiet intgħażlet il-kumpanija Alert.

Inħatru Oreste Calleja u Trevor Żahra biex ifasslu dan is-sit elettroniku. Is-sit tnieda bil-għajnuna ta' Mario Cassar u Sergio Grech u bl-għajnuna tal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Louis Galea u l-Kap tas-Segretarjat tal-istess Ministeru, Charlò Bonnici.

Bis-saħħa ta' dan il-portal elettroniku l-imsieħba u l-pubbliku Malti (inklużi l-emigranti) jistgħu mhux biss iżommu ruħhom infurmati fuq ħidmet l-Akkademja, imma wkoll jagħrfu u japprezzaw iżjed ilsien art twelidhom. Is-sit jaċċessawh ukoll ħafna għalliema tal-Malti u studenti.

## Il-kunsill għas-sentejn 2005-2007

Il-kunsill inħatar fl-24 ta' Settembru 2005 f'Laqgħa Ġenerali Ordinarja li saret fis-Sala Robert Samut, il-Furjana u kien magħmul minn Dr Marco Galea (President), George Farrugia (Viċi President), Olvin Vella (Segretarju), David Agius Muscat (Teżorier), Clare Azzopardi (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Charles Casha (Assistent Segretarju), Joseph Borg (Assistent Teżorier u Arkivista), Mario Azzopardi, Sergio Grech, l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici u Patrick Sammut. Saru 24 laqgħa fil-Ministeru tal-Edukazzjoni. Mario Serracino Inglott u Nicholas Vassallo daħlu fil-kunsill wara r-riżenji ta' Mario Azzopardi (wara l-ewwel laqgħa) u Patrick Sammut (wara t-tlettax-il laqgħa) minħabba raġunijiet personali.

## Il-pubblikazzjonijiet

L-Akkademja stampat iċ-ċirkulari ta' Frar 2006 u ta' Ġunju 2006.

Il-ħarġa letterarja tal-perjodiku *Il-Malti* ġiet ippubblikata f'Novembru 2006 filwaqt li tressqet il-proposta biex toħroġ edizzjoni speċjali ta' *Il-Malti* ddedikata lil Ġużè Gatt u ħarġa speċjali fuq (i) is-seminar tal-kultura orali u (ii) ir-razziżmu fil-letteratura Maltija.

## Il-Fond għall-Kittieba tal-Malti (APS)

Il-Bank APS xtaq jirrevedi din l-iskema u l-kunsill ħatar bord editorjali magħmul minn Immanuel Mifsud, Carmel Bezzina u Sergio Grech. Il-bord irrakkomanda manuskritt wieħed biss għall-pubblikazzjoni (l-aħħar poeżiji ta' Ġorġ Pisani).

## Għajnuniet għal min qed iġib 'il quddiem forom ġodda ta' letteratura

Il-kunsill xtara għadd ta' diski kompatti *Doqqli Daqqa!* maħruġin mill-Ġukulari Ensemble biex jgħin din l-inizjattiva u d-diski nbiegħu lill-membri tal-Akkademja bi prezz imraħħas.

L-Akkademja ngħaqdet ma' għaqdiet oħra tal-Malti biex il-kantawtur Walter Micallef joħroġ it-tieni diska kompatta tiegħu, *Ħamsin*.

## Seminars u taħditiet

L-ewwel taħdita saret fit-18 ta' Frar 2006. Dr Ray Fabri spjega l-proġett tal-MLRS li hu u Mike Rosner mill-Università ta' Malta qed imexxu ħalli jinbena korp elettroniku tal-ilsien Malti biex minnu jkunu jistgħu jiġu żviluppati għadd ta' riżorsi oħra, ewlenija fosthom dizzjunarju u ċekkjatur elettroniku.

It-tieni taħdita mexxieha Dr Adrian Grima fuq ir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo. Din saret fit-18 ta' Marzu 2006.

It-tielet taħdita ngħatat minn Dr William Zammit fit-2 ta' Mejju 2006: 'Dawl ġdid fuq l-ewwel pubblikazzjoni tal-katekiżmu Kattoliku bl-ilsien Malti – *Tagħlim Nisrani* ta' Franġisku Wzzinu' maħruġ fl-1752.

B'riħet il-kuntatt li għamlet l-Akkademja ma' Anna Borg Cardona, fit-3 ta' Ġunju 2006 sar seminar fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel bit-tema 'Il-Kultura Orali f'Malta matul iż-Żmien'. Fih ħadu sehem il-Prof. Godfrey Wettinger, Dr Carmel Cassar, Anna Borg Cardona u Dr Ġorġ Mifsud-Chircop.

Fit-3 ta' Frar 2007 sar is-seminar 'Ta' Barra Minn Hawn – Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija' bis-sehem ta' Dr Carmel Cassar, Dr Marco Galea, Dr Raphael Vella, Dr Paul Pace, Dr Adrian Grima, Michael Grech u Immanuel Mifsud. Dan is-seminar sar fis-Sala Erin Serracino Inglott fl-Università, bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Malti.

Ir-raba' taħdita bit-titlu 'Wiċċ Malta Qabel il-Kavallieri' għamilha l-Prof. Godfrey Wettinger u fiha tkellem fuq x'tagħrif nistgħu nisiltu mit-toponimi ddokumentati fl-atti notarili taż-Żmien Nofsani. Din saret fis-26 ta' April 2007 fis-Sala Erin Serracino Inglott, fl-Università ta' Malta.

## Attivitajiet oħra

Fl-14 ta' Novembru 2005, f'Jum l-Akkademja, Dr Bernard Micallef ippreżenta ż-żewġ edizzjonijiet ta' *Il-Malti* editjati minnu lill-E.T. Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta.

Fis-7 ta' Lulju 2007 saret serata mużiko-letterarja f'Għawdex, bl-għajnuna tal-membri Għawdxin tal-Akkademja.

Fis-17 ta' Awwissu 2007 saret ikla f'ġieħ Kilin u fiha ngħatatlu tifkira speċjali mill-Akkademja tal-Malti.

## Dar l-Akkademja tal-Malti

Fil-11 ta' April 2006 Dr Marco Galea u George Farrugia żaru l-appartament li kienet tgħix fih il-poetessa Doreen Micallef, mogħti lill-Akkademja mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Sar rapport fuq l-istat tal-post u ħareġ minnu li hemm spejjeż kbar ta' tiswijiet u manutenzjoni. L-Akkademja ppruvat tiltaqa' mal-periti u l-uffiċjali tal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex l-appartament isir abitabbli imma ftit li xejn sar progress.

## L-arkivju

Wara żjara f'Palazzo Carafa mill-membri tal-kunsill David Agius Muscat u Joe Borg, ġiet innotata t-telqa kbira li jinsab fiha l-arkivju. Bis-saħħa tar-riċerka ppreżentata liċ-Ċentru tat-Teknoloġija u l-Komunikazzjoni tal-Università ta' Malta, *Il-Librerija u l-Arkivju tal-Akkademja tal-Malti*, David Agius Muscat ta rendikont ta' kulma fih l-arkivju u t-tqassim organizzat tiegħu.

## Il-wirt ta' Karmen Mikallef Buħaġar

F'Awwissu 2006 waslet l-ewwel korrispondenza mingħand l-assessuri Anthony Gold Solicitors b'rabta mal-wirt li l-aħwa Mikallef Buħaġar ħallew lill-Akkademja tal-Malti.

## Il-kunsill għas-sentejn 2007-2009

Il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tas-Sibt, 15 ta' Settembru 2007 saret il-Furjana fis-sala ta' taħt il-Knisja tal-Metodisti. Anton Agius Muscat inħatar President. Il-bqija tal-kunsill kien magħmul minn George Farrugia (Viċi President), Olvin Vella (Segretarju), David Agius Muscat (Teżorier), Sergio Grech (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Saviour Camilleri (Assistent Segretarju), Joseph P. Borg (Assistent Teżorier u Arkivista), l-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Clare Azzopardi, Claire Zerafa u Nikol Vassallo.

Il-kunsill iltaqa' 16-il darba, mis-26 ta' Settembru 2007 sal-31 ta' Awwissu 2009. Il-biċċa l-kbira tal-laqgħat saru fil-bini tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Furjana, fl-uffiċċju tal-*Policy Unit*, fil-fojer jew fis-Sala Giuseppi Despot.

**Il-pubblikazzjonijiet**

*Il-Malti* – ħarġa letterarja (2008) kien ippubblikat f'Settembru 2009. Il-bord editorjali kien magħmul mill-President Anton Agius Muscat (editur) u David Agius Muscat, Joe Borg, Bernard Micallef, Trevor Żahra u Claire Zerafa.

F'Ottubru 2005 bdiet il-ħidma biex jinġabru 'l fuq minn ħamsin artiklu ta' Ġużè Gatt, imxerrdin f'għadd ta' ġurnali, bil-ħsieb li l-Akkademja toħroġhom f'edizzjoni speċjali ta' *Il-Malti*.

**Iċ-ċirkularijiet**

Il-kunsill ħa ħsieb jippubblika żewġ ċirkularijiet oħra, waħda f'Marzu 2008 u oħra f'April 2009 b'tagħrif fuq l-attivitajiet u l-proġetti tagħna. Fihom sellimna lill-membri li ħallewna: Karmenu Ellul Galea (m. 29.01.2007); Pawlu Galea Curmi (m. 6.03.2007); Mario Serracino Inglott (m. 22.09.2007); Ġorġ Mifsud-Chircop (m. 19.12.2007); Kilin (m. 8.07.2008); Pawlu Aquilina (m. 29.01.2009) u Charles Clews (m. 29.01.2009). Sellimna wkoll lil Karmen Mikallef Buħaġar fil-ħarġa ta' Marzu 2008 (m. 23.01.2005).

Fl-avviż tat-28 ta' April 2008 ngħatat it-tagħrifa fuq il-ħlas tas-sħubija bil-munita l-ġdida tal-ewro: €7 (Lm3) fis-sena għall-membri anzjani u €12 (Lm5.15) fis-sena għall-membri.

**Il-portfolju tal-Kantilena**

Bil-ħsieb li titfakkar l-erbgħin sena mix-xandir tas-sejba tal-Kantilena fid-29 ta' Ottubru 1968, beda jitfassal portfolju prestiġjuż b'tagħrif fuq il-Kantilena. Dan inkluda kopja tal-Kantilena, tagħrif dwar is-sejba tagħha u t-traduzzjoni tal-għanja ta' Pietru Caxaro f'diversi ilsna, fosthom bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż, biblijografija ġenerali u diska kompatta bil-qari tal-Kantilena minn Dr Martin Zammit. Bħala omaġġ, id-diska tinkludi wkoll l-ilħna tal-Prof. Wettinger u ta' Patri Fsadni.

## Taħdita u żewġ seminars fuq il-Kantilena

Fil-5 ta' Novembru 2008 l-Akkademja organizzat programm imżewwaq fil-Knisja tad-Dumnikani, ir-Rabat, li kien jinkludi l-qari tal-poeżija Medjevali minn Dr Martin Zammit, id-daqq ta' melodiji Medjevali mill-Ġukulari Ensemble u t-taħdita fuq il-Kantilena mill-Prof. Alexander Borg (li jgħallem fl-Università tan-Negev, Iżrael) flimkien ma' qari ieħor dwar is-sejba tal-Kantilena minn George Farrugia. Fi tmiem l-attività, li saret bil-patroċinju tal-President ta' Malta Dr Eddie Fenech Adami, Joe Borg f'isem l-Akkademja tal-Malti ppreżenta tifkira xierqa lill-Prof. Wettinger u lil Patri Fsadni bħala radd ta' ħajr għas-snin ta' riċerka tagħhom.

Il-Mużew Palazzo Falson stieden lill-Akkademja biex jissoktaw it-tifkiriet tas-sejba tal-Kantilena matul il-Festival Medjevali li kien qed jiġi organizzat fl-Imdina. L-Akkademja u l-Palazzo Falson organizzaw żewġ seminars: is-Sibt, 18 ta' April 2009 saret l-ewwel taħdita mill-Prof. Stanley Fiorini bit-titlu "Il-Kantilena ta' Pietru Caxaro: bejn lingwa u storja" u l-għada l-Ħadd, 19 ta' April saret it-tieni taħdita mill-Prof. Godfrey Wettinger bit-titlu "Pietru Caxaro, Uliedu u Omm Uliedu".

## Ġieħ mistħoqq lil Patri Mikiel Fsadni

L-Akkademja tal-Malti ħadet ħsieb tressaq in-nomina ta' Patri Fsadni lill-kumitat tan-nomini għal Ġieħ ir-Repubblika fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. In-nomina kienet sekondata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università, mill-Istitut tal-Lingwistika tal-Università u mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kif ukoll mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Bi pjaċir kbir għalina, Patri Mikiel Fsadni kiseb l-Ordni Nazzjonali tal-Mertu f'Jum ir-Repubblika 2008.

## Id-*Deċiżjonijiet 1* mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (KNM)

F'Awwissu 2008 l-Akkademja ħarġet stqarrija biex tifraħ lill-KNM għall-ħruġ tad-*Deċiżjonijiet 1* – ir-regoli ortografiċi l-ġodda tal-kitba Maltija – xogħol li ssokta l-ħidma tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti – bil-għan li tittieħed deċiżjoni u tkun iċċarata d-diffikultà bil-varjanti ortografiċi fil-kitba bil-Malti.

L-Akkademja tal-Malti ferħet lill-Kunsill li d-*Deċiżjonijiet 1* wasal għalihom wara konsultazzjoni mal-pubbliku, partikolarment il-kittieba, it-tradutturi u l-għalliema.

Is-sit elettroniku tal-Akkademja ġie aġġornat mad-*Deċiżjonijiet 1* bil-għajnuna ta' Thomas Pace.

**L-Akkademja tissieħeb fil-Kungress tal-Awturi Ewropej (EWC)**

Il-kunsill issokta l-ħidma li nbdiet mill-kunsill preċedenti u f'Settembru 2008 l-Akkademja applikat biex tissieħeb fil-EWC. L-Akkademja ġiet approvata unanimament bħala membru sħiħ waqt il-laqgħa tal-bord tal-EWC tas-16 u s-17 ta' Jannar 2009 u ġiet ikkonfermata fil-21 ta' Ġunju 2009 fl-assemblea ġenerali, wara l-Konferenza *Mare Nostrum V* li saret f'Marsilja. Dr Marco Galea rrappreżenta lill-Akkademja f'dil-Konferenza Ġenerali Annwali tal-EWC fi Brussell u fil-laqgħa tal-24 ta' Ġunju 2009.

**Appoġġ fil-produzzjoni tad-diska kompatta *Ommi***

L-Akkademja ngħaqdet ma' għadd ta' entitajiet li sponsorjaw id-diska kompatta *Ommi*, bil-vuċi ta' Doreen Galea u l-mużika tal-kompożitur Dominic Galea.

**It-tħaddim tal-fondi finanzjarji tal-Akkademja**

Il-President Anton Agius Muscat ressaq abbozz ta' regolamenti statutorji li jorbtu lill-membri kustodji dwar il-wirt Mikallef Buħaġar u nżamm kuntatt mal-eżekuzzjoni tal-wirt mis-*solicitors* Ingliżi. Il-kunsill ressaq mozzjoni importanti quddiem il-membri (meħmuża mal-avviż tal-Laqgħa Ġenerali tal-5 ta' Settembru 2009) għall-approvazzjoni tagħhom.

**Dar Doreen Micallef**

Dar l-Akkademja tal-Malti issa bdiet tissejjaħ Dar Doreen Micallef, wara li l-Ministeru tal-Edukazzjoni għadda l-appartament li kienet tgħix fih din

il-poetessa lill-Akkademja tal-Malti. Madankollu, il-kwistjoni li kien hemm mad-Dipartiment tad-Djar fuq dan l-appartament baqgħet pendenti bla ma nafu jekk l-ispejjeż li jistgħu jsiru fiha jirrendux favur l-Akkademja.

### Laqgħa mal-President ta' Malta

Nhar is-26 ta' Mejju 2009 saret żjara lill-President ta' Malta, Dr George Abela, fil-Palazz, il-Belt. Il-President ta widen għall-appell biex kull komunikazzjoni uffiċjali li toħroġ mill-uffiċċju tiegħu tkun qabelxejn bil-Malti. Huwa fisser li diġà ħa ħsieb jara li l-istatut tal-Community Chest Fund jinqaleb fi lsienna u stieden lill-Akkademja biex fil-futur qrib, u b'mod partikulari f'Jum l-Akkademja, tibda ssir attività taħt il-patroċinju tiegħu. Anton Agius Muscat ippreżenta għadd ta' kopji ta' *Il-Malti* lill-President ta' Malta bħala tifkira u apprezzament ta' din iż-żjara ta' kortesija.

### In-nomini għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Fil-laqgħa tal-24 ta' Novembru 2008 l-kunsill ressaq mill-ġdid in-nomina tiegħu għall-kariga ta' President tal-KNM. Fl-istess laqgħa nħatar mill-ġdid George Farrugia bħala r-rappreżentant tal-Akkademja fil-KNM. F'laqgħa numru 15, tat-22 ta' Lulju 2009, il-kunsill ressaq l-ismijiet għall-ħames kapijiet tal-Kumitati Tekniċi fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti skont l-Att dwar l-Ilsien Malti tal-2005 (Kap. 470).

### Ħatra ta' Membri Onorarji

Fil-laqgħa tat-22 ta' Lulju 2009, il-kunsill għadda mozzjoni *nem. con.* li fiha l-Prof. Albert Borg, il-Prof. Oliver Friggieri u l-Prof. Manwel Mifsud inħatru Membri Onorarji.

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

**Bezzina** Stephen **Bonanno**
Joseph P. **Borg** Lawrenz
**Cachia** Mario **Cassar** Reno
**Fenech** Daniel **Meilak** Bernard
**Micallef** Immanuel **Mifsud**
Ġorġ **Mifsud-Chircop** Joseph
**Vella** Winston L. **Zammit**
**Bezzina** Stephen **Bonanno**
Joseph P. **Borg** Lawrenz
**Cachia** Mario **Cassar** Reno
**Fenech** Daniel **Meilak** Bernard
**Micallef** Immanuel **Mifsud**
Ġorġ **Mifsud-Chircop** Joseph
**Vella** Winston L. **Zammit**
Daniel **Bezzina** Stephen
**Bonanno** Joseph P. **Borg**
Lawrenz **Cachia** Mario **Cassar**
Reno **Fenech** Daniel **Meilak**
Bernard **Micallef** Immanuel
**Mifsud** Ġorġ **Mifsud-Chircop**
Joseph **Vella** Winston L.
**Zammit** **Bezzina** Stephen
**Bonanno** Joseph P. **Borg**
Lawrenz **Cachia** Mario **Cassar**
Reno **Fenech** Daniel **Meilak**
Bernard **Micallef** Immanuel
**Mifsud** Ġorġ **Mifsud-Chircop**
Joseph **Vella** Winston L.
**Zammit** **Bezzina** Stephen
**Bonanno** Joseph P. **Borg**
Lawrenz **Cachia** Mario **Cassar**
Reno **Fenech** Daniel **Meilak**
Bernard **Micallef** Immanuel
**Mifsud** Ġorġ **Mifsud-Chircop**
Joseph **Vella** Winston L.
**Zammit** **Bezzina** Stephen
**Bonanno** Joseph P. **Borg**
Lawrenz **Cachia** Mario **Cassar**
Reno **Fenech** Daniel **Meilak**
Bernard **Micallef** Immanuel



*Adaġjo mdemmi*
Żejt fuq tila, 2008, 80 x 60ċm
**Anthony Catania**

ISBN 978-99932-7-478-0

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI